



Dokument ta' sessjoni

A9-0087/2023

28.3.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE
(COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Antonius Manders

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	76
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	78
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	138
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	248
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET	331
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	394
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	395

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE (COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0851),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0466/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0087/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(TFUE), l-Unjoni hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent.

(TFUE), l-Unjoni hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent. ***L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa' li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-habitats – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali, filwaqt li jiġu promossi miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġu ttrattati l-problemi ambjentali reġjonali jew dinjin.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent trid tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità, tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas. Meta jitqies li l-impatt tar-reati ambjentali jaffettwa wkoll id-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li l-ġlieda kontra r-reati ambjentali tkun prijorità fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu

dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħlqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. ***Fi ffit deċennji biss, ir-reati ambjentali saru r-raba' l-akbar settur kriminali fid-dinja, li kiber minn darbtejn sa tliet darbiet aktar malajr mill-ekonomija globali^{1a, 1b} u issa qed iħalli qligħ daqs it-traffikar tad-droga^{1c}.*** Dawn ir-reati joħlqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons ***proporzjonat, xieraq u effettiv, li jirrikjedi kooperazzjoni transfruntiera effettiva.***

^{1a} ***INTERPOL-UN Environment (2016), Strategic Report: Environment, Peace and Security, A Convergence of Threats.***

^{1b} ***UNEP (2018), The State of knowledge of crimes that have serious impacts on the environment.***

^{1c} ***Eurojust (2021), Rapport sur le travail d'Eurojust sur les crimes environnementaux.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pieni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pieni amministrattivi.

Emenda

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pieni kriminali ***xierqa li jkunu dissważivi biżżejjed u proporzjonati għall-gravità tar-reati***, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pieni amministrattivi. ***F'ħafna Stati Membri, ir-reati ambjentali ma jaqgħux fi ħdan il-qafas tad-dritt kriminali. Id-dritt kriminali ambjentali jenħtieġ li jsir għodda li tkun separata mid-dritt***

amministrattiv u li tikkomplementa tali dritt biex tipprevjeni l-imġiba illegali li tagħmel ħsara lill-ambjent u li sservi ta' deterrent għal tali mġiba.

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Jenħtieġ li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq l-aktar ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu sabiex jittejbju kemm l-effett ta' deterrent tagħhom kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli ***għall-identifikazzjoni***, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet dwarhom.

Emenda

(4) Jenħtieġ li ***d-detezzjoni***, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u ***jenħtieġ li*** jiżdiedu kategoriji addizzjonali ***mmirati*** ta' reati bbażati ***biss*** fuq l-aktar ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjonijiet regolari tal-impatt ta' din id-Direttiva u dwar il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' reati kriminali ambjentali prevista f'din id-Direttiva.*** Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet ***u l-pieni*** jenħtieġ li jissaħħu ***u jiġu adattati għal-livell ta' gravità u d-durata tal-ħsara kkawżata*** sabiex jittejbju kemm l-effett ta' deterrent ***u kumpensatorju*** tagħhom, kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli ***għad-detezzjoni***, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet dwarhom.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009²¹ u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ċerta mġiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.

imħassar

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

²² **IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.**

²³ **IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI** *Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final.*

²⁴ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).*

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment u, ***f'ċerti każijiet***, anke meta titwettaq b'negliġenza serja. L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew ***korriment serju lil persuni***, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent

Emenda

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent, ***irrispettivament mill-bażi legali tagħha***, jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment u anke meta titwettaq b'negliġenza serja. L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew ***ħsara serja lis-saħħa ta' kwalunkwe persuna***, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew

tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq b'negliġenza serja. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq b'negliġenza serja. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Imgħiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni **jew** koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazżjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda

(8) Imgħiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, **inkluż f'sitwazzjonijiet li fihom id-detentur tal-awtorizzazzjoni kien jaf jew kellu jkun jaf li l-imgħiba tkun tikkawża ħsara sostanzjali prevedibbli lill-ambjent jew lis-saħħa fil-mument li ngħatat l-awtorizzazzjoni**, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni, koerċizzjoni, **jew permezz ta' kwalunkwe mgħiba illegali oħra. Imgħiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta tikser kundizzjoni tal-awtorizzazzjoni. Mill-mument li mgħiba ssir illegali, it-trasgressur jenħtieġ li ma jitħalliex juża l-għoti ta' awtorizzazzjoni biex jevita li jinżamm kriminalment responsabbli.** Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazżjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda 9

**Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) *Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, definizzjoni armonizzata u aċċettata ta' x'jikkostitwixxi reat ambjentali għadha ma teżistix fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali. Din id-Direttiva għandha l-għan li ttipprovi qafas ġenerali billi tiddefinixxi reat awtonomu ta' kriminalità ambjentali, minbarra s-sett komuni ta' reati ambjentali speċifiċi fl-Unjoni kollha li huma definiti b'referenza għal ksur tal-leġiżlazzjoni settorjali ambjentali rilevanti tal-Unjoni. Bi qbil mal-leġiżlazzjoni eżistenti f'sistemi nazzjonali differenti tal-liġi kriminali, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw kategoriji awtonomi ta' reati ambjentali.*

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw il-ġbir, it-trasport, l-irkupru jew ir-rimi ta' skart tad-drogi li jikkawża jew x'aktarx li jikkawża l-mewt jew ħsara serja lis-saħħa ta' kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lill-annimali jew lill-pjanti. Dik il-kriminalizzazzjoni jenħtieġ li tinkludi is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet, il-manutenzjoni tas-siti tar-rimi u l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart. L-industrija tas-sustanzi kimiċi għandha r-responsabbiltà li tkun taf fejn jispiċċaw il-*

prodotti tagħha u kif jintużaw il-prodotti tagħha. F'każijiet fejn ikun hemm suspett raġonevoli li l-prodotti jintużaw illegalment, jew huma konnessi direttament mal-kriminalità marbuta mad-droga, jenħtieġ li l-provvista tal-prodotti titwaqqaf minnufih.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8c) Jenħtieġ li "persuni ġuridiċi" tinftiehem bħala li ma tinkludix l-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi, l-Istati jew il-korpi pubbliċi li jeżerċitaw awtorità tal-Istat, sakemm id-dritt nazzjonali ma jippermettix li jiġu kkunsidrati bħala inklużi l-korpi pubbliċi li jeżerċitaw awtorità tal-Istat.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-habitats – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali.

imħassar

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonossiment tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali. Għalhekk, meta l-leġislazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll kwalunkwe leġislazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda jipprojbixxu mġiba ġdida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi **emendata** sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju l-ġdid tad-dritt ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi użati għad-definizzjoni ta' reati kriminali ambjentali jenħtieġ li jiġu ċċarati billi tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu vvalutati tali limiti mill-awtoritajiet li jinvestigaw, jibdew proċedimenti kontra u

Emenda

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonossiment tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali. Għalhekk, meta l-leġislazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll kwalunkwe leġislazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda jipprojbixxu mġiba ġdida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi **riveduta mill-aktar fis possibbli** sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju l-ġdid tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, **filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, sabiex isir progress lejn l-istabbiliment ta' kodiċi tal-liġi kriminali ambjentali tal-Unjoni, li huwa neċessarju peress li reat ambjentali spiss ikollu dimensjoni transfruntiera.**

Emenda

(11) Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi użati għad-definizzjoni ta' reati kriminali ambjentali jenħtieġ li jiġu ċċarati billi tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jenħtieġ li jitqiesu, **fejn rilevanti**, meta jiġu vvalutati tali limiti mill-awtoritajiet li **jidentifikaw**,

jiddeċiedu dwar ir-reati. Jenġtieg li dan jippromwovi l-applikazzjoni koerenti tad-Direttiva u għieda aktar effettiva kontra r-reati ambjentali kif ukoll jipprevedi ċertezza legali. Madankollu, tali limiti jew l-applikazzjoni tagħhom jenġtieg li ma jagħmlux l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati kriminali diffiċli żżejjed.

jinvestigaw, jibdew proċedimenti kontra u jiddeċiedu dwar ir-reati. Jenġtieg li dan jippromwovi l-applikazzjoni koerenti tad-Direttiva u għieda aktar effettiva kontra r-reati ambjentali kif ukoll jipprevedi ċertezza legali. Madankollu, tali limiti jew l-applikazzjoni tagħhom jenġtieg li ma jagħmlux **id-detezzjoni**, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati kriminali diffiċli żżejjed.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenġtieg li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenġtieg li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negożju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenġtieg li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-

Emenda

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenġtieg li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. **L-involviment ta' gruppi ta' kriminalità organizzata f'reat ambjentali, jew it-twettiq ta' reat għall-benefiċċju ta' tali gruppi, jenġtieg li jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti.** Il-proċedimenti kriminali jenġtieg li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negożju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenġtieg li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet,

għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri.

li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri. ***Meta jitqies ir-rwol li l-awtoritajiet pubbliċi jiżvolġu fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-imġiba illegali, it-twettagħ ta' reati ambjentali minn uffiċjali pubbliċi meta jaqdu dmirjiethom, jew l-involviment tagħhom f'tali reati, jenħtieġ li jitqies bħala ċirkostanza aggravanti meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonar.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom imwettqa intenzjonalment ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali li jikkawża mewt jew ***korriment serju*** ta' persuna, ħsara sostanzjali ***lill-ambjent*** jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

Emenda

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom imwettqa intenzjonalment ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali li jikkawża mewt jew ***ħsara serja lis-saħħa*** ta' ***kwalunkwe*** persuna, ħsara sostanzjali ***lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-bijodiversità, lis-sistemi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lill-annimali jew lill-pjanti***, jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 14

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet **u** konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan l-għan, ***fid-definizzjoni u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll il-benefiċċji finanzjarji akkumulati mit-twettiq tar-reat, il-livell tal-ħsara kkawżata, kif ukoll il-potenzjal għar-restawr tal-ambjent u l-kostijiet involuti f'tali restawr.*** Jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet ***jew il-miżuri*** aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali ***f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali.*** Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet, konċessjonijiet ***u liċenzji*** u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet ***u l-pubblikazzjoni tas-sentenzi. F'każijiet fejn trasgressur ma jkunx f'kapaċità li jirrestawra l-ambjent, jenħtieġ li jkunu applikabbli sanzjonijiet addizzjonali. Is-sanzjonijiet jenħtieġ li jinkludu wkoll skwalifika mill-funzjonijiet u projbizzjonijiet ta' kandidatura għal kariga eletta jew pubblika.*** Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi dan***, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li ***tiġi kkunsidrata*** biex ***tiġi żgurata*** d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

Emenda 19

**Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 20

**Proposta għal direttiva
Premessa 16**

Emenda

(15) Jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva, ***meta jkunu trasgressuri, istigaturi jew kompliċi fir-reati***. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. ***Is-severità u n-natura tar-reat f'termini tal-iskala tiegħu u tal-irreversibbiltà tal-ħsara li tirriżulta mir-reat kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiġu kkunsidrati*** biex ***jiġu żgurati l-proporzjonalità u d-dissważività*** tas-sanzjoni imposta.

Emenda

(15a) Huwa importanti li jiġu stabbiliti malajr regoli tal-Unjoni sodi għal diliġenza dovuta komprensiva. Għalhekk, sanzjonijiet addizzjonali għal persuni ġuridiċi jenħtieġ li jinkludu l-obbligu għall-kumpaniji li jstabbilixxu skemi ta' diliġenza dovuta għal konformità msaħħa mal-istandards ambjentali.

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew **il-korriment serju** ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, **dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod**, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, **dan** jenħtieġ li **jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju**. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li **tista' tiġi ġġenerata** jew li **tista' tiġi evitata** permezz ta' reat ambjentali **hija** inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt **ta' persuna** jew **ħsara serja lis-saħħa** ta' **kwalunkwe** persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, **jew** meta reat kriminali ambjentali jikkawża **qerda jew** ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, **jew ir-reat twettaq f'żona protetta, bħal żona fl-ambitu ta' Natura 2000, jew f'żona fejn ir-reat x'aktarx li jkollu impatt sinifikanti fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni għal sit protett, dawn jenħtieġ li jkunu ċirkostanzi aggravanti. Meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara serja u mifruxa, jew serja u fit-tul, jew serja u irriversibbli lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, jew lill-annimali jew lill-pjanti, tali reat jenħtieġ li jitqies bħala reat ta' gravità partikolari, u jiġi ssanzjonat bħala tali f'konformità mas-sistemi legali tal-Istati Membri, li jkopru l-ekoċidju, li n-Nazzjonijiet Uniti bħalissa qed jaħdmu fuq definizzjoni internazzjonali uffiċjali għalih**. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li **jistgħu jiġu ġġenerati** jew li **jistgħu jiġu evitati** permezz ta' reat ambjentali **huma** inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li **jiġu kkalkolati bl-aktar mod eżatt possibbli u** jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ **jiġi kkonfiskat**.

Emenda

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. **L-awtoritajiet gudzjarji kompetenti jenħtieġ li jkollhom id-dritt jordnaw il-waqfien immedjat tal-imġiba illegali jew jimponu miżuri biex jipprevjenu l-eżekuzzjoni ta' tali mġiba, sabiex tiġi evitata ħsara lill-ambjent.** Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ **u rikavati u strumenti oħra jiġu kkonfiskati u ġestiti b'mod xieraq, skont in-natura tagħhom, u, fejn possibbli, jintużaw biex jipprevjenu r-reati ambjentali, jiffinanzjaw ir-restawr tal-ambjent, ir-rimedju ta' kwalunkwe dannu kkawżat u l-kumpens għad-dannu jew għall-ħsara kkawżati mill-imġiba illegali, f'konformita mad-dritt nazzjonali.**

Emenda 22

**Proposta għal direttiva
Premessa 18a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Minkejja l-benefiċji ta' din id-Direttiva għat-titjib tal-koerenza legali fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni għadha tiffaccha l-frammentazzjoni regolatorja f'dan il-qasam u nuqqas ta' uniformita f'termini legali u prattiċi. Id-differenzi fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar ir-reati u r-responsabbilta ambjentali jfissru li bħalissa hemm nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tal-Unjoni, u b'riżultat ta' dan, il-funzjonament tajjed tas-suq intern qiegħed jiġi ostakolat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tikkomplementa din id-Direttiva b'oqsma ta' politika oħra, li jistgħu jiġu armonizzati bis-sħiħ permezz ta' regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa wkoll linji gwida sabiex jgħinu

lill-Istati Membri fit-tħejja ta' sanzjonijiet armonizzati, effettivi, dissważivi u proporzjonati.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) F'konformità mat-titjib tal-koerenza legali fil-livell tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn meħtieġ, tipproponi li jiġu aġġornati l-lista ta' reati kriminali ambjentali u d-definizzjonijiet korrispondenti ġodda stabbiliti f'din id-Direttiva.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra **effettivi, proporzjonati, dissważivi u ta' deterrent** fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-

Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv.

Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa **neċessarja u xierqa** ta' **metodi ta' prevenzjoni, pieni u** sanzjonijiet kriminali, **konfiska** u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta, **opportun, proporzjonat** u effettiv.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Il-persuni ġuridiċi kkundannati għal reati kriminali elenkati fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jitneħħew b'mod temporanju mir-Reġistru tat-Trasparenza stabbilit skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea. Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jirriżultaw f'tali kundanni jenħtieġ li jkunu aċċessibbli fl-Istati Membri kollha u jintbagħtu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni inkarigati mir-Reġistru tat-Trasparenza. Għalhekk, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jadattaw il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru tat-trasparenza obligatorju biex jippermettu t-tneħħija temporanja ta' persuni ġuridiċi kkundannati għal reati kriminali.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) Ir-reati kriminali ambjentali

(24) Ir-reati kriminali ambjentali

jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, in-nies jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw **il-benesseri** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Persuni oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu **jkunu** membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà iġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u

jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, in-nies **u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw **l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u l-benesseri** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda

(25) Persuni **fiżiċi jew ġuridiċi** oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu **jinkludu** membri tal-komunità affettwati, **organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi**, jew membri tas-soċjetà iġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali

l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw **il-protezzjoni**, l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw il-ħtieġa li joħlqu strumenti f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom biex persuni jkunu jistgħu jirrapportaw reati ambjentali b'mod anonimu, fejn tali strumenti għadhom ma jeżistux.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25b) Bħala parti mill-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025) il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, jenħtieġ li taħdem fuq it-titjib tal-aċċess tal-vittmi għal kumpens, inklużi l-vittmi ta' reati ambjentali. Din tista' tinkludi, jekk meħtieġ, l-istabbiliment ta' fond nazzjonali għall-kumpens tal-vittmi li jista' jiġi ffinanzjat, fost l-oħrajn, permezz ta' multi imposti għal reati ambjentali u l-

kumpens għal ħsara ambjentali prevista f'din id-Direttiva u, fejn applikabbli, possibbilment permezz tar-rikavati minn u l-istrumenti użati jew maħsuba biex jintużaw fit-twettiq, jew biex jikkontribwixxu għat-twettiq, tar-reat, li jkunu ġew ikkonfiskati f'konformità ma' din id-Direttiva.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Miżuri ta' prevenzjoni komprensivi u effettivi u sanzjonijiet u pjeni kriminali dissważivi u proporzjonati huma deterrenti importanti kontra l-ħsara ambjentali u r-reati ambjentali. F'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", min iniġġes jenħtieġ li jġarrab l-ispejjeż kollha tal-ħsara ambjentali li jkun ikkawża. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dħul iġġenerat minn multi mmirati jintuża biex jikkontribwixxi għall-kost ta' miżuri preventivi, taħriġ speċjalizzat, għodod ta' investigazzjoni, u l-finanzjament ta' riżorsi biex jiġu identifikati, investigati, jinbdew proċedimenti kontra reati kriminali ambjentali jew tittieħed deċiżjoni dwarhom.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26b) Bħala miżura ta' prevenzjoni, il-persuni ġuridiċi huma mħeġġa jaħtru uffiċjal għall-konformità ambjentali li jrid ikun responsabbli għaż-żamma ta'

rekords sabiex tiġi pprovduta informazzjoni lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji, għal proċeduri ta' skoperta jew ċitazzjonijiet possibbli, biex jiġi identifikat min huwa trasgressur u min mhux. L-azzjonijiet ta' uffiċjal għall-konformità ambjentali, fejn xieraq, jistgħu jkunu fattur ta' mitigazzjoni meta l-uffiċjal jagħti lill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji informazzjoni li altrimenti ma setgħux jiksbu, meta persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli għar-reati mwettqa.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) In-nuqqas ta' riżorsi u ta' setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati kriminali ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom joħloq ostakli għall-prevenzjoni u l-kastig effettivi tar-reati ambjentali. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu kwalunkwe azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lit-trasgressuri jaħarbu mir-responsabbiltà jew li jirċievu kastig li ma jikkorrispondix mal-gravità tar-reat. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji minimi dwar ir-riżorsi u s-setgħat ta' infurzar.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Premessa 28

Emenda

(27) In-nuqqas ta' riżorsi u ta' setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali **u awtoritajiet rilevanti oħra** li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati kriminali ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom joħloq ostakli għall-prevenzjoni u l-kastig effettivi tar-reati ambjentali. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu kwalunkwe azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lit-trasgressuri jaħarbu mir-responsabbiltà jew li jirċievu kastig li ma jikkorrispondix mal-gravità tar-reat. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji minimi dwar ir-riżorsi u s-setgħat ta' infurzar.

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li **jikkunsidraw ukoll li jallokaw** unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. **Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu** jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku **jkun** disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku **u appoġġ finanzjarju**, kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ **ukoll, meta xieraq u f'konformità mad-dritt nazzjonali**, li **jassenjaw** unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali **u** jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku **u l-appoġġ finanzjarju jkun** disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

(30a) Minħabba l-impatt finanzjarju kbir tar-reati ambjentali, ir-rabta potenzjali tagħhom ma' reati finanzjarji serji oħra, kif ukoll in-natura transfruntiera tagħhom, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fuq ir-reati ambjentali l-iktar serji b'dimensjoni transfruntiera. Peress li bħalissa l-kompetenzi tal-UPPE

huma limitati għar-reati finanzjarji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeçifika f'rapport il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kompetenzi tal-UPPE f'kooperazzjoni mal-Eurojust biex jinkludu reati ambjentali transfruntieri serji, u l-arranġamenti għal tali estensjoni.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preçiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preçiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni, u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku online, data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali, ***b'mod partikolari li tispeçifika sanzjonijiet imposti fuq it-trasgressuri. Fil-livell tal-Unjoni***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet

kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

kriminali *ambjentali, kif ukoll dwar il-miżuri, il-mezzi u r-riżorsi meħtieġa għall-prevenzjoni tar-reati ambjentali u l-ġlieda kontribom u biex il-liġi ambjentali tal-Unjoni tiġi infurzata kif xieraq*, sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *il-leġiżlazzjoni* tal-Unjoni, li *irrispettivament mill-bażi ġuridika tagħha tikkontribwixxi* għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Emenda

(a) *id-dritt* tal-Unjoni, li *jikkontribwixxi* għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett *lil-leġiżlazzjoni* tal-Unjoni *msemmi* fil-punt (a).

Emenda

(b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett *lid-dritt* tal-Unjoni *msemmi* fil-punt (a).

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod

Emenda

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod

frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni, **jew meta tali mgħiba tikser kundizzjoni tal-awtorizzazzjoni;**

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) "serja", għall-fini tal-Artikolu 3, il-paragrafu 1a, fir-rigward ta' ħsara, tfisser li tali ħsara tinvolve bidliet negattivi, tfixkil jew ħsara kbar ħafna lil kwalunkwe element tal-ambjent, inklużi impatti sinifikanti fuq il-ħajja tal-bniedem jew fuq ir-riżorsi naturali;

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) "mifruxa", għall-fini tal-Artikolu 3, il-paragrafu 1a, fir-rigward ta' ħsara, tfisser li tali ħsara testendi lil hinn minn żona ġeografika limitata, li taqsam il-fruntieri tal-Istati, jew li tiġġarrab minn ekosistema jew speċi sħiħa jew minn għadd kbir ta' bnedmin;

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) "fit-tul", għall-fini tal-Artikolu 3, il-paragrafu 1a, fir-rigward ta' ħsara, tfisser li tali ħsara ma tistax tiġi

*rrimedjata permezz ta' rkupru naturali
f'perjodu ta' żmien raġonevoli;*

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;

Emenda

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi, **sakemm id-dritt nazzjonali ma jippermettix li l-korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat jiġu inklużi;**

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 jew 4. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, il-persuni li jkollhom interess suffiċjenti jew li jsostnu it-telf ta' dritt kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 jew 4. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, il-persuni li jkollhom interess suffiċjenti jew li jsostnu it-telf ta' dritt kif ukoll **organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi** organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

(5a) "ħsara ambjentali" tfisser ħsara kbira lis-saħħa ta' kwalunkwe persuna, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lill-annimali jew lill-pjanti, li hija detrimental għal kwalunkwe ħaġa li tikber, tiffjorixxi u tgħix, inkluż, iżda mhux biss, il-ħsara kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/35/KE;

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew **il-korriment serju lil** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi, **enerġija**, jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew **ħsara kbira lis-saħħa ta'** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi**, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew **il-korriment serju lil** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja,

(b) it-tqegħid fis-suq **jew il-kummerċ illegali, inkluż online**, ta' prodott li **l-użu tiegħu**, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew **ħsara kbira lis-saħħa**

tal-ilma jew *tal-ħamrija*, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

ta' kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, *lill-kwalità tal-ħamrija* jew *lill-kwalità tal-ilma*, jew *lill-bijodiversità, lis-sistemi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi*, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda

(c) il-manifattura, it-tqegħid *jew l-introduzzjoni* fis-suq, *l-importazzjoni fis-suq u l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, inkluż online*, jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew *il-korriment serju lil* kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew *ħsara kbira lis-saħħa ta'* kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew *lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi*, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) kwalunkwe mġiba li tikser ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} **Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).**

Emenda 52

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) ir-rilaxx deliberat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati, kif ukoll il-kultivazzjoni u t-tqegħid fis-suq tagħhom fejn tali attivitajiet ikunu illegali skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fejn tali attivitajiet jikkawżaw jew x'aktarx li jikkawżaw ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-bijodiversità, lisservizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 53

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi

(e) il-ġbir, it-trasport, *it-trattament*, l-

ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mgħiba illegali:

irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mgħiba illegali:

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew **il-korriment serju lil** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew **ħsara kbira lis-saħħa ta'** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi**, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu **msemmija** fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet **individwali**, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma, sakemm każijiet ripetuti mill-istess

Emenda

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu **kif definiti fl-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 2008/56/KE jew imsemmija** fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet **minuri**, meta l-iskariku mill-bastimenti ma

trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;

jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma ***jew tal-ambjent tal-baħar***, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma ***jew tal-ambjent tal-baħar***;

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew ***il-korriment serju lil*** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-

Emenda

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew ***ħsara kbira lis-saħħa ta'*** kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-

Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, **id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷** jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u

Emenda

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u

2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-

Emenda

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art ***fis-sens tad-Direttiva 2000/60/KE*** li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

Emenda

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ, ***inkluż online***, ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-

Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-impjant tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, **ħlief għal każijiet fejn l-impjant tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;**

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-impjant tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari **u ma taffettwax il-ħabitats naturali ta' dawn l-ispeċijiet sa grad konsiderevoli u ma tkunx ta' periklu għall-isforzi ta' stabbilizzazzjoni tal-popolazzjoni tagħhom;**

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹ **u l-importazzjonijiet ta' eżemplari ta' tali speċijiet, partijiet jew derivattivi tagħhom elenkati fl-Anness C ta' dak ir-Regolament;**

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni **ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta'** prodotti **tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali**, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) *Nru 995/2010* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵², ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli; **[jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.]**

⁵² *Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jstabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).*

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt o

PE737.290v02-00

40/395

RR\1275718MT.docx

Emenda

(n) l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni **u l-esportazzjoni mill-Unjoni, inkluż permezz ta' mezzi online, ta' komoditajiet rilevanti** jew prodotti **rilevanti**, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺, **meta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament għal tali introduzzjoni jew tqegħid fis-suq, jew tali esportazzjoni, ma jintlaħqux**, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli;

^{*} *Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 (ĠU ...)*

⁺ *OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 82/22 (2021/0366(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.*

Test propost mill-Kummissjoni

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' ħabitat **f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2)** tad-Direttiva 92/43/KEE, meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti;

Emenda

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' ħabitat **f'żona speċjali ta' konservazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6(2)** tad-Direttiva 92/43/KEE, **jew ta' ħabitat ta' speċi f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*+}**, meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti;

*** Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-restawr tan-natura (ĠU ...)**

+ OP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2022/0195(COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

Emenda 63

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p – punt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema,** jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 64

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt q**

Test propost mill-Kummissjoni

(q) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn sustanzi bħal dawn;

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1–30)

Emenda

(q) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, **inkluż online**, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn sustanzi bħal dawn;

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1–30)

Emenda 65

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ra) ksur serju skont it-tifsira tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009^{55a} u l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008^{55b};

^{55a} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE)

Nru 1966/2006 (ĠU L 343 22.12.2009, p. 1).

^{55b} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Emenda 66

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt rb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(rb) kwalunkwe mġiba li tikkawża nirien fil-foresti jew deterjorament sinifikanti ta' aktar minn ettaru ta' foresta;

Emenda 67

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe mġiba li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-ħsara serja lis-saħħa ta' kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema, jew lill-annimali jew lill-pjanti tikkostitwixxi reat kriminali meta tkun illegali u titwettaq intenzjonalment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe mġiba li tikkawża ħsara serja u mifruxa, jew

ħsara serja u fit-tul, jew ħsara serja u irriversibbli, tiġi ttrattata bħala reat ta' gravità partikolari u sanzjonata bħala tali f'konformità mas-sistemi legali tal-Istati Membri.

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1, ***il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r)*** tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettag b'mill-inqas negliġenza serja.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1 ***jew fil-paragrafu 1a*** tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettag b'mill-inqas negliġenza serja.

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-firxa tal-ħsara;

Emenda

(d) il-firxa tal-ħsara, ***inkluż kwalunkwe natura transfruntiera potenzjali;***

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) kwalunkwe benefiċċju finanzjarju li jirriżulta mill-ħsara kkawżata mit-trasgressuri;

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) id-durata tal-ksur jew tan-nuqqas ta' konformità;

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet, il-popolazzjonijiet jew il-habitats, l-ekosistemi u r-riżorsi naturali affettwati;

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) jekk ir-reat ikunx twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI, jew ikunx marbut ma' qtil, korruzzjoni, ħasil tal-flus, frodi, kontrafazzjoni ta' dokumenti, estorsjoni, koerċizzjoni jew forom oħra ta' intimidazzjoni.

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom

tispeċifika li r-reati elenkati fil-paragrafu 1, il-punti (ca), (cb), (ra) u (rb), huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi eskluża mir-responsabbiltà kriminali mgħiba li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara li, abbażi tal-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ma titqiesx bħala sostanzjali.

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, **il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p)**:

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, **fejn rilevanti**, meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema**, lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1:

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet **jew għiet** osservata;

Emenda

(a) L-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet, **għiet aġġornata jew** osservata;

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor;

Emenda

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, ***inkluż il-limitu ta' periklu u tossiċità***, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor;

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

Emenda

(c) l-istat ta' konservazzjoni ***tal-popolazzjonijiet rilevanti*** tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-kost tar-restawr tal-ħsara ambjentali.

Emenda

(d) il-kost tar-restawr tal-ħsara ambjentali, ***b'kont meħud tal-valur tas-servizz tal-ekosistema pprovdut.***

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li r-reati elenkati fil-paragrafu 1, il-punti (ca), (cb), (ra) u (rb), huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi eskluża mir-

responsabbiltà kriminali mgħiba fir-rigward ta' kwantitajiet determinati bħala negliibbli abbażi tal-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-mument li mgħiba ssir illegali, it-trasgressur ma jkunx jista' jinvoka l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni sabiex jevita r-responsabbiltà kriminali.*

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-ghajjnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) u **(1a)** l-ghajjnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j),**

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir

(k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

intenzjonalment, *meta rilevanti*.

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ikunu punibbli permezz ta' pjeni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa **u xierqa, inkluż li jkollhom proċeduri effettivi fis-seħħ**, biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ikunu punibbli permezz ta' pjeni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew **il-korriment serju lil** kwalunkwe persuna.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew **il-ħsara serja għas-saħħa ta'** kwalunkwe persuna.

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-putni** (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'terminu

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-punti** (ca), (cb), (k), (l), (m), (o), (p), (ra), (rb) u fl-

massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Artikolu 3(1a) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżviluppaw miżuri oħra minbarra l-priġunerija sabiex jikkontribwixxu għar-restawr tal-ambjent.

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku, **jew li tiġi kkompensata l-ħsara kkawżata, jekk it-trasgressur ma jkunx f'kapaċità li jwettaq tali restawr jew jekk il-ħsara tkun irriversibbli;**

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) multi;

(b) multi, **proporzjonati għall-gravità u d-durata tal-ħsara kkawżata lill-ambjent kif ukoll għall-benefiċċji finanzjarji akkumulati bit-twettiq tar-reat;**

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet **u** konċessjonijiet;

Emenda

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet, konċessjonijiet u **liċenzji**;

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) skwalifika **mit-tmexxija ta' stabbilimenti** tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

Emenda

(d) skwalifika **mill-eżerċitar ta' pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan persuna ġuridika** tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) rekwiżit li jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża sostnuti mill-parti rebbieħa, f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-eċċezzjonijiet previsti fid-dritt nazżjonali applikabbli għall-proċeduri fil-qorti.

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

Emenda

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika **u/jew**;

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) awtorità li tiegħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;

Emenda

(b) awtorità li tiegħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika **u/jew**;

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi li jwettqu reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jinżammu responsabbli skont il-liġi ċivili, meta rilevanti, għal kwalunkwe ħsara jew dannu li jikkawżaw bħala riżultat ta' dak ir-reat, u, f'konformità mad-dritt nazżjonali, jistgħu jintalbu jikkumpensaw lill-persuni li jkunu sofrew dik il-ħsara jew dak id-dannu.

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi, **inkluż membri tal-bord korporattiv**, li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet **jew** miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) **jew (2)** tkun punibbli b'sanzjonijiet **u** miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-livell ta' sanzjonijiet għandu jkun proporzjonat u adattat biex jirrifletti l-grad ta' severità u d-durata tal-ħsara kkawżata.***

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu:

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi ***li jinżammu*** responsabbli skont l-Artikolu 6(1) għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu:

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) multi kriminali jew mhux kriminali;

Emenda

(a) multi kriminali jew mhux kriminali, ***proporzjonati għall-gravità u d-durata tal-ħsara kkawżata lill-ambjent kif ukoll għall-benefiċċji finanzjarji akkumulati bit-twettiq tar-reat;***

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;

Emenda

(b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku, ***jew li jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata, jekk it-trasgressur ma jkunx f'kapaċità li jwettaq tali restawr jew jekk il-ħsara tkun irriversibbli;***

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet ***u*** konċessjonijiet;

Emenda

(d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet, konċessjonijiet ***u liċenzji;***

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

Emenda

(k) pubblikazzjoni ***nazzjonali jew madwar l-Unjoni*** tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata, ***inkluż billi jiġu riferuti lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni.***

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

3. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.**

imħassar

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **5 %** tal-fatturat globali **totali** tal-persuna ġuridika **[impriża] fis-sena finanzjarja** ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r) ikunu punibbli b'multi **proporzjonati**, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **10 %** tal-fatturat globali **medju** tal-persuna ġuridika **fit-tliet snin finanzjarji** ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **3 %** tal-fatturat globali **totali** tal-persuna ġuridika **[impriża] fis-sena finanzjarja** ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi **proporzjonati**, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **10 %** tal-fatturat globali **medju** tal-persuna ġuridika **fit-tliet snin finanzjarji** ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-reat ikkawża l-mewt **ta'**, jew **il-korriment serju lil**, persuna;

Emenda

(a) ir-reat ikkawża l-mewt jew **il-*ħsara serja lis-saħħa ta' kwalunkwe*** persuna;

Emenda 107

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew **ħsara sostanzjali irriversibbli** jew fit-tul lil ekosistema;

Emenda

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew **ħsara sostanzjali irriversibbli** jew fit-tul lil ekosistema, ***jew lill-ispeċijiet protetti msemmija fl-Artikolu 3(1) il-punti (l) sa (m)***;

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali ***fit-tifsira*** tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶;

Emenda

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali ***skont it-tifsira*** tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶, ***jew ikun marbut ma' korruzzjoni, ħasil tal-flus, frodi, estorsjoni, koerċizzjoni jew forom oħra ta' intimidazzjoni***;

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati;

Emenda

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati, **jew kiser kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni**;

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) it-trasgressur ifixkel b'mod attiv l-ispezzjoni, il-kontrolli doganali jew l-attivitajiet ta' investigazzjoni, jew jintimida jew jinterferixxi ma' xhieda jew ma' lmentaturi.

Emenda

(j) it-trasgressur ifixkel b'mod attiv l-ispezzjoni, il-kontrolli doganali jew l-attivitajiet ta' investigazzjoni, **jeqred l-evidenza**, jew jintimida jew jinterferixxi ma' xhieda jew ma' lmentaturi;

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) ir-reat ikun twettaq f'żona protetta.

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-trasgressur ikun irrestawra n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha;

Emenda

(a) it-trasgressur ikun irrestawra n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha **qabel il-bidu ta' investigazzjoni kriminali**;

Emenda 113

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) it-trasgressur jieħu passi biex jimminimizza l-impatt u l-firxa tal-ħsara jew jirrimedja l-ħsara jew il-ħsara tiġi rimedjata qabel il-bidu ta' investigazzjoni kriminali;

Emenda 114

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Miżuri ta' prekawzjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jordnaw il-waqfien immedjat tal-imġiba illegali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva, jew jimponu miżuri biex jipprevjenu l-eżekuzzjoni ta' tali mġiba, sabiex tiġi evitata ħsara kkawżata lill-ambjent.

Emenda 115

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, kif xieraq, li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jiffriżaw jew jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut għat-twettiq tar-reati msemmija

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, kif xieraq, li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu **jitraċċaw, jidentifikaw**, jiffriżaw jew jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat **kollu** li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut

f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom.

għat-tweqqiq tar-reati msemmija f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rikavat u l-mezzi strumentali ffriżati u kkonfiskati jiġu ġestiti kif xieraq, f'konformità man-natura tagħhom, u, meta jkun possibbli, jintużaw biex jiġi ffinanzjat ir-restawr tal-ambjent jew ir-rimedju ta' kwalunkwe ħsara kkawżata, jew biex jipprovdu kumpens għall-ħsara ambjentali, f'konformità mad-dritt nazżjonali.***

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

Emenda 116

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu ***twettqu*** dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu ***skoperti*** dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-:

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 118

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun *twettaq* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun *skopert* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 119

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin miż-żmien meta jkun *twettaq* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(b) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin miż-żmien meta jkun *skopert* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 120

**Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas erba' snin miż-żmien meta

Emenda

(c) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, għal perjodu ta' mill-inqas erba' snin miż-żmien meta

jkun *twettaq* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli.

jkun *skopert* ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli.

Emenda 121

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabilixxu perjodu ta' preskrizzjoni li jkun iqsar minn 10 snin, iżda mhux iqsar minn erba' snin, dment li l-perjodu jkun jista' jiġi interrott jew sospiż f'każ ta' atti speċifikati.

imħassar

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu.

(d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu ***jew persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;***

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

imħassar

Emenda 125

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937, **tkun applikabbli għall-persuni li jirrapportaw ir-reati** kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937, **tingħata lil kwalunkwe persuna fiżika li tirrapporta r-reati** kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva **u biex jiżguraw li livell adegwat simili ta' protezzjoni jingħata lil kwalunkwe persuna ġuridika li tirrapporta dawk ir-reati.**

Emenda 126

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw **il-protezzjoni**, l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali **f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom.**

Emenda 127

**Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtieġa li joħlqu strumenti f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom biex persuni jkunu jistgħu jirrapportaw reati ambjentali b'mod anonimu, fejn tali strumenti għadhom ma jeżistux.

Emenda 128

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti

Pubblikazzjoni tal-informazzjoni fl-interess pubbliku u aċċess għall-ġustizzja għall-pubbliku kkonċernat

Emenda 129

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja titqies fl-interess pubbliku u ssir disponibbli għall-pubbliku:

(a) sentenzi finali, u l-livell ta' sanzjonijiet imposti mill-imħallef;

(b) l-għadd ta' reati ambjentali li ġew irrapportati lill-awtoritajiet u l-għadd ta' proċedimenti ġudizzjarji li jikkonċernaw tali reati li għadhom għaddejnin, inklużi dawk li jirriżultaw mir-rapporti;

(c) l-arranġamenti għal intervent fi

Emenda 130

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-progress tal-proċedimenti tkun kondiviża mal-pubbliku kkonċernat.

Emenda 131

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu ***r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma*** ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni ***mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, għodod tal-infurzar tal-liġi effettivi***, u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu ***serjament ir-riskju*** ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***kollha***.

Emenda 132

**Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twertiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali ***jew awtoritajiet rilevanti oħra*** li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat, ***inklużi prosekuturi u awtoritajiet tal-pulizija***, u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twertiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. ***B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jivvalutaw il-ħtieġa li jsaħħu s-sistemi ġudizzjarji u ta' infurzar tagħhom fil-qasam tad-dritt kriminali ambjentali billi jistabbilixxu jew, meta rilevanti, isaħħu unitajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll korpi speċjalizzati ta' koordinazzjoni, memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, networks nazzjonali ta' infurzar u attivitajiet konġunti ta' taħriġ.***

Emenda 133

**Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta jkun hemm suspett li r-reati ambjentali huma ta' natura transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jirreferu l-informazzjoni relatata ma' dawn il-każijiet lil korpi xierqa. F'konformità mar-regoli applikabbli, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-Unjoni, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew

ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Emenda 134

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom **jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin**, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali **biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat** f'intervalli regolari rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom **jiżguraw li jiġi pprovdut taħriġ speċjalizzat lill-imħallfin**, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali f'intervalli regolari rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti. **Il-Kummissjoni għandha torganizza skambji regolari tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward.**

Emenda 135

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw **f'każijiet** ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa **u xierqa** biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw **biex jiġġieldu każijiet** ta' kriminalità organizzata, **kriminalità finanzjarja, ċiberkriminalità**, jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu **effettivi u** disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda 136

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, u f'konformità mad-dritt nazżjonali, jassenjaw unitajiet investigattivi speċjalizzati, prosekuturi u mħallfin kriminali, u jipprovdu awli speċjalizzati ta' mħallfin, biex jiġu ttrattati kawżi kriminali ambjentali.

Emenda 137

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ***fi Stat Membru***

Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ***fl-Istati Membri u bejniethom***

Emenda 138

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha ta' tagħhom involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali ambjentali u fil-ġlieda kontra. Tali mekkaniżmi għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha ta' tagħhom involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali ambjentali u fil-ġlieda kontra. Tali mekkaniżmi ***jistgħu jieħdu l-forma ta' unitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva u*** għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:

Emenda 139

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) f'konformità mal-liġi applikabbli, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet kompetenti biex persuni kkundannati ma jitħallewx jerġgħu jwettqu reati fir-rigward tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, inkluż fi Stati Membri oħra.

Emenda 140

Proposta għal direttiva Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-Istati Membri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw flimkien fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Għal dan il-għan il-Kummissjoni, u meta xieraq, l-Eurojust, għandhom jagħtu tali assistenza teknika u operazzjonali peress li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtieġu li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom.

2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar miżuri għat-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni

bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni. Dak għandu jinkludi valutazzjoni dwar il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kompetenzi tal-UPPE f'kooperazzjoni mal-Eurojust biex jinkludu reati ambjentali transfruntieri serji, u l-arranġamenti għal tali estensjoni.

Emenda 141

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati;

Emenda

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati, ***inkluż fil-każ ta' reati transfruntiera;***

Emenda 142

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;

Emenda

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ***u mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra;***

Emenda 143

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-użu tar-rikavat minn sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għal azzjonijiet ta' restawr ambjentali;

Emenda 144

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ir-riżorsi meħtieġa u kif se tiġi appoġġata l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti tal-infurzar;

Emenda

(e) ir-riżorsi meħtieġa u **allokati u** kif se tiġi appoġġata l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti tal-infurzar;

Emenda 145

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ **u** l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba;

Emenda

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni **u r-rapportar** regolari tar-riżultati miksuba;

Emenda 146

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-assistenza għall-vittmi u l-protezzjoni tagħhom;

Emenda 147

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi **riveduta** u aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn **ħames** snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi **rieżaminata** u aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn **tliet** snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju **u valutazzjoni tal-impatt**, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-

relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

Emenda 148

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati;

Emenda

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati, ***inklużi dawk li jinvolve kooperazzjoni transfruntiera;***

Emenda 149

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali li bdew proċedimenti kontrihom u ġew aġġudikati;

Emenda 150

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali;

(c) ***it-tul medjan***, it-tul medju ***u t-tul massimu*** tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali;

Emenda 151

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-għadd ta' kundanni għal każijiet

ta' reati ambjentali relatati ma' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali;

Emenda 152

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali relatati ma' reati mwettqa minn uffiċjal pubbliku jew li jinvolvu awtorità pubblika;

Emenda 153

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-għadd ta' kawżi miċħuda mill-qorti minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni;

Emenda 154

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom tiġi ppubblikata b'mod *regolari*.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom tiġi ppubblikata *u tkun aċċessibbli* b'mod *faċli mill-inqas kull sentejn*.

Emenda 155

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 f'format standard stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22.

Emenda

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 f'format standard, ***aċċessibbli b'mod faċli u komparabbli*** stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22 ***f'i żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Emenda 156

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ***regolarment*** rapport ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat għall-ewwel darba ***tliet snin*** wara li jkun ġie ddeterminat il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ***mill-inqas kull sentejn*** ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat għall-ewwel darba ***sentejn*** wara li jkun ġie ddeterminat il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22.

Emenda 157

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

5a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida sabiex jgħinu lill-Istati Membri fit-tħejjija ta' sanzjonijiet armonizzati, effettivi, dissważivi u proporzjonati.

Emenda

Emenda 158

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – titolu**

Evalwazzjoni **u** rapportar

Evalwazzjoni, rapportar **u rieżami**

Emenda 159

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sa [OP – daħħal id-data ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

1. Sa [OP – daħħal id-data ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni] **u kull sentejn minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, **u jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex itejbu l-konformità**. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport, **inkluż, iżda mhux limitat, għad-data msemmija fl-Artikolu 21(2)**.

Emenda 160

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Sa [OP – daħħal id-data - **ħames** snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

3. Sa [OP – daħħal id-data - **tlit** snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni] **u kull sentejn minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u **dwar il-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' reati kriminali ambjentali** u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-

rapport. *Ir-rapport għandu jkun
akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva,
jekk meħtieġ.*

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE.

Id-Direttiva 2008/99/KE introduċiet prinċipju importanti għall-qafas legali ambjentali tal-Unjoni li r-reati ambjentali għandhom jiġu miġġielda u t-trasgressuri għandhom jingħataw piena għalihom fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan kien element essenzjali biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jiġi rispettata u li l-*acquis* ambjentali tal-UE jiġi segwit.

Id-Direttiva, minkejja l-intenzjonijiet tajba, ma kisbitx l-għanijiet kollha tagħha. Sa issa din ma ġietx riveduta u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2020 uriet problemi fundamentali fl-applikazzjoni tad-Direttiva madwar l-Istati Membri. Fost il-kwistjonijiet ewlenin, il-Kummissjoni elenkat:

- nuqqas ta' data komprensiva dwar ir-reati ambjentali;
- nuqqas ta' ċarezza fir-rigward ta' ċerti termini legali;
- differenzi sinifikanti fis-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri, inklużi s-sanzjonijiet aċċessorji u s-sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi;
- nuqqas ta' flessibilità fl-adattament tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva;
- nuqqasijiet fil-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż nuqqasijiet fis-sensibilizzazzjoni tal-prosekuturi pubbliċi u l-imħallfin.

Dawn il-kwistjonijiet irriżultaw ukoll f'nuqqas ta' uniformità fit-termini legali u prattiċi u f'differenzi fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar ir-reati ambjentali. Dan ikkawża kundizzjonijiet mhux ekwi u fixkel il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali hija f'waqtha. Ir-rapporteur jipproponi li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' uniformità billi jintalbu aktar armonizzazzjoni u kunsiderazzjonijiet biex tiġi kkomplementata din id-Direttiva b'oqsma tal-politika oħra, bħal uniformità sħiħa permezz ta' regolament.

Il-problemi li jeżistu fil-għlieda effettiva kontra r-reati ambjentali ħolqu inċentivi fil-maġġoranza tal-Istati Membri biex it-trasgressuri jevitaw id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali jew tal-UE li jikkonċernaw il-protezzjoni ambjentali billi r-riskju ta' kundanna kien baxx u s-sanzjonijiet spiss ma kellhomx effett ta' deterrent. Barra minn hekk, ir-reati ambjentali huma spiss marbutin ma' attivitajiet ta' kriminalità organizzata tad-dimensjoni transfruntiera, bħall-vjeġġi tal-iskart illegali jew il-kummerċ ta' speċijiet protetti. Pereżempju, id-dħul annwali tas-suq tal-iskart illegali huwa stmat bejn EUR 4 biljun u EUR 15-il biljun.

Għalhekk ir-rapporteur jipproponi li:

- titjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni tar-reati ambjentali;
- jiġu ċċarati t-termini legali rilevanti;
- jitjeb il-ġbir tad-data;
- jiġu żgurati tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati;
- jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni.

Ir-rapporteur jipproponi li dan jinkiseb, fost l-oħrajn, billi jiżdiedu l-multi għall-persuni ġuridiċi, sabiex il-limitu massimu ma jkunx inqas minn 10 % tal-fatturat globali medju tal-persuna ġuridika fl-aħħar tliet snin finanzjarji, li jikkonforma aktar mad-Dritt tal-

Kompetizzjoni tal-UE. Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi li jiġu estiżi l-perjodi ta' preskrizzjoni għal reati kriminali ambjentali, għaliex spiss huwa diffiċli li r-reati mwettqa u l-firxa u l-konsegwenzi ta' ħsara tagħhom jiġu skoperti f'perjodu iqsar.

Barra minn hekk, bi qbil mal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' prekawzjoni japplika għall-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-prevenzjoni hija essenzjali. Deterrenti importanti kontra r-reati ambjentali huma miżuri ta' prevenzjoni komprensivi u effettivi u sanzjonijiet u pjeni kriminali dissważivi u proporzjonati. Min iniġġes għandu jħallas u jġarrab il-kostijiet sħaħ tal-ħsara ambjentali kkawżata. Ir-rapporteur jipproponi li min iniġġes iħallas multi mmirati, li jikkontribwixxu b'mod parzjali għall-miżuri ta' prevenzjoni. Dan jippermetti li reat ambjentali wieħed li jitwettaq jipprevjeni reati ambjentali oħrajn.

Huwa importanti wkoll li jkun hemm aktar sensibilizzazzjoni dwar ir-reati u l-ħsara ambjentali madwar id-dinja. Dan huwa neċessarju għaliex il-globalizzazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tfisser li, pereżempju, il-kumpaniji bbażati fl-UE jistgħu jkunu involuti f'attivitajiet kriminali lil hinn mit-territorju tal-Unjoni. L-enfasi tal-ħidma attiva min-Nazzjonijiet Uniti, bħall-isforzi biex jissaħħaħ il-qafas legali permezz tal-inklużjoni tad-definizzjoni ta' ekoċidju, hija essenzjali.

Ir-rapporteur huwa kunfidenti li, permezz tal-pożizzjoni b'saħħitha tal-Parlament Ewropew, din id-Direttiva se twassal għall-ġlieda effettiva kontra r-reati ambjentali fil-livell tal-UE u internazzjonali, li twassal għall-prevenzjoni mixtieqa tal-ħsara ambjentali u t-tisħiħ tal-kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tal-Unjoni.

7.12.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE (COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Caroline Roose

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Skont l-UNEP u l-INTERPOL, il-kriminalità ambjentali qed tiżdied u saret ir-raba' l-akbar settur kriminali fid-dinja, filwaqt li qed tpoġġi friskju l-ambjent, il-bijodiversità u l-klima. Din iċċaħħad lill-pajjiżi u lill-popolazzjonijiet minn biljuni ta' euro fi dħul ekonomiku kull sena, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u thedded id-drittijiet tal-bniedem.

Id-Direttiva 2008/99/KE attwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni ambjentali billi tarmonizza l-leġislazzjoni kriminali. Madankollu, ġew identifikati ħafna nuqqasijiet u lakuni, bħal kamp ta' applikazzjoni limitat, nuqqas ta' sanzjonijiet, livelli baxxi ta' multi; nuqqas ta' implimentazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; nuqqas ta' data statistika, eċċ.

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha; it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tagħha relatati ma' sanzjonijiet kriminali u l-forniment ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri ambjentali. Madankollu, ir-Rapporteur temmen li aktar bidliet huma meħtieġa biex il-kriminalità ambjentali tiġi indirizzata b'mod effettiv.

L-ewwel, għandha tiġi introdotta dimensjoni esterna għad-Direttiva sabiex jitqies il-karattru transfruntier tal-kriminalità ambjentali u l-impatti tagħha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-Unjoni Ewropea għandha responsabbiltà partikolari fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati ambjentali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal diversi raġunijiet. F'xi każijiet, l-awtur ikun persuna Ewropea jew persuna marbuta mal-UE; l-UE hija żona ta' importazzjoni jew esportazzjoni, żona ta' tranżizzjoni u suq ewlieni, il-ktajjen tal-valur ta' xi setturi ekonomiċi huma affettwati minn dawn l-attivitajiet illegali u l-kumpaniji ewlenin tagħhom spiss ikollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE.

Fid-dawl ta' dan, u minħabba li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' spiss huwa marbut mat-twettiq ta' reati ambjentali, ir-Rapporteur tissuġġerixxi li jiġi emendat l-Artikolu 1 biex jiġi kkunsidrat approċċ tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tad-Direttiva.

Ir-Rapporteur tipproponi l-inklużjoni ta' definizzjonijiet ġenerali u awtonomi ta' reati ambjentali. Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, definizzjoni armonizzata ta' reati ambjentali għadha ma teżistix kemm fil-livell globali jew fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali. Minflok, is-sistema attwali tiddependi fuq lista ta' leġislazzjoni sekondarja, li tħalli barra partijiet kbar tad-dritt ambjentali tal-UE. Għalhekk, il-kriminalizzazzjoni ta' reati awtonomi tippermetti r-responsabbiltà kriminali għal każijiet serji ta' ħsara ambjentali u tagħti drittijiet lin-natura. Huwa partikolarment rilevanti li tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali organizzata tranżnazzjonali li tinvolvi jew li sseħħ f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ir-Rapporteur hija wkoll favur l-introduzzjoni ta' reat ta' ekoċidju, sabiex jiġu kriminalizzati l-aktar reati serji fuq l-ambjent. L-UE għandha tiddefendi l-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali biex tkopri atti kriminali li jammontaw għal ekoċidju. B'mod parallel, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu minn ta' quddiem għar-rikonoxximent tagħha. L-introduzzjoni ta' reat ta' ekoċidju fil-mandat ta' din id-Direttiva hija ta' importanza partikolari għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar reati ambjentali tranżnazzjonali serji li jseħħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Id-definizzjoni użata hija dik żviluppata mill-Bord ta' Esperti Indipendenti għad-Definizzjoni Legali tal-Ekoċidju, ippubblikata f'Ġunju 2021, minn grupp ta' avukati tad-dritt kriminali, avukati tad-dritt ambjentali u akkademiċi legali internazzjonali. Huwa l-aktar xogħol ta' definizzjoni komprensiv u reċenti disponibbli fil-mument.

Ir-Rapporteur tipproponi wkoll li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, b'mod partikolari għar-reati tas-sajd u għall-isfruttament u l-kummerċ ta' minerali illegali. Ksur serju tal-obbligi futuri ta' diliġenza dovuta ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u tas-CSRD għandhom jitqiesu wkoll bħala reati kriminali.

Hemm ammont sinifikanti ta' kriminalità ambjentali marbut man-negożju legali u l-korporazzjonijiet u xi korporazzjonijiet jagħżlu li jkunu bbażati f'postijiet b'regolamenti ambjentali dgħajfa, kif inhu l-każ f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għalhekk, ir-Rapporteur hija tal-fehma li l-Istati Membri għandhom ikollhom l-obbligu li jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom f'każ ta' reati mwettqa għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tagħhom.

Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, ġie introdott artikolu ġdid, f'konformità mal-SDG 17. Huwa stmat li biljuni ta' euro fi dħul u taxxi jinsterqu kull sena minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dan jikkawża telf ekonomiku kbir. Għalhekk, hemm bżonn li tiżdied il-kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' aktar appoġġ finanzjarju u tekniku biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Biex il-kriminalità ambjentali tiġi miġġielda b'mod effettiv, ir-Rapporteur tissuġġerixxi li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ġodda għall-valutazzjoni tal-ħsara lill-ambjent kif ukoll iċ-ċirkostanzi aggravanti relatati, fost l-oħrajn, mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-gruppi vulnerabbli u s-sistemi tal-istat tad-dritt. Għandhom jiġu introdotti sanzjonijiet ġodda bl-istess mod, b'mod partikolari biex jikkumpensaw għall-ħsara li saret lill-ambjent u biex iżidu l-limiti massimi għall-penali u s-sanzjonijiet għalihom biex ikunu aktar dissważivi. Fl-aħħar nett, iżda importanti, il-għbir tad-data u l-istatistika għandhom jittejbu.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat

responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) F'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-oġettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tat-TUE, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha, b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u tafferma li m'għandhiex tiġi interpretata bħala li tirrestrinġi jew

taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt internazzjonali u mill-ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni u l-Istati Membri kollha huma parti, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u mill-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) Id-dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli ġie rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-riżoluzzjoni riċenti tagħha tas-26 ta' Lulju 2022 (A/RES/76/300) fejn affermat li l-promozzjoni ta' dawk id-drittijiet tal-bniedem tirrikjedi l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ambjentali multilaterali skont il-prinċipji tal-d-dritt ambjentali internazzjonali u appellat lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, lill-Istati, lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jadottaw politiki, biex isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, isaħħu l-bini tal-kapaċità u jikkondividu prattiki tajbin, sabiex jiżdiedu l-isforzi biex jiġi żgurat ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli għal kulħadd.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 2

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. ***Fi ffit deċennji biss, il-kriminalità ambjentali saret ir-raba' l-akbar settur kriminali fid-dinja, hekk kif kibret minn darbtejn sa tliet darbiet aktar malajr mill-ekonomija globali, u tirrappreżenta minn darba għal darbtejn id-daqs tal-ghajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fuq livell globali u issa qed tħalli qligħ daqs it-traffikar tad-droga.*** Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent ***u għad-drittijiet fundamentali, jinvolvu ħsara lill-habitats u t-telf tal-biodiversità, jamplifikaw it-tibdil fil-klima, jheddu l-għajxien sostenibbli ta' popolazzjonijiet vulnerabli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u joħolqu riskji għas-saħħa pubblika, u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv. Il-kriminalità ambjentali tista' tinvolvi jew isseħħ ukoll f'pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn ġew identifikati nuqqasijiet fir-rigward tal-istat tad-dritt ambjentali, bħal nuqqas ta' qafas legali adegwat u strutturi ta' governanza, u nuqqas ta' informazzjoni, implimentazzjoni u infurzar. L-Unjoni għandha responsabbiltà partikolari fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati ambjentali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw f'każijiet fejn l-azzjoni tista' tkun marbuta mal-Unjoni. Tali reati mhumiex kompatibbli mal-politika u l-oġettivi tal-iżvilupp tal-Unjoni jew mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 3

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pieni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pieni amministrattivi.

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pieni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pieni amministrattivi **u jżidu d-deterrenza.**

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

(3a) Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, definizzjoni armonizzata u aċċettata ta' reati ambjentali għadha ma teżistix kemm fil-livell globali kif ukoll fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Din id-Direttiva għandha l-għan li tipprovdi qafas ġenerali billi tiddefinixxi l-kriminalità ambjentali awtonoma, flimkien mas-sett komuni ta' definizzjonijiet għall-UE kollha ta' reati ambjentali speċifiċi.

Ġustifikazzjoni

Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, definizzjoni armonizzata ta' reati ambjentali għadha ma teżistix kemm fil-livell globali kif ukoll fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Il-proposta tal-Kummissjoni tonqos milli tipproponi definizzjoni ġenerali tal-kriminalità ambjentali, li hija fost l-akbar ostakli fil-għlieda kontra dawn ir-reati. L-għan ta' din l-emenda huwa li tipprovdi definizzjoni ta' reati ambjentali awtonomi biex jingħelbu d-

dgħufijiet relatati mal-approċċ settorjali tal-Kummissjoni u tiġi evitata kwalunkwe mġiba li tista' toħloq riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pjeni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009²¹ u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ***ċerta mġiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.***

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

²² IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL

Emenda

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pjeni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009²¹ u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ***l-imġiba kollha li titqies bħala ksur serju tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.***

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

²² IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL

EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

²³ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

²³ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, final

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

Emenda

(6a) Matul dawn l-aħħar snin, l-Unjoni ħadet rwol ewlieni f'li tiżgura li l-ktajjen tal-provvista internazzjonali tal-minerali jkunu trasparenti u responsabbli. L-adozzjoni fl-2017 tar-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} bagħtet messaġġ internazzjonali ċar li l-kumpaniji huma mistennija jivvalutaw ir-riskji fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimmitigawhom. Dak ir-Regolament bħalissa jiffoka fuq ir-riskji ta' finanzjament ta' kunflitti, abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u reati ekonomiċi serji. Huwa bbażat fuq il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista

Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli li tenfasizza l-ħtieġa li l-kumpaniji jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskji fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi produttori u jrawmu l-inklużjoni ta' minaturi u minaturi leġittimi fuq skala żgħira li jużaw metodi tradizzjonali.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1).

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazzjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ***jew f'pajjiż li qed jiżviluppa*** jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazzjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Ir-reati ambjentali jistgħu jitwettqu minn firxa ta' atturi statali u mhux statali, minn individwi, gruppi żgħar, kumpaniji, u individwi korrotti tal-gvern, sa networks kriminali organizzati, u spiss minn taħlita ta' dawn kollha. Il-kumpaniji tranżnazzjonali jistgħu jkunu atturi huma stess minħabba li, fost l-oħrajn, jisfruttaw lill-ambjent u jagħmlulu ħsara sabiex jiġġeneraw aktar profitt jew inaqqsu l-ispejjeż tagħhom, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn l-oqfsa legali u istituzzjonali normalment ikunu aktar dgħajfa. Fir-rigward ta' kumpaniji tranżnazzjonali, atturi oħra jistgħu wkoll ikollhom tort u r-responsabbiltà jenħtieġ li, għalhekk, tiġi kondiviża u akkumpanjata minn penali kif xieraq.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li

ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. ***F'dan ir-rigward***, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. ***F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu*** l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri.

ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. ***Minħabba l-importanza tal-kriminalità ambjentali korporattiva, jeħtieġ li titjeb it-trasparenza fil-ktajjen ta' provvista u valur korporattivi. B'mod partikolari, it-trasparenza dwar is-sjieda benefiċjarja tal-kumpaniji hija kruċjali għall-prosekuzzjoni tal-kriminalità ambjentali, pereżempju fis-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat jew fit-traffikar illegali ta' organiżmi selvaġġi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw b'mod parallel l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}***. Huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom ***li jistgħu jieħdu*** l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri ***jew, speċjalment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-promozzjoni tal-prosekuzzjoni ta' difensuri ambjentali li jieħdu azzjoni kontra reati ambjentali.***

^{1a} ***Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).***

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, ***il-kumpens għall-ħsara kkawżata***, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. ***Is-sanzjonijiet li huma mfassla biex jiżguraw li r-reati ma jiġux ripetuti huma importanti ħafna. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll rimedji effettivi, inklużi miżuri ta' rimedju, ta' mitigazzjoni u ta' adattament u rimedju b'mandat ta' inibizzjoni.*** Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

speċjalizzati. Il-mudell restorattiv għandu approċċ preventiv, immirat biex isewwi l-ħsara kkawżata u joħloq l-għarfien ambjentali meħtieġ biex tiġi evitata ħsara bħal din fil-futur. Dan jista' jsir permezz ta', fost mezz oħra, fondi ta' rkupru ambjentali, proġetti soċjali ambjentali jew servizzi komunitarji għall-benefiċċju tal-ambjent. Il-ġustizzja restorattiva ambjentali għandha wkoll l-għan li tippermetti l-parteeċipazzjoni tal-vittmi fil-proċess tad-determinazzjoni tas-sanzjonijiet u, fil-futur, tal-ġestjoni ambjentali tal-korporazzjonijiet li huma sanzjonati.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi dan***, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 16

Emenda

(15) Jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. ***Bħal persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi li huma awturi, instigaturi ta' reati jew kompliċi fihom jenħtieġ li jinżammu responsabbli u soġġetti għal proċedimenti kriminali.*** L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali hija inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali huma inċentiv importanti għall-kriminali ***u ta' spiss jinkoraġġixxu l-kriminalità organizzata***, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali. ***Fl-aħħar nett, is-severità tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-vulnerabbiltà tal-vittmi umani kif ukoll il-fatt li jiġu abbużati ddgħufijiet legali u istituzzjonali eżistenti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew il-ksur gravi tal-obbligi ta' diliġenza dovuta jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala ċirkostanzi aggravanti.***

(16a) Filwaqt li r-rikonoxximent tar-reat tal-ekoċidju bħalissa qed jiġi diskuss f'diversi parlamenti nazzjonali madwar id-dinja, jenħtieġ li l-Unjoni taħtaf din l-opportunità biex tibqa' mexxejja dinjija fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni

ambjentali u biex tipprowdi definizzjoni armonizzata u limiti massimi għas-sanzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri għalhekk jintroduċu reat ta' ekoċidju, li jenħtieġ li jittqies bħala reat kriminali għall-finijiet ta' din id-Direttiva u jiġi definit bħala att illegali jew intenzjonat mwettaq bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u mifruxa jew inkella fit-tul lill-ambjent. Dan ir-reat speċifiku jagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-aktar ħsara serja lill-ambjent u b'hekk jipprovi għal gradwazzjoni ta' sanzjonijiet skont il-gravità tal-ħsara lill-ambjent.

Ġustifikazzjoni

F'diversi okkażjonijiet, il-Parlament Ewropew appella għall-istabbiliment ta' ekoċidju bħala reat kriminali biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, il-bijodiversità, il-klima u d-difensuri ambjentali. Id-definizzjoni użata hija dik żviluppata mill-Bord ta' Esperti Indipendenti għad-Definizzjoni Legali tal-Ekoċidju, ippubblikata f'Ġunju 2021, minn grupp ta' avukati tad-dritt kriminali, avukati tad-dritt ambjentali u akkademiċi legali internazzjonali. Huwa l-aktar xogħol ta' definizzjoni komprensiv u reċenti disponibbli fil-mument.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar.

Emenda

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. ***Għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni tar-reati ta' ekoċidju jenħtieġ li ma jkunx hemm perjodu ta' preskrizzjoni.***

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tat-trasgressuri ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġurisdizzjoni sabiex jiġġieldu tali mġiba b'mod effettiv.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Emenda

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra **effettivi, proporzjonati u dissważivi** fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda

(23) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tat-trasgressuri ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera, **inkluża mġiba mwettqa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw**, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġurisdizzjoni sabiex jiġġieldu tali mġiba b'mod effettiv **Jenħtieġ li l-Istati Membri jestendu l-ġurisdizzjoni tagħhom fejn reat joħloq riskju għall-ambjent fit-territorji tagħhom, fejn jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorji tagħhom, fejn jitwettaq kontra r-residenti tagħhom, jew fejn jitwettaq f'pajjiżi terzi minn ċittadin tal-Unjoni jew persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni.**

(24a) Id-difensuri ambjentali li jipproteġu direttament l-ekosistemi huma wkoll ta' spiss fuq quddiem nett tal-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali madwar id-dinja, inkluż fl-Unjoni. Dawn jistgħu jiġu mhedda, intimidati, ippersegwitati, iffastidjati jew saħansitra maqtula direttament mill-awturi, u bħala tali għandhom jibbenefikaw ukoll minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva. L-istabbiliment ta' rapporteur speċjali indipendenti dwar id-difensuri tad-drittijiet ambjentali fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u b'riżultat l-istabbiliment ta' miżuri ta' protezzjoni, huwa wkoll mod kif il-kriminalità ambjentali tiġi miġġielda aħjar.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 24b (ġdida)

(24b) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu mhux dovut ta' azzjonijiet skont id-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili^{1a}, il-Parlament Ewropew innota li d-difensuri ambjentali jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal kawżi u theddid abbużivi, u jenħtieġ li jiġu protetti minn tali Prattiki abbużivi, magħrufa wkoll bħala kawżi strateġiċi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika.

^{1a} ĠU C 205, 20.5.2022, p. 2.

Emenda 23

**Proposta għal direttiva
Premessa 26a (ġdida)**

(26a) In-natura tista' titqies bħala l-vittma tal-ħsara kkawżata minn reati ambjentali. Xi pajjiżi diġà taw personalità ġuridika lill-ekosistemi anke fil-livell kostituzzjonali (bħal fl-Ekwador jew fil-Bolivja). Fil-Kolombja, il-Qorti Kostituzzjonali tat dawk id-drittijiet fis-sentenza tax-Xmara Atrato T-622-16. Il-Kanada u New Zealand huma żewġ pajjiżi oħra fejn in-natura nġhatat personalità ġuridika. Fl-Unjoni, xi Stati Membri jinsabu fil-proċess ta' riformi kostituzzjonali biex jinkorporaw id-drittijiet tan-natura fl-ogħla livell. Spanja, pereżempju, irrikonoxxiet personalità ġuridika tal-Mar Menor Lagoon u l-baċir tiegħu permezz tal-liġi reċenti 19/2022, tat-30 ta' Settembru 2022. L-Unjoni tista' tqis l-oqfsa legali eżistenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fl-Istati Membri kif ukoll il-proċessi ta' riforma li għaddejjin fl-Unjoni u tipprovdi leġiżlazzjoni soda li tinkorpora viżjoni fit-tul billi tqis l-iżviluppi legali futuri li bdew fl-Unjoni.

Emenda 24

**Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Minħabba l-impatt globali u n-natura transfruntiera tagħha, u f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 17, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u, b'mod partikolari ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw jenħtieġ li tiġi intensifikata, b'mod partikolari billi jiġu adottati u appoġġati miżuri u mekkaniżmi effettivi biex jiżdiedu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità ambjentali tranżnazzjonali. Huwa stmat li biljuni ta' euro fi dħul u taxxi jinsterqu kull sena

minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dan jikkawża telf ekonomiku kbir. L-Istati Membri jenħtieġ li jżidu il-kooperazzjoni għall-iżvilupp permezz ta' aktar appoġġ finanzjarju u tekniku biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 31 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31b) L-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali prijorità politika strateġika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari billi jippromwovu l-konformità ma' ftehimiet ambjentali multilaterali permezz tal-adozzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u l-iskambju tal-aħjar prattiki u data dwar il-kriminalità ambjentali. Dan l-approċċ internazzjonali għall-kriminalità ambjentali jenħtieġ li jinkludi wkoll l-estensjoni tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għar-reat tal-ekoċidju, u l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol u responsabbiltà fundamentali f'dan ir-rigward.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data

preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini.

Hemm lakuni kbar fl-għarfien kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni. Id-data għadha limitata, hemm nuqqas ta' statistika dwar reati relatati mal-ambjent, l-impatti tagħhom fuq il-komunitajiet lokali, it-trasgressuri u s-sanzjonijiet mogħtija. Id-data dwar l-għadd ta' każijiet ta' kriminalità ambjentali tranżnazzjonali diżaggregata skont il-pajjiżi fejn twettaq ir-reat ambjentali, il-valur tar-rikavat sekwestrat, iffriżat jew ikkonfiskat, informazzjoni dwar jekk ir-reat ambjentali jikkostitwixxix reat predikat għal reat ta' ħasil tal-flus, l-għadd u l-karatteristiċi tal-vittmi jew tal-gruppi ta' vittmi, inklużi l-komunitajiet lokali affettwati, huma data importanti li tippermetti t-tfassil ta' politiki u strateġiji aħjar għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dawk ir-reati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali, ***b'mod partikolari billi jispeċifikaw is-sanzjonijiet imposti fuq l-awturi tar-reati.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet ***ambjentali*** kriminali sabiex l-ambjent jiġi

b'mod aktar effettiv.

protett, *il-kriminalità ambjentali tiġi evitata u miġġielda* b'mod aktar effettiv *u b'hekk jiġu evitati ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem b'riżultat ta' reati kriminali ambjentali.*

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "illegali" tfisser imġiba li tikser waħda jew wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li irrispettivament mill-bażi ġuridika tagħha tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a).

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "illegali" tfisser imġiba li tikser waħda jew wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li irrispettivament mill-bażi ġuridika tagħha tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - (b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a).

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, *jew fi stat terz fejn l-imġiba tkun twettqet minn ċittadin tal-UE jew persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni*, meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

(1a) "ambjent" tfisser id-dinja, il-bijosfera, il-krijosfera, il-litosfera, l-idrosfera u l-atmosfera tagħha, kif ukoll l-ispazju ekstrasferiku, inkluż l-

integrità tal-elementi bijotiċi u abijotiċi kollha ta' ekosistema, il-funzjonijiet, is-servizzi u l-interazzjonijiet reċiproċi tagħhom u l-limiti planetarji;

(1b) "ħsara severa" tfisser ħsara li tinvolvi bidliet avversi, tfixkil jew ħsara serji ħafna lil kwalunkwe element tal-ambjent, inklużi impatti gravi fuq il-ħajja tal-bniedem, jew ir-riżorsi naturali, kulturali jew ekonomiċi;

(1c) "ħsara mifruxa" tfisser ħsara li testendi lil hinn minn żona ġeografika limitata, li taqsam il-fruntieri tal-istati, jew li tiġġarrab minn ekosistema jew speċi sħiħa jew għadd kbir ta' bnedmin;

(1d) "ħsara fit-tul" tfisser ħsara li tkun irriversibbli jew li ma tistax tiġi rrimedjata permezz ta' rkupru naturali f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

(1e) "intenzjonata" tfisser b'nuqqas ta' attenzjoni għall-ħsara li jidher ċar li hija eċċessiva meta mqabbla mal-benefiċċji soċjali u ekonomiċi antiċipati;

(1f) "limiti planetarji" tfisser id-disa' sistemi planetarji ta' sapport tal-ħajja identifikati bħala parti mill-qafas tal-limiti planetarji: it-tibdil fil-klima, l-integrità tal-bijosfera (li tkopri d-diversità funzjonali u ġenetika), il-bidliet fis-sistemi tal-art, l-użu tal-ilma ħelu, il-flussi bijoġeokimiċi (in-nitroġenu u l-fosforu), l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, it-tniġġis atmosferiku bl-aerosols, it-tnaqqis tal-ożonu stratosferiku u entitajiet ġodda;

(2) "habitat f'sit protett", tfisser kwalunkwe habitat ta' speċijiet li għalih żona hija kklassifikata bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, jew kwalunkwe habitat naturali jew habitat ta' speċijiet li għalih sit jintgħażel bħala żona speċjali ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE;

(3) "persuna ġuridika" tfisser

(2) "habitat f'sit protett", tfisser kwalunkwe habitat ta' speċijiet li għalih żona hija kklassifikata bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, jew kwalunkwe habitat naturali jew habitat ta' speċijiet li għalih sit jintgħażel bħala żona speċjali ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE;

(3) "persuna ġuridika" tfisser

kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, **ħlief għal** Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u **għal** organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 jew 4. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, il-persuni li jkollhom interess suffiċjenti jew li jsostnu it-telf ta' dritt kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

(5) "vittma" **għandha t-tifsira attribwita lilha fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³².

kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, **inklużi** Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni **jew gruppi ta' persuni, inklużi komunitajiet lokali** affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 jew 4. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, il-persuni li jkollhom interess suffiċjenti jew li jsostnu it-telf ta' dritt kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u **tad-drittijiet tal-bniedem u** li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

(5) "vittma" **tfisser:**

(i) **persuni fiżiċi, inklużi ġenerazzjonijiet futuri, li, individwalment jew kollettivament, sofrew jew x'aktarx se jsofru dannu, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali, telf ekonomiku, telf ta' kultura, tradizzjonijiet, għarfien tradizzjonali assoċjat ma' riżorsi ġenetiċi, jew indeboliment jew abbuż sostanzjali tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom li kien ikkawżat direttament minn xi reat kriminali ambjentali;**

(ii) **membri tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkunu sofrew dannu b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna;**

(iii) **persuni ġuridiċi li sofrew jew x'aktarx li se jsofru telf, inkluż telf ekonomiku.**

³⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar

³⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar

selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

³² *Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57–73).*

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 3

Reati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment:

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment

selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Emenda

Artikolu 3

Reati

-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jitwettaq intenzjonalment jew tal-anqas b'negliġenza serja, l-esponiment dirett jew indirett tal-ambjent għal riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali jikkostitwixxi reat kriminali.

-1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mġiba li konxjament tikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent tikkostitwixxi reat kriminali.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment ***jew b'negliġenza serja:***

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment

serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

(i) din l-attività tkun ristretta skont it-Titolu VIII u l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³; jew

(ii) din l-attività tkun ipprojbita skont it-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

(iii) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴; jew

(iv) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵; jew

(v) din l-attività tkun taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶; jew

(vi) din l-attività tkun ipprojbita skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷,

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt

serju lil kwalunkwe persuna **fiżika, grupp ta' persuni, komunità jew telf ekonomiku (inkluż għal persuni ġuridiċi)**, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew **lill-bijodiversità, lill-ekosistemi u lill-funzjonijiet**, lill-annimali jew lill-pjanti **tagħhom** b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, **l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni** jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

(i) din l-attività tkun ristretta skont it-Titolu VIII u l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³; jew

(ii) din l-attività tkun ipprojbita skont it-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

(iii) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴; jew

(iv) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵; jew

(v) din l-attività tkun taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶; jew

(vi) din l-attività tkun ipprojbita skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷,

(via) din l-attività ma tkunx f'konformità mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{37a},

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt

jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(d) l-eżekuzzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸ mingħajr kunsens għall-iżvilupp jew valutazzjoni fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, li tikkawża jew x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-fatturi definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2011/92/UE;

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ u titwettaq fi kwantità mhux negliġibbli;

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(f) il-vjeġġi ta' skart, fit-tifsira tal-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ meta tali vjeġġ isir fi kwantità mhux negliġibbli, kemm jekk isir fi vjeġġ wieħed jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

(g) ir-riċiklaġġ ta' bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, mingħajr ma jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(2)(a) ta' dak ir-Regolament;

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta'

jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(d) l-eżekuzzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸ mingħajr kunsens għall-iżvilupp jew valutazzjoni fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, li tikkawża jew x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-fatturi definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2011/92/UE;

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ u titwettaq fi kwantità mhux negliġibbli;

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(f) il-vjeġġi ta' skart, fit-tifsira tal-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ meta tali vjeġġ isir fi kwantità mhux negliġibbli, kemm jekk isir fi vjeġġ wieħed jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

(g) ir-riċiklaġġ ta' bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, mingħajr ma jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(2)(a) ta' dak ir-Regolament;

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta'

sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² **dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pjeni kriminali, għal reati ta' tniġġis**, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-

sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva **jew it-tniġġis, kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{42a}**; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma **u fl-ambjent tal-baħar**, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-

ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

(n) l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵², ħlief

ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(k) l-astrazzjoni **jew kontaminazzjoni** tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

(ka) il-bidu u l-ikkawżar tat-tixrid ta' nirien li jikkawżaw jew li jistgħu jikkawżaw ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ħamrija, tal-ilma, lill-annimali jew lill-pjanti, jew jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-bilanċ tal-ekosistemi jew tal-ambjent jew jikkawżaw mewt jew korriment serju lin-nies jew jikkawżaw ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem inkluż l-ispostament ta' popolazzjonijiet u annimali;

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A, B u C tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

(n) l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵², ħlief

għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli; [jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.]

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti;

(p) l-introduzzjoni jew it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi li jkunu sors ta' tħassib għall-Unjoni meta:

(i) l-imġiba tikser ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³;

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korrimment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(q) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn sustanzi bħal dawn;

(r) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' gassijiet fluwororati b'effett ta' serra kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament

għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli; [jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.]

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti;

(p) l-introduzzjoni jew it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi li jkunu sors ta' tħassib għall-Unjoni meta:

(i) l-imġiba tikser ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³;

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korrimment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(q) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn sustanzi bħal dawn;

(r) il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu, l-emissjoni jew ir-rilaxx ta' gassijiet fluwororati b'effett ta' serra kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament

Nru 517/2014⁵⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn gassijiet bħal dawn.

Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵ jew ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li jiddependu minn gassijiet bħal dawn;

(ra) ksur serju kif definit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u ksur serju msemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(rb) l-estrazzjoni, l-isfruttament, l-esplorazzjoni, l-użu, it-trasformazzjoni, it-trasport, il-kummerċ jew il-ħżin ta' riżorsi minerali, bi ksur tad-dritt nazzjonali jew internazzjonali;

(r c) ksur serju tal-obbligi ta' diliġenza dovuta stabbiliti fid-Direttiva (UE) xxx/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [fid-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva]^{55a} u n-nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti f'din il-kwistjoni;

(r d) ksur serju tad-Direttiva (UE) xxx/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [fid-Direttiva rigward ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà]^{55b}.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettag b'mill-inqas negliġenza serja.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, fejn rilevanti, meta jiġi vvalutat jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

(a) il-kundizzjoni bażi tal-ambjent affettwat;

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, fejn rilevanti, meta jiġi vvalutat jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali jew **severa** għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

(a) il-kundizzjoni bażi tal-ambjent affettwat;

(aa) l-istat ta' konservazzjoni tal-

(b) jekk il-ħsara tkunx fit-tul, fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq perjodu ta' żmien qasir;

(c) is-severità tal-ħsara;

(d) il-firxa tal-ħsara;

(e) *ir-riversibbiltà* tal-ħsara.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

(a) l-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata;

ispeċijiet affettwati mill-ħsara;

(b) jekk il-ħsara tkunx fit-tul, fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq perjodu ta' żmien qasir;

(ba) *il-karattru latenti tal-ħsara;*

(c) is-severità tal-ħsara *lill-ambjent*;

(d) il-firxa tal-ħsara;

(da) *it-twettiq tar-reat minn organizzazzjoni kriminali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI^{55c};*

(e) *ir-reversibbiltà* tal-ħsara;

(ea) *l-għadd ta' persuni u komunitajiet lokali li sofrew korrimenti jew li huma jew kienu esposti għal periklu jew li sofrew abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll is-severità ta' dawk l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem assoċjati mal-ħsara ambjentali kkawżata mir-reat kriminali;*

(eb) *l-impatti finanzjarji tal-ħsara kkawżata;*

(ec) *il-benefiċċji finanzjarji miksuba mit-trasgressur tar-reat ambjentali;*

(ed) *ksur serju jew ksur negliġenti tal-obbligi tad-diliġenza dovuta;*

(ee) *is-severità tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem ta' persuna jew persuni, inklużi l-komunitajiet lokali;*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

(a) l-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata;

(b) il-punt sa fejn jinqabżu l-valuri, il-parametri jew il-limiti stabbiliti fl-atti legali jew f'awtorizzazzjoni maħruġa għall-attività;

(c) jekk il-materjal jew is-sustanza tkunx ikklassifikata bħala perikoluża jew inkella elenkata bħala ta' ħsara għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk il-kwantità tkunx negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

(a) l-għadd ta' *oġġetti* soġġetti għar-reat;

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor;

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fauna jew flora kkonċernati;

(d) il-kost tar-restawr tal-ħsara ambjentali.

³³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq

(b) il-punt sa fejn jinqabżu l-valuri, il-parametri jew il-limiti stabbiliti fl-atti legali jew f'awtorizzazzjoni maħruġa għall-attività;

(c) jekk il-materjal jew is-sustanza tkunx ikklassifikata bħala perikoluża jew inkella elenkata bħala ta' ħsara għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk il-kwantità tkunx negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

(a) l-għadd ta' *elementi* soġġetti għar-reat;

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor;

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fauna jew flora kkonċernati;

(d) il-kost tar-restawr tal-ħsara ambjentali.

³³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq

ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1-50).

³⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123).

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

³⁸ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

⁴⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1-50).

³⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123).

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

^{37a} Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

³⁸ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

⁴⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u

20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

^{42a} ***Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).***

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ***Test b'relevanza għaż-ŻEE*** (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u

2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

⁵³ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286,

2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

⁵³ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286,

31.10.2009, p. 1–30)

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195–230).

31.10.2009, p. 1–30).

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195–230).

^{55a} *Id-Direttiva (UE) xxx/xxx ta' ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L ..., ..., p. ...).*

^{55b} *Id-Direttiva (UE) xxx/xxx ta' ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L ..., ..., p. ...).*

^{55c} *Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42)*

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a (ġdid)

Ekociċidju

L-Istati Membri għandhom jintroduċu fid-dritt nazżjonali tagħhom reat ta' ekociċidju, li għandu jitqies bħala reat kriminali serju għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jiġi definit bħala att illegali jew intenzjonat imwettaq bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u mifruxa jew fit-tul lill-ambjent.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 4

Istigazzjoni, għajnuna u assistenza u
tentattiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1), *il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) ikun* punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda

Artikolu 4

Istigazzjoni, għajnuna u assistenza u
tentattiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikoli 3(-1), (-1a) u (1) *jew fl-Artikolu 3(a)* u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(-1), (-1a) u (1) *jew fl-Artikolu 3a jkun* punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 *ikunu* punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikoli 3, 3a u 4 *jkunu* punibbli permezz ta' pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikolu 3 **ikunu** punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikoli 3 **u 3a jkunu** punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx **li** jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna **jew grupp ta' persuni jew ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem.**

Emenda 34

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali li għandhom jinkludu:

- (a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;
- (b) multi;
- (c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;
- (d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;
- (e) rtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;
- (f) projbizzjonijiet temporanji li wieħed joħroġ għal kariga eletta jew

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemija fl-Artikoli 3, **3a** u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali li għandhom jinkludu:

- (a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;
- (b) multi **li għandhom ikunu proporzjonali għall-ħsara kkawżata bir-reat;**
- (c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet **u liċenzji;**
- (d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;
- (e) rtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;
- (ea) projbizzjonijiet fuq l-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;**
- (f) projbizzjonijiet temporanji li wieħed joħroġ għal kariga eletta jew

pubblika;

(g) pubblikazzjoni nazzjonali jew **madwar l-Unjoni** tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' **sorveljanza** jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 7

pubblika;

(g) pubblikazzjoni nazzjonali jew **fl-Unjoni kollha** tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' **superviżjoni** jew ta' kontroll **tal-ktajjen tal-provvista tagħhom**, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3, **3a** u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

Emenda

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri **jew** l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3a** u 4 jew kompliċi fihom.

Artikolu 7

Sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu:

- (a) multi kriminali jew mhux kriminali;
- (b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;
- (c) esklużjoni mid-dritt **għall-benefiċċji** pubbliċi jew għajnuna pubblika;
- (d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;
- (e) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;
- (f) rtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;
- (g) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;
- (h) stralċ ġudizzjarju;
- (i) għeluq temporanju jew permanenti tal-istabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat;
- (j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards ambjentali;

Artikolu 7

Sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu:

- (a) multi kriminali jew mhux kriminali;
- (b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku **u li jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata**;
- (c) esklużjoni mid-dritt **għal benefiċċji** pubbliċi jew għajnuna pubblika;
- (d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet **u liċenzji**;
- (e) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;
- (f) rtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;
- (g) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;
- (h) stralċ ġudizzjarju;
- (i) għeluq temporanju jew permanenti tal-istabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat;
- (j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards **u mal-obbligi**

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu **3(1), il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r)** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **5 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn 3 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-profitti illegali ġġenerati mir-reat u l-fatturat annwali tal-persuna ġuridika jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar il-livell xieraq ta' multa

ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem;

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata;

(ka) servizzi komunitarji favur l-ambjent;

(kb) kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-organizzazzjonijiet ambjentali jew tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(kc) il-preżentazzjoni ta' apoloġiji lill-vittmi affettwati u talbiet għal maħfra mingħandhom;

(kd) attribuzzjoni ta' ishma jew kapital soċjali lill-vittmi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri, li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu **3(-1), (-1a) u (1)** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **15 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-profitti illegali ġġenerati mir-reat u l-fatturat annwali tal-persuna ġuridika jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar il-livell xieraq ta' multa

skont il-paragrafu 1.

skont il-paragrafu 1.

6a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3a jkunu punibbli b'multi, li jitħallsu mill-persuna ġuridika li tkun qed twettaq ir-reat ambjentali, li l-ammont minimu tagħhom għandu jkun bejn 15 u 30 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni u fejn il-massimu jkun l-ammont totali meħtieġ għar-restawr tal-ħsara lill-ambjent u għall-ħlas ta' kumpens u ta' danni lill-persuni ġuridiċi u fiżiċi affettwati.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8

Artikolu 8

Ċirkostanzi aggravanti

Ċirkostanzi aggravanti

Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux diġà jagħmlu parti mill-elementi li jikkostitwixxu r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, iċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew il-korriment serju lil, persuna;

Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux diġà jagħmlu parti mill-elementi li jikkostitwixxu r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, iċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew il-korriment serju lil, persuna **jew gruppi ta' persuni**;

(aa) ir-reat ikkawża impatti severi fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni jew tal-komunitajiet lokali ta' pajjiż li qed jiżviluppa fejn tkun seħħet il-ħsara ambjentali jew telf ekonomiku sostanzjali jew telf għall-kultura u t-tradizzjoni ta' tali popolazzjoni jew komunitajiet lokali;

(ab) ir-reat affettwa jew x'aktarx li se

*jaffettwa gruppi vulnerabbli bħat-tfal, iż-
żgħażaġh, in-nisa, il-persuni b'diżabilità,
l-anzjani jew il-komunitajiet indiġeni;*

*(ac) ir-reat ikkawża jew se jikkawża ħsara
serja lil ġenerazzjonijiet futuri;*

*(ad) ir-reat twettaq billi ġew abbużati d-
dgħufijiet eżistenti fl-istat tad-dritt u fis-
sistemi ta' governanza tal-pajjiżi li qed
jiżviluppaw u, b'mod partikolari, bil-
medjazzjoni tal-korruzzjoni, l-
intimidazzjoni jew il-vjolenza;*

*(ae) ir-reat twettaq bi ksur serju tas-
sistemi eżistenti ta' diliġenza dovuta jew
b'nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet
relatati tal-awtoritajiet kompetenti;*

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara
sostanzjali *irreversibbli* jew fit-tul lil
ekosistema;

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara
sostanzjali *irreversibbli* jew fit-tul lil
ekosistema;

*(ba) ir-reat ikun għamel ħsara lil żona
legalment protetta f'pajjiż terz;*

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta'
organizzazzjoni kriminali *fit-tifsira* tad-
Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI *tal-
Kunsill*;

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta'
organizzazzjoni kriminali *skont it-tifsira*
tad-Deċiżjoni Kwadru *tal-
Kunsill* 2008/841/ĠAI;

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta'
dokumenti foloz jew falsifikati;

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta'
dokumenti foloz jew falsifikati *jew ksur
serju tad-Direttiva (UE) xxx/xxx [id-
Direttiva rigward ir-Rapportar
Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà]*;

(e) ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal
pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu;

(e) ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal
pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu;

*(ea) it-trasgressur ikollu pożizzjoni
politika jew ikun ġie fdat b'funzjonijiet
pubbliċi prominenti;*

(f) it-trasgressur ikun wettaq ksur
preċedenti simili tad-dritt ambjentali;

(f) it-trasgressur ikun wettaq ksur
preċedenti simili tad-dritt ambjentali;

*(fa) ir-reat ikun twettaq flimkien ma'
reati kriminali oħra;*

(g) ir-reat iġġenera jew kien mistenni li
jiġġenera benefiċċji finanzjarji sostanzjali,
jew evita spejjeż sostanzjali, direttament
jew indirettament;

(g) ir-reat iġġenera jew kien mistenni li
jiġġenera benefiċċji finanzjarji sostanzjali,
jew evita spejjeż sostanzjali, direttament
jew indirettament;

(h) l-imġiba tat-trasgressur twassal għal

(h) l-imġiba tat-trasgressur twassal għal

responsabbiltà għall-ħsara ambjentali iżda t-trasgressur ma jissodisfax l-obbligi tiegħu li jieħu azzjoni korrettiva skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE⁵⁷;

(i) it-trasgressur ma jipprovdi assistenza lill-awtoritajiet tal-ispezzjoni u lil awtoritajiet oħra tal-infurzar meta dan ikun meħtieġ legalment;

(j) it-trasgressur ifixkel b'mod attiv l-ispezzjoni, il-kontrolli doganali jew l-attivitajiet ta' investigazzjoni, jew jintimida jew jinterferixxi ma' xhieda jew ma' lmentaturi.

responsabbiltà għall-ħsara ambjentali iżda t-trasgressur ma jissodisfax l-obbligi tiegħu li jieħu azzjoni korrettiva skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/35/KE⁵⁷;

(i) it-trasgressur ma jipprovdi assistenza lill-awtoritajiet tal-ispezzjoni u lil awtoritajiet oħra tal-infurzar meta dan ikun meħtieġ legalment;

(j) it-trasgressur ifixkel b'mod attiv l-ispezzjoni, il-kontrolli doganali jew l-attivitajiet ta' investigazzjoni, jew jintimida jew jinterferixxi ma' xhieda jew ma' lmentaturi;

(ja) ir-reat ikun ikkawża korrimenti serji lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ambjent, ġurnalisti, membri ta' NGOs jew persuni li jirrapportaw reati kriminali, jew il-mewt tagħhom, jew jinvolvi koerċizzjoni jew attakk fuq tali persuni.

⁵⁷ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56–75).

⁵⁷ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56–75).

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-trasgressur ***ikun irrestawra*** n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha;

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Emenda

(a) it-trasgressur ***jirrestawra*** n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha ***jew iħallas kumpens ġust lill-vittmi***;

(ba) it-trasgressur jammetti l-ħtija tiegħu u jħallas kumpens li jkun suffiċjenti biex jittratta l-ħsara kkawżata lill-ambjent u kumpens ġust lill-vittmi;

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi permess it-tnaqqis tal-piena jekk it-trasgressur jammetti l-ħtija tiegħu sabiex jitnaqqas iż-żmien tal-investigazzjonijiet, il-kost tal-proċeduri u biex il-proċess jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun biex b'dan il-mod tiġi pprovduta ġustizzja f'waqtha lill-vittmi u tiġi evitata aktar tbatija. It-tnaqqis tal-piena għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni ta' kumpens ġust għall-vittmi u għall-ambjent.

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex l-assi kkonfiskati jiġu integrati f'fondi soċjali ddedikati għat-twettiq ta' proġetti ta' tiswija tal-ħsara ambjentali fl-ambjenti affettwati u fil-komunitajiet lokali affettwati, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ġustifikazzjoni

Kif diġà jagħmlu xi Stati bl-assi ssekwestrati fil-kriminalità marbuta mad-drogi, il-profitti u l-istrumenti tal-kriminalità ambjentali jistgħu jiġu marbuta mar-riabilitazzjoni ta' spazji naturali jew mat-titjib ta' azzjonijiet għall-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali, permezz tal-ħolqien ta' fondi soċjali jew ambjentali għall-assi kkonfiskati. B'dan il-mod, barra minn hekk, il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali tiġi projettata għas-soċjetà b'mod aktar dirett u viżibbli.

Emenda 42

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-ritorn ta' fondi jew assi kkonfiskati ta' awturi ta' reati ambjentali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn ikun twettaq ir-reat, filwaqt li jiżguraw li jintużaw għal finijiet xierqa bħar-restawr tal-ħsara ambjentali, kumpens għall-vittmi u għall-komunitajiet lokali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni affettwata jew it-tisħiħ tas-sistemi tal-istat tad-dritt tal-pajjiż li qed jiżviluppa kkonċernat.

Ġustifikazzjoni

Ħafna reati ambjentali mwettqa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw huma marbuta mal-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus. Il-mira 16.4 tal-Aġenda 2030 tistabbilixxi l-oġettiv ta' "tisħiħ tal-irkupru u r-ritorn ta' assi misruqa". Din id-direttiva tirrappreżenta opportunità għall-Unjoni biex tikkontribwixxi għall-kisba ta' dan l-għan billi tippermetti li r-rikavati minn reati ambjentali mwettqa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw iżda li jkunu ġew proċessati u ġġudikati fl-Istati Membri jintbagħtu lura lil dawn il-pajjiżi filwaqt li jiġi żgurati li jintużaw għal skopijiet xierqa.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali ***jew id-data li fiha l-ħsara ambjentali jew il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem saru magħrufa jew ġew żvelati*** sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv, ***b'mod partikolari, meta r-reat ambjentali jkun ta' natura tranżnazzjonali, ikun twettaq f'pajjiż li qed jiżviluppa u jinvolvi l-kriminalità organizzata. Għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-***

proċess u l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3a ma għandu jkun hemm l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-perjodu ta' preskrizzjoni għar-reati kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4 ma jibdiex sa ma jkun ġie stabbilit kompletament b'mezzi xjentifiċi xierqa l-ambitu tal-ħsara lill-ambjent.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' preskrizzjoni li jkun iqsar minn 10 snin, iżda mhux iqsar minn erba' snin, dment li l-perjodu jkun jista' jiġi interrott jew sospiż f'każ ta' atti speċifikati.

imħassar

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta:

(a) ir-reat ikun twettaq kompletament

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3a** u 4 meta:

(a) ir-reat ikun twettaq kompletament

- jew parzjalment fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat ikun twettaq abbord bastiment jew ajruplan irregiſtrat fih jew li jtajjar il-bandiera tiegħu;
 - (c) il-ħsara tkun seħħet fit-territorju tiegħu;
 - (d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu.

- jew parzjalment fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat ikun twettaq abbord bastiment jew ajruplan irregiſtrat fih jew li jtajjar il-bandiera tiegħu;
 - (c) il-ħsara tkun seħħet fit-territorju tiegħu;
 - (d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu, ***irrispettivament minn jekk ir-reat iseħħ fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz;***

(da) ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Stat Membru għandu ***jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li*** jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

- (a) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat ikun twettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew mir-residenti abitwali tiegħu;
- (c) ir-reat ikun ħoloq riskju ***serju*** għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

Emenda

2. Stat Membru għandu ***jieħu l-miżuri meħtieġa biex*** jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3, ***3a*** u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

- (a) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat ikun twettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ***kontra wieħed*** mir-residenti abitwali tiegħu;
- (c) ir-reat ikun ħoloq riskju ***sever*** għall-ambjent ***jew għall-bijodiversità*** fit-territorju tiegħu.

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-Istati Membri għandhom jintroduċu ġuriżdizzjoni universali għall-qrati tagħhom għall-prosekuzzjoni u għas-sentenzjar ta' reat imsemmi fl-Artikolu 3a, sabiex jevitaw l-esternalizzazzjoni tal-ħsara ambjentali, meta din ma tkunx twettqet fit-territorju tagħhom, tkun twettqet minn ċittadin ta' pajjiż terz, tkun involviet vittma minn pajjiż terz, u l-ambjent ta' dak l-Istat ma jkunx ġie affettwat jew ma tkunx saritlu ħsara.

Ġustifikazzjoni

Ir-reati ambjentali spiss ħafna jkunu ta' natura transfruntiera. Biex tiġi evitata l-esternalizzazzjoni tal-ħsara ambjentali, għandu jkun possibbli li persuna ġuridika jew fiżika tiġi proċessata għal reati mwettqa f'pajjiż terz, b'mod partikolari fil-każ ta' ekoċidju.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont **id-Direttiva** (UE) 2019/1937, tkun applikabbli għall-persuni li jirrapportaw ir-reati kriminali msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont **l-Artikolu 4 tad-Direttiva** (UE) 2019/1937 tkun applikabbli għall-persuni **fiżiċi jew ġuridiċi** li jirrapportaw ir-reati kriminali msemija

Direttiva.

fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkoooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ***fiżiċi u ġuridiċi*** li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkoooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

Ġustifikazzjoni

Kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi għandhom jiġu protetti meta jirrapportaw reati ambjentali jew jassistu fl-investigazzjoni. L-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC), li spiss ikunu minn ta' quddiem fl-identifikazzjoni tar-reati ambjentali jeħtieġ li jiġu protetti wkoll.

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili ***jew bħala prosekutur privat.***

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-informazzjoni li ġejja titqies li hija fl-interess pubbliku u ssir disponibbli għall-pubbliku kkonċernat:

(a) kwalunkwe sentenza finali fi proċess;

(b) informazzjoni li tippermetti lill-membri tal-pubbliku kkonċernat jkunu jafu dwar l-istat tal-proċedimenti, ħlief jekk f'każijiet eċċezzjonali t-trattament xieraq tal-każ jista' jiġi affettwat b'mod avvers minn tali divulgazzjoni tal-informazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Għandu jingħata livell minimu ta' drittijiet lill-pubbliku ġenerali fil-kapaċità tiegħu li jeżerċita rappreżentanza tan-natura bħala vittma ta' reat ambjentali.

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, ***bħal*** kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, ***bħat-titjib ta' għodod ta' infurzar tal-liġi preventivi***, kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-obbligi ta' diliġenza dovuta ambjentali nazzjonali u tal-Unjoni fil-ktajjen tal-provvista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi tagħhom li joperaw f'pajjiżi li qed jiżviluppaw kif stabbilit fid-Direttiva (UE) xxx/xxx [fid-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva].

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

It-tisħiħ tas-sistemi ta' spezzjonijiet amministrattivi u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħall-użu tal-osservazzjoni tad-Dinja, għandhom jissaħħu biex jipprevjenu u jidentifikaw ir-reati ambjentali, b'mod partikolari dawk li jitwettqu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, ***jibdew proċedimenti kriminali kontra*** reati ambjentali ***jew jiddeċiedu dwarhom***, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li ***jipprevjenu***, jidentifikaw, jinvestigaw, ***jipproċessaw jew jaġġudikaw*** reati ambjentali, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi

finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

suffiċjenti meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali, ***inklużi l-esperti ambjentali***, biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari, ***speċjalment fil-każ ta' kriminalità ambjentali mwettqa fil-qafas tal-organizzazzjonijiet kriminali***, rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti. ***Korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali tranżnazzjonali għandhom jinġhataw attenzjoni partikolari.***

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli għall-

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata, ***ċiberkriminalità, kriminalità finanzjarja*** jew każijiet oħra ta' reati

investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

kriminali serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Kooperazzjoni fost l-Istati Membri, mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni effettiva u kooperazzjoni transfruntiera ma' Stati Membri oħra u mal-Unjoni, inklużi l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

2. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex isaħħu l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw mekkaniżmi effettivi għall-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u għall-ġlieda kontriha.

3. Il-Kummissjoni għandha tistinka aktar biex ittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, permezz ta' miżuri effettivi għat-titjib tal-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' programmi

ta' assistenza teknika, biex ikunu jistgħu jtejbu s-sistemi amministrattivi, ġudizzjarji u legali tagħhom, bl-għan li jipprevjenu l-kriminalità ambjentali u jiġġilduha b'mod aktar effettiv.

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati;

Emenda

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati ***inklużi l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata ambjentali tranżnazzjonali u l-ġlieda kontriha, kif ukoll il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus marbuta ma' tali reati meta jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;***

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-ġlieda kontra dan it-tip ta' reat;

Emenda

(b) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-ġlieda kontra dan it-tip ta' reat, ***kif ukoll atturi oħra, bħas-soċjetà ċivili u s-settur privat;***

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;

Emenda

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ***u ma' atturi oħra bħas-soċjetà***

ċivili;

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ir-riżorsi meħtieġa u kif se tiġi appoġġata l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti tal-infurzar;

Emenda

(e) ir-riżorsi meħtieġa ***u allokati*** u kif se tiġi appoġġata l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti tal-infurzar, ***u kif l-approċċi multidixxiplinari se jiġu inklużi fil-programmi ta' taħriġ;***

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba;

Emenda

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba ***inkluża l-linja bażi u l-indikaturi użati;***

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) assistenza lill-vittmi, u l-protezzjoni tagħhom, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi d-difensuri ambjentali;

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:
- (a) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali rrapportati;
 - (b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati;
 - (c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali;

 - (d) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali;
 - (e) l-għadd ta' persuni fiżiċi kkundannati u ssanzjonati għal reat ambjentali;
 - (f) l-għadd ta' persuni ġuridiċi ssanzjonati għal reat ambjentali jew għal reati ekwivalenti;

 - (g) l-għadd ta' kawżi miċħuda għal reati ambjentali;
 - (h) it-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet imposti għal reati ambjentali, inkluż għal kull kategorija ta' reati ambjentali skont l-Artikolu 3.

Emenda

2. Id-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:
- (a) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali rrapportati;
 - (b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati;
 - (c) it-tul medju ***tal-proċedimenti tal-qorti mill-bidu*** tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali ***sal-ħruġ tas-sentenza ġudizzjarja u l-eżekuzzjoni tagħha***;
 - (d) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali;
 - (e) l-għadd ta' persuni fiżiċi kkundannati u ssanzjonati għal reat ambjentali;
 - (f) l-għadd ta' persuni ġuridiċi ssanzjonati għal reat ambjentali jew għal reati ekwivalenti ***u jekk it-trasgressur kienx grupp ta' kriminalità organizzata jew aġixxiex fi ħdan tali grupp***;
 - (g) l-għadd ta' kawżi miċħuda għal reati ambjentali;
 - (h) it-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet imposti għal reati ambjentali, inkluż għal kull kategorija ta' reati ambjentali skont l-Artikolu 3;
- (ħa) l-għadd ta' każijiet ta' kriminalità ambjentali tranżnazzjonali diżaggregati skont il-pajjiż fejn ikun twettaq ir-reat ambjentali;***
- (hb) ċifri dwar rikavati minn reati ambjentali li ġew issekwestrati jew iffriżati proviżorjament u li finalment ġew ikkonfiskati;***
- (hc) informazzjoni dwar jekk ir-reat ambjentali jikkostitwixxix reat predikat għall-ħasil tal-flus;***
- (hd) l-għadd ta' vittmi, inklużi gruppi ta' vittmi jew komunitajiet lokali,***

diżaggregati, fost l-oħrajn, skont is-sess, l-età, l-etniċità, il-pajjiż ta' oriġini;

(he) it-tip ta' impatt fuq l-ambjent u fuq in-nies u l-komunitajiet lokali.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE
Referenzi	COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 27.1.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 24.3.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Caroline Roose 14.3.2022
Eżami fil-kumitat	30.8.2022
Data tal-adozzjoni	30.11.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 12 –: 10 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Eric Andrieu, Hildegard Bentele, Udo Bullmann, Antoni Comín i Oliveres, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandra Basso, Marlene Mortler, Caroline Roose
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Virginie Joron, Joachim Kuhs, Aušra Maldeikienė

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

12	+
NI	Antoni Comín i Oliveres
Renew	Barry Andrews, Charles Goerens
S&D	Eric Andrieu, Udo Bullmann, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Michèle Rivasi, Caroline Roose
10	-
ID	Alessandra Basso, Virginie Joron, Joachim Kuhs
PPE	Hildegard Bentele, Aušra Maldeikienė, Marlene Mortler, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Eleni Stavrou, Tomas Tobé
0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

25.10.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE (COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sirpa Pietikäinen

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttiva 2008/99/KE mhijiex implimentata bis-sħiħ, mhijiex konformi mal-iżvilupp tal-liġi ambjentali tal-UE u mal-isfidi attwali, u tħalli barra partijiet kbar tal-liġi ambjentali tal-UE u tal-qerda ambjentali.

Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn ir-rispons għall-ġustizzja kriminali ma jirrappreżentax is-sitwazzjoni reali. Minkejja d-Direttiva, l-għadd ta' investigazzjonijiet u kundanni transfruntiera ma żdiedx b'mod sostanzjali. Ir-reati ambjentali huma r-raba' l-akbar attività kriminali u qed jiżdiedu.

Ir-reati ambjentali huma ta' theddida għall-ekonomija u n-negozji Ewropej. Huwa stmat li d-dħul annwali mis-suq tal-iskart illeċitu fl-UE biss huwa ta' bejn EUR 4 biljun u EUR 15-il biljun. Dan johlq kundizzjonijiet inekwi, peress li billi jevitaw ir-responsabbiltà, il-kumpaniji jistgħu joħlqu benefiċċju finanzjarju. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat. Huwa marbut ħafna wkoll mal-kriminalità organizzata internazzjonali.

Ir-reati ambjentali huma ta' theddida għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Dawn jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-arja u l-ilma, jikkontaminaw l-art, jagħmlu ħsara lill-ispeċijiet selvaġġi u jagħmlu ħsara lill-ħabitats naturali jew jeqirduhom. Dan kollu jista' jkollu impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-pjaneta.

Kull persuna għandha d-dritt li tgħix f'ambjent tajjeb għas-saħħa. Skont it-trattati, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent. Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni hija impenjata lejn livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni hija impenjata lejn id-dritt ta' kull persuna li tgħix f'ambjent adegwat għas-saħħa u l-benesseri tagħha. Dan mhux dejjem ikun il-każ fil-verità. Il-liġi dwar il-kriminalità ambjentali hija wkoll parti mill-implimentazzjoni tad-dritt tal-bniedem għas-saħħa u għal ambjent tajjeb.

Bħalissa, il-livell limitu għall-investigazzjonijiet huwa għoli wisq, li jwassal għal inqas identifikazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjonar. Ir-rapporteur temmen li dan jeħtieġ li jissaħħaħ flimkien mat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, speċjalment imġiba li ssir b'għarfien li tikkawża jew li aktarx tikkawża ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew ħsara sostanzjali lill-ambjent. Fl-aġar forma tiegħu, dan jista' jitqies bħala ekoċidju.

Diġà qbiżna ħames mid-disa' konfini planetarji, u l-limiti sikuri għall-umanità. Dan jhedded l-għajxien tal-pjaneta u saħħitna. Barra minn hekk, il-gravità tad-degradazzjoni tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima jikkawżaw theddida eżistenzjali għall-għajxien. Il-fatt li dan it-theddid jiġi injorat u li ma titteħidx azzjoni fir-rigward ta' dan jistgħu jikkostitwixxu ekoċidju.

L-enfasi għandha tkun fuq il-prevenzjoni u l-prekawzzjoni. L-operaturi għandhom id-dover li jkunu konxju u jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa. Id-dover li jieħdu prekawzzjoni u li jkunu konxji jeħtieġ li jkun parti mir-responsabbiltajiet ġenerali tal-operaturi u l-atturi. U din hija r-raġuni għaliex id-Direttiva trid tindirizza wkoll każijiet ta' "għama b'rieda", li jfisser l-evitar intenzjonat tal-għarfien tal-fatti. Ma għandux ikun possibbli li n-nies jiproteġu lilhom infushom mit-tort billi jinjoraw is-sitwazzjoni. Bħal foqasma oħra tal-leġiżlazzjoni kriminali, il-prinċipju ewlieni tal-kriminalità u s-sanzjonijiet huwa derivat mid-dannu li jsir.

Jekk reat jikkawża jew aktarx li jikkawża mewt jew korriment serju lil kwalunkwe persuna jew dannu sostanzjali jew li jkun serju, irriversibbli jew dejjiemi, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala ċirkostanzi aggravanti, u mhux biss kriterji għal reat kriminali. Il-limitu tal-ħsara ambjentali għandu jitqies meta tiġi imposta penali aktar milli bħala element tar-reat li għandha tintwera prova tiegħu biex wieħed jinstab ħati. Barra minn hekk, bosta reati jitwettqu b'sempliċiment negliġenza, u dan għandu jkun biżżejjed għal responsabbiltà kriminali. Jekk le, inkunu qegħdin ngħollu l-livell limitu minimu għal investigazzjoni.

Id-Direttiva għandha tkopri wkoll imġiba li tkun illegali anke jekk ikollha l-awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti, jekk din l-awtorizzazzjoni tkun illegali, eż., ikun ingħata permess ambjentali iżda jkun għall-kuntrarju tal-liġijiet ambjentali.

Hemm ħtieġa urġenti ta' sanzjonijiet aktar ħarxa għal dawk li jiksru l-liġi u infurzar iktar b'saħħtu. Is-sanzjonijiet jeħtieġ li jkunu kbar biżżejjed biex ikollhom l-effett ta' deterrenza mixtieq. Il-ħsara ħafna drabi tkun irriversibbli u permanenti, u jeħtieġ li noħolqu deterrenza tassew effettiva. Ir-rapporteur tappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex tistabbilixxi sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi abbażi tal-fatturat dinji totali tagħhom (l-Artikolu 7(4)), madankollu, hija tipproponi li jiżdied il-perċentwal għal 15 sabiex tiġi żgurata deterrenza tassew effettiva.

Infurzar effettiv jirrikjedi kapaċitajiet, ħiliet, għarfien u taħriġ tul il-katina sħiħa tal-infurzar. Din hija r-raġuni għaliex ir-rapporteur tissuġġerixxi u tappoġġja l-isforzi biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-kompetenzi tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-imħallfin, kif ukoll il-ħolqien ta' qrati, prosekuturi pubbliċi u korp tal-pulizija speċjalizzati. Barra minn hekk, minħabba n-natura tar-reati ambjentali, ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jissaħħaħ f'dan ir-rigward, speċjalment f'każijiet fejn l-Istati Membri jonqsu milli jieħdu azzjoni.

Filwaqt li r-rapporteur tappoġġja bis-sħiħ it-titjib fil-ġbir tad-data u fl-istatistika, hija tisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza f'dan ir-rigward. Ir-rapporteur tipproponi li minbarra r-rieżamijiet konsolidati tal-Istati Membri, id-data statistika ssir disponibbli għall-pubbliku.

**ANNEX: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi kompletament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet li ġejjin fit-thejjja tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
EUFJE – Il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent
ENPE – Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent
IMPEL – Network għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali
EnviCrimeNet
Il-Bureau Ewropew għall-Ambjent
Humane Society International/Europe
BirdLife Europe
TRAFFIC
Uffiċċju tal-Politika Ewropea tad-WWF
IFAW
Born Free Foundation
Wildlife Conservation Society (WCS)
Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti
Prof. Dr. Michael G. Faure, Università ta' Maastricht
Prof. Kimmo Nuotio, Università ta' Helsinki
Prof. Elina Pirjatanniemi, Åbo Akademi

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposal for a directive

Premessa 1

Test proposit mill-Kummissjoni

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni hija

Emenda

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent.

(TFUE), l-Unjoni hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent *u li tħares il-ħajja tal-bnedmin, li tuża b'mod prudenti u razzjonali r-riżorsi naturali, tippromwovi miżuri fil-livell internazzjonali biex tindirizza l-problemi ambjentali reġjonali jew madwar id-dinja, u b'mod partikolari li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Skont l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun immirata lejn protezzjoni ta' livell għoli li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Hija għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li bħala prijorità l-ħsara lill-ambjent jenħtieġ li tisewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes jenħtieġ li jħallas.*

Emenda 2

Proposal for a directive Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'mod partikolari skont l-Artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-kwistjonijiet ambjentali huma marbuta ma' diversi drittijiet tal-bniedem u mas-saħħa tal-bniedem. L-eżerċitar ta' ċerti drittijiet jista' jiġi mminat mill-eżistenza ta' ħsara lill-ambjent u l-esponiment għal riskji ambjentali.

Emenda 3

Proposal for a directive

Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tiegħu (l-Artikolu 37), livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem (l-Artikolu 35), id-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2) u d-dritt għall-integrità tal-persuna (l-Artikolu 3). Meta jitqies li l-impatt tal-kriminalità ambjentali mhux biss jaffettwa l-bijodiversità, il-klima u l-limiti planetarji, iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem u s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, jenħtieġ li l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali tkun prijorità fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u tiġi evitata l-ħsara ambjentali.

Emenda 4

Proposal for a directive Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) Din id-Direttiva sservi biex tapprova u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali u d-dritt għal ambjent tajjeb għas-saħħa bħala dritt tal-bniedem, kif rikonoxxuti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, l-Artikoli 35 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Emenda 5

Proposal for a directive Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) *F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni hija impenjata li tħares id-dritt ta' kull persuna li tgħix f'ambjent adegwat għas-saħħa u l-benesseri tagħha.*

Emenda 6

Proposal for a directive Premessa 1e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1e) *L-impatt tar-reati ambjentali mhux biss jaffettwa l-bijodiversità, il-klima u l-limiti planetarji, iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem u s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-Unjoni hija impenjata favur firxa ta' għanijiet ta' sostenibbiltà fit-tul bil-għan ġenerali ta' "għajxien tajjeb, fi ħdan il-limiti tal-pjaneta tagħna". Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli l-ħidma tagħha fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali sabiex tibqa' fil-konfini tal-pjaneta, u tevita kriżijiet eżistenzjali għall-ambjent u l-umanità. Dik il-ħidma jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ix-xjenza u indikaturi armonizzati.*

Emenda 7

Proposal for a directive Premessa 1f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1f) *Fil-kuntest tal-evalwazzjoni li jmiss tal-liġi kriminali ambjentali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiċċara kif jiġi żgurat li jkun hemm kompetenza legali ċara fejn jidħol l-ambjent dwar il-*

kontenut, id-definizzjonijiet ta' x'jikkostitwixxi status ambjentali tajjeb jew ħażin, u liema kwistjonijiet għandhom jitqiesu bħala kriminali.

Emenda 8

Proposal for a directive Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda ***fir-reati*** kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed ***jestendu*** dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħlqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

Emenda

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda ***sinifikanti, kontinwa u sostnuta fl-għadd u s-severità tar-reati*** kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li ***jwasslu għal spejjeż ta' opportunità, ħsara jew telf ta' servizzi u funzjonijiet tal-ekosistema, tar-reżiljenza u l-vitalità ambjentali, ta' habitats u ta' speċijiet***, u jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed ***isiru*** dejjem aktar ***wieħed mill-akbar setturi kriminali fid-dinja u jestendu*** lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħlqu theddida għall-ambjent, ***għall-klima u għas-sikurezza tal-pjaneta*** u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv, ***inkluż kooperazzjoni transfruntiera msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali.***

Emenda 9

Proposal for a directive Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux bizzżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità

Emenda

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux bizzżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità

jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pjeni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pjeni amministrattivi.

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda 10

Proposal for a directive Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pjeni kriminali **li jkunu dissważivi u komuni biżżejjed**, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pjeni amministrattivi **u li jżidu d-deterrenza. Il-liġi kriminali ambjentali jenħtieġ li tkun għodda komplementari biex tipprevjeni, taġixxi bħala deterrent fir-rigward ta' mġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent u biex issewwih.**

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda

(3a) Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, għadha ma teżistix definizzjoni armonizzata u aċċettata ta' reati ambjentali fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, u għalhekk jenħtieġ li din id-Direttiva ttiprovdi qafas ġenerali billi tiddefinixxi reati ambjentali awtonomi, minbarra s-sett komuni ta' definizzjonijiet fl-Unjoni kollha ta' reati ambjentali speċifiċi^{1a}.

^{1a} *Ara Rome, IAI e AMBITUS, Mejju 2022, p. 19.*

Emenda 11

Proposal for a directive Premessa 4

(4) Jenħtieġ li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq ***l-aktar ksur*** serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu sabiex ***jittejbu kemm l-effett*** ta' deterrent tagħhom kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet dwarhom.

(4) Jenħtieġ li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq ***il-ksur*** serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. ***Il-klemenza żejda fir-rigward tal-kastig ta' dawk li setgħu jitqiesu bħala reati ambjentali minuri, tirriżulta f'sitwazzjoni fejn il-multi mġarrba għal ksur tad-dritt ambjentali jirrappreżentaw frazzjoni żgħira tal-profitti u jistgħu jitqiesu bħala parti mill-ispiża biex isir in-negozju. Jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll proċedura biex il-lista ta' reati kriminali tiġi aġġornata awtomatikament f'din id-Direttiva huwa u jiżviluppa d-dritt ambjentali tal-Unjoni.*** Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu sabiex ***ikollhom effett*** ta' deterrent kif ukoll ***biex jappoġġaw b'mod xieraq*** il-katina ta' infurzar responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet dwarhom, ***kif ukoll sabiex jingħata sinjal li jagħmel sens ekonomiku li wieħed jikkonforma mal-acquis ambjentali.***

Emenda 12

Proposal for a directive Premessa 6

(6) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv***

imħassar

ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009²¹ u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ċerta mġiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.

²¹ *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).*

²² **IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.**

²³ **IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final**

²⁴ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd*

illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

Emenda 13

Proposal for a directive Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulent, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazżjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni ***tkun illegali, tkun kisret il-liġi nazżjonali jew tal-Unjoni, jekk*** tkun inkisbet b'mod frodulent, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. ***Awtorizzazzjoni li tkun kisret il-leġislażżjoni rilevanti tal-Unjoni, irrispettivament mir-riżultat eventwali tal-awtorizzazzjoni li tkun inħarġet, jenħtieġ li titqies ukoll bħala illegali.*** Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attività rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazżjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jikkriminalizzaw kategoriji awtonomi u ġenerali ta' reati ambjentali billi joħlqu reat li jipperikola l-ambjent meta mġiba tesponi direttament jew indirettament l-ambjent għal riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali jew meta persuna taġixxi konxjament b'mod li tikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jew il-korpi pubbliċi ma jiġux esklużi milli jiġu mħarrka għat-twettiq, l-***

inċitament, l-ghajjnuna, il-kompliċità jew it-tentattiv ta' reati ambjentali.

Emenda 14

Proposal for a directive Premessa 9

Test proposit mill-Kummissjoni

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats – kif ukoll *is-servizzi pprovduti mir-riżorsi* naturali.

Emenda

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats, *l-ekosistemi u l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet* – kif ukoll *l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, is-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, kif ukoll ir-rispett tal-limiti planetarji.*

Emenda 15

Proposal for a directive Premessa 10

Test proposit mill-Kummissjoni

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwiżità interġenerazzjonali. Għalhekk, meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll kwalunkwe leġiżlazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda jipprojbixxu mgħiba ġdida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-

Emenda

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, *kif muri mill-fatt li sitta mid-disa' limiti planetarji nqabżu*, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwiżità interġenerazzjonali *u ġustizzja*. Għalhekk, meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll kwalunkwe leġiżlazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda

Direttiva jenħtieġ li tiġi emendata sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju ***l-ġdid*** tad-dritt ambjentali tal-Unjoni.

jipprojbixxu mġiba ġdida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi emendata sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni ***adottat wara din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ. F'każijiet bħal dawn, l-emenda ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tkun limitata għall-inkorporazzjoni ta' reati kriminali ġodda, u tkun tikkonċerna biss l-Artikolu 3 u dispożizzjonijiet relatati, sabiex tirrifletti tali inkorporazzjoni biss.***

Emenda 16

Proposal for a directive Premessa 11a (gdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(11a) Kif minqux fl-Artikolu 13 tat-
Titolu II tat-TFUE, peress li l-annimali
huma kreaturi li jħossu, ir-reati kriminali
ambjentali jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ ir-
rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali. L-
Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu
jadottaw regoli aktar stretti sakemm dawn
ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet
tat-Trattat iżda l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni
dwar il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-
annimali tal-irziezet tistabbilixxi
standards minimi. Il-Konvenzjoni
Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali li
Jinżammu għal Skopijiet ta' Biedja u d-
Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE huma
bbażati fuq l-hekk imsejħa "Ħames
Libertajiet" biex jiġu żgurati standards
minimi tal-Unjoni għall-benesseri tal-
annimali selvaġġi, tal-irziezet, tal-
laboratorju u tal-kumpanija: li jkunu
ħielsa mill-ġuħ u l-għatx, ħielsa mill-
iskumdità, ħielsa mill-uġigħ, korriment u
mard, ħielsa li jesprimu modi ta' mġiba
normali u ħielsa mill-biża' u l-ansjetà.
Dan jinkludu l-preskrizzjoni mhux
ġustifikata u sistematika tal-antibijotiċi
bl-impatt negattiv tagħha fir-rigward tar-
reżistenza għall-antimikrobiċi għas-saħħa***

tal-bniedem u tal-annimali u għall-ekosistema. Il-krudeltà jew li l-kawża ta' uġigħ, ansjetà u tbatija li jistgħu jiġu evitati lill-annimali jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala ċirkostanza aggravanti fil-kuntest ta' reat ambjentali.

Emenda 17

Proposal for a directive

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involvement ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jiġu rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri.

Emenda

(12) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija* Criminal proceedings should address corruption, money laundering, cyber-crime and document fraud and – in relation to business activities – the intention of the offender to maximise profits or save expenses, where these occur in the context of environmental crime. These crime forms are often interconnected with serious environmental crime forms and should therefore not be dealt with in isolation. In this respect, it is of particular concern that some environmental crimes are committed with the tolerance or active support of the competent administrations or officials performing *their* public duty. In certain cases this may even take the form of corruption. Examples of such behaviours would be turning a blind eye or remaining silent when facing infringement, of laws protecting the environment following inspections, deliberately omitting inspections or controls for instance with regard to whether the conditions of a permit are being respected by the permit-holder, resolutions or votes in favour of granting illegal licences or issuing falsified or untrue favourable reports.

Emenda 18

Proposal for a directive Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(12a) Il-foresti huma alleat essenzjali fil-
ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-
bijodiversità. Dawn jiffunzjonaw bħala
bjar tal-karbonju, u jgħinu biex jitnaqqsu
l-impatti tat-tibdil fil-klima, pereżempju
billi jkessħu l-bliet, jiproteġuhom minn
għargħar kbir, u jnaqqsu l-impatt tan-
nixfa. Speċjalment fir-rigward ta' reati li
joħolqu spiral ta' ħsara ambjentali severa
li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-
Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità
għall-2030, li jippreżentaw periklu
irreversibbli għall-bilanċ ta' ekosistemi
sħaħ, bħall-qtugħ illegali tas-siġar għall-
injam, it-tqabbid ta' nirien fil-foresti u l-
qerda ta' habitats ta' organiżmi selvaġġi
jew reati oħra kontra l-foresti, jenħtieġ li
jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti
possibbli.**

Emenda 19

Proposal for a directive Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom imwettqa intenzjonalment ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali li jikkawża mewt jew korriment serju ta' persuna, ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom imwettqa intenzjonalment ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali li jikkawża mewt jew korriment serju ta' persuna, ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.
Meta tali mġiba tiġi osservata fi ħdan l-

amministrazzjoni pubblika, huwa essenzjali li l-kwistjoni tkun tista' titressaq quddiem il-qrati u jiġu applikati sanzjonijiet kriminali.

Emenda 20

Proposal for a directive Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu ***l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat***, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu ***l-ispiża tar-restawr tal-ambjent***, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet ***u l-pubblikazzjoni tas-sentenzi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, gwida għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-prosekuturi u l-imħallfin dwar kif għandhom jiġu kklassifikati s-sanzjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri fl-armonizzazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' sanzjonijiet.*** Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda 21

Proposal for a directive Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) ***Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi dan***, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi ***u*** proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li ***tiġi kkunsidrata*** biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

Emenda

(15) Jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. ***Bħal fil-każ tal-persuni fiżiċi, il-persuni ġuridiċi li jkunu awturi jew instigaturi ta' reati jew kompliċi fihom jenħtieġ li jinżammu responsabbli u soġġetti għal proċedimenti kriminali.*** L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi, proporzjonati ***u, meta possibbli, identiċi*** kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li jkun possibbli li ssir prosekuzzjoni kriminali ta' persuni fiżiċi li jaġixxu f'isem entità ġuridika.*** Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi, ***il-konsegwenzi ambjentali diretti u indiretti fit-terminu qasir, medju u twil kif ukoll, jekk applikabbli, in-natura irriversibbli tal-ħsara ambjentali*** jenħtieġ li ***jiġu kkunsidrati*** biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta. ***Fl-aħħar nett, jenħtieġ li wkoll jittieħed kont tal-livell ta' sanzjonijiet kriminali applikabbli għal persuni ġuridiċi għal kategoriji oħra ta' reati.***

Emenda 22

Proposal for a directive Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-

Emenda

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-

livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. ***Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju.*** Peress li l-profitti ***jew*** in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali ***hija*** inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

Emenda 23

Proposal for a directive Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Peress li l-profitti, in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali ***huma*** inċentiv importanti għall-kriminali ***u ta' spiss jixprunaw lill-organizzazzjonijiet kriminali***, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

Emenda

(16a) Filwaqt li r-rikonoxximent tar-reat tal-ekoċidju bħalissa qed jiġi diskuss f'diversi parlamenti nazzjonali madwar id-dinja u fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Unjoni taħtaf l-opportunità biex tibqa' mexxejja dinjija fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u biex tiżgura li jkun hemm definizzjonijiet u sanzjonijiet armonizzati ex ante, u mhux ex post. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom fil-konfront tar-reat ta' ekoċidju li għandu jiġi ddefinit, skont il-Panel ta' Esperti Indipendenti għad-Definizzjoni Legali ta' Ekoċidju, bħala atti illegali jew intenzjonati mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u jew mifruxa inkella fit-tul lill-ambjent. Dak ir-reat speċifiku jagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-aktar ħsara serja lill-

ambjent u b'hekk jipprovdi għal gradwazzjoni ta' sanzjonijiet skont il-gravità tal-ħsara lill-ambjent.

Emenda 24

Proposal for a directive Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat.

Emenda

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa **u jista' jkollhom konsegwenzi sostanzjali jew saħansitra irriversibbli għall-ambjent**, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli **abbażi tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' prevenzjoni minquxa fl-Artikolu 191(2) tat-TFUE. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu fil-livell nazzjonali biex jittrattaw każijiet fi proċedura aċċellerata fejn ikun hemm riskju ta' ħsara irriversibbli jew sostanzjali għall-ambjent.** Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat **kollu. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-ġestjoni tal-qligħ ikkonfiskat. F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, tali qligħ finanzjarju kkonfiskat jenħtieġ li jintuża biex tisewwa l-ħsara kkawżata, biex jiġu kkompensati l-vittmi u biex jiġu ffinanzjati miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra reati simili.**

Emenda 25

Proposal for a directive Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu

Emenda

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa **għall-**

jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar.

*ispeċifitàjiet tal-ħsara ambjentali u adattati għaliha, li l-okkorrenza tagħha ħafna drabi tkun mifruxa fuq perjodu ta' żmien, sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. **L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li jkun jistgħu jiġu applikati miżuri speċjali ta' preskrizzjoni fil-każ ta' ħabi ta' reat, jiġifieri fejn it-trasgressur ikun impedixxa li r-reat jiġi skopert. F'dak il-każ, il-limitu ta' żmien jenħtieġ li jibda jiddekorri biss mill-jum meta r-reat jista' jiġi stabbilit taħt kundizzjonijiet li jippermettu l-prosekuzzjoni. Minħabba s-serjetà tal-imġiba kkonċernata, jenħtieġ li ma jkun hemm ebda perjodu ta' preskrizzjoni għar-reat kriminali ta' ekoċidju u għat-trasgressur kriminali li jkun affettwa ekosistemi naturali meta tali trasgressur kriminali jkun stabbilit bħala entità ġuridika.***

Emenda 26

Proposal for a directive Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 27

Proposal for a directive Premessa 21

Emenda

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra **effettivi, proporzjonati, dissważivi u ta' dettrrent** fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tal-liġi amministrattiva u kriminali fir-rigward tar-reati ambjentali skont id-dritt nazżjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tal-liġi nazżjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u ta' sanzjonijiet amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-projbizzjoni ta' ne bis in idem.

Emenda

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tal-liġi amministrattiva u kriminali fir-rigward tar-reati ambjentali skont id-dritt nazżjonali tagħhom. ***Il-proċedimenti kriminali u s-sanzjonijiet relatati jenħtieġ li jkunu kompletament separati u indipendenti mill-proċedimenti u s-sanzjonijiet amministrattivi.*** Fl-applikazzjoni tal-liġi nazżjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u ta' sanzjonijiet amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-projbizzjoni ta' ne bis in idem.

Emenda 28

**Proposal for a directive
Premessa 22**

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv.

Emenda

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra, ***li jevalwaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi***, biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv ***li jsegwi l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'livell adegwat ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tiġi żgurata kooperazzjoni transfruntiera effettiva, biex tiġi evitata l-kriminalità doppja u jiġi evitat li jkun hemm livelli baxxi ta' infurzar u ta' penali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida biex jgħinu lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-livelli ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw it-tipi***

differenti ta' mġiba kriminali.

Emenda 29

Proposal for a directive Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Minħabba, ***b'mod partikolari, il-mobilità*** tat-trasgressuri ***ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet*** transfruntiera, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex ***jiġġieldu tali mġiba b'mod effettiv.***

Emenda

(23) Minħabba ***l-mobilità*** tat-trasgressuri ***u l-introjtu mill-attivitajiet kriminali, kif ukoll l-investigazzjonijiet*** transfruntiera ***kumplessi meħtieġa biex jiġu miġġielda r-reati ambjentali, inkluża l-imġiba kriminali mwettaqa f'pajjiżi terzi,*** l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex ***l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jinvestigaw u jibdwew proċedimenti kontra tali attivitajiet, inkluż fejn reat jitwettaq, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, mit-territorju tagħhom, kemm jekk tali teknoloġija tkun ibbażata fit-territorju tagħhom kif ukoll jekk le. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fejn reat joħloq riskju għall-ambjent fit-territorju tagħhom jew fejn jitwettaq kontra r-residenti tagħhom. Meta jitqiesu l-limiti tal-prinċipju tat-territorjalità fl-applikazzjoni tad-dritt kriminali għal reati ambjentali ta' natura transkonfinali u l-għadd sinifikanti ta' każijiet fejn atturi tal-Unjoni huma involuti f'reati ambjentali li jseħħu barra mill-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġew jintroduċu l-hekk imsejħa ġuriżdizzjoni universali għal reati ambjentali serji, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekoċidju. L-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu wkoll il-kooperazzjoni interaġenzjali bejn l-investigaturi finanzjarji u l-aġenzji tal-kriminalità ambjentali, biex jidentifikaw u jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji dwar reati ambjentali. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-ħidma ma' kontropartijiet barranin biex tiġi kondiviża l-informazzjoni, jiġu ffaċilitati***

l-prosekuzzjonijiet u jiġu rkuprati l-assi li jiġu ttrasferiti u miżmuma barra mill-Unjoni^{1a}.

^{1a} Kooperazzjoni interaġenzjali proposta fir-rapport tal-2021 dwar il-Ħasil tal-Flus mill-Kriminalità Ambjentali mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), disponibbli fuq <https://www.fatf-gafi.org/media/fatf/documents/reports/Money-Laundering-from-Environmental-Crime.pdf>

Emenda 30

Proposal for a directive Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jenħtieġ li tiġi intensifikata, b'mod partikolari billi jiġi mħeġġeġ u appoġġjat l-istabbiliment ta' miżuri u mekkaniżmi effettivi għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali.

Emenda 31

Proposal for a directive Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, ***in-nies jagħtu*** servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw ***il-benesseri*** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntast tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura, ***lis-saħħa, lill-ekonomija*** u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, ***l-individwi u l-organizzazzjonijiet, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jwettqu*** servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw ***l-ambjent u l-benesseri*** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntast tal-attivitajiet

ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda 32

Proposal for a directive Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-tħeddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata, **komprensiva** u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda

(24a) Id-difensuri ambjentali li jipproteġu direttament l-ekosistemi huma wkoll ta' spiss fuq quddiem nett tal-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali madwar id-dinja, inkluż fl-Unjoni^{1a}. Dawn jistgħu jiġu mhedda, intimidati, ippersegwitati, iffastidjati jew saħansitra maqtula direttament mit-trasgressuri, u bħala tali jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva. L-appoġġ tal-Unjoni għall-istabbiliment ta' rapporteur speċjali indipendenti dwar id-difensuri tad-drittijiet ambjentali fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u konsegwentement għall-istabbiliment ta' miżuri ta' protezzjoni, huwa wkoll mod kif il-kriminalità ambjentali tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv.

^{1a} Global Witness, Last line of defence, Rapport, 2021.

Emenda 33

Proposal for a directive Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Permezz tal-monitoraġġ, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-kwistjonijiet u l-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom rwol fundamentali fil-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità ambjentali u fil-prevenzjoni aktar effettiva tal-imġiba kriminali.

Emenda 34

Proposal for a directive Premessa 24c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24c) Id-difensuri ambjentali jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal kawżi u theddid abbużivi, u jenħtieġ li jkunu protetti minn tali prattiki abbużivi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' ^{1a}. [PO daħħal in-numru ta' referenza għad-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), (2022/0117COD)].

^{1a} Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tishiġ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu indebitu

ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili (2021/2036(INI)).

Emenda 35

Proposal for a directive

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Persuni oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà iġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

Emenda 36

Proposal for a directive

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, kif definiti f'din id-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(5) u 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, jenħtieġ li

Emenda

(25) Persuni **fiżiċi jew ġuridiċi** oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati, **organizzazzjonijiet mhux governattivi** jew membri tas-soċjetà iġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti **b'mod partikolari finanzjarjament, fejn ikun il-każ**. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

jkollhom il-possibilità li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala **għid pubbliku**, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti.

Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala **elementi tal-għid komuni naturali**, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti. **Sabiex jiġi żgurat li d-dritt għal rimedju effettiv minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġi rrispettat, l-ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja jenħtieġ li jkunu limitati billi jitnaqqsu t-tul u l-ispiża tal-proċedimenti għall-vittmi ta' ħsara ambjentali, billi jiżiedu s-setgħat tal-qrati biex jordnaw kumpens effettiv, u billi tiġi estiża l-possibilità għall-membri tal-pubbliku li jipparteċipaw fi proċedimenti bħala partijiet ċivili.**

²⁶ Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

²⁶ Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

Emenda 37

Proposal for a directive Premessa 26a (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja ruħha biex tiżviluppa linji gwida fl-ambitu ta' din id-Direttiva biex tispeċifika l-qafas proċedurali għall-partiċipazzjoni tal-membri tal-pubbliku fil-prosekuzzjoni kriminali ta' reati ambjentali, inkluża d-definizzjoni ta' kriterji ta' ammissibilità faċilment aċċessibbli. Il-Kummissjoni tista', pereżempju, tislet ispirazzjoni minn leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ f'ċerti Stati Membri, bħal Spanja, fejn il-proċedimenti

kriminali huma pubbliċi u jistgħu jittressqu minn kwalunkwe ċittadin, u b'hekk issir parti akkużatorja fil-proċedimenti kriminali.

Emenda 38

Proposal for a directive Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26b) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu inizjattivi li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja għall-membri tal-pubbliku.

Emenda 39

Proposal for a directive Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdedw proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jallokaw unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku **u appoġġ finanzjarju**, kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdedw proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jallokaw unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar

għarfien espert tekniku **jkun** disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku **u l-appoġġ finanzjarju jkunu** disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

Emenda 40

Proposal for a directive Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti li tinkludi miżuri tal-dritt amministrattiv, ċivili u kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kooperazzjoni u komunikazzjoni interni bejn l-atturi kollha tul il-ktajjen ta' infurzar amministrattivi u kriminali u bejn l-atturi tas-sanzjonar punittiv u korrettiv. **Skont ir-regoli applikabbli**, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-UE, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Emenda

(30) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti li tinkludi miżuri tal-dritt amministrattiv, ċivili u kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kooperazzjoni u komunikazzjoni interni bejn l-atturi kollha tul il-ktajjen ta' infurzar amministrattivi u kriminali u bejn l-atturi tas-sanzjonar punittiv u korrettiv. **It-trasgressuri potenzjali ġeneralment ikunu atturi legali li jingħataw leġittimità b'konsegwenza ta' diversi strutturi soċjetali, pereżempju billi jħallsu t-taxxa fuq il-qligħ korporattiv, jipprovdur impjegi, billi jkunu stabbiliti fi ħdan strutturi ta' politika tal-gvern, u kunsiderazzjonijiet politiċi, li potenzjalment iwasslu għar-riskju li dawn it-trasgressuri jiġu ttrattati favorevolment mis-sistemi ġudizzjarji u l-politiki^{1a}. L-aġenziji superviżorji jistgħu jkunu taħt pressjoni biex iżommu relazzjonijiet tajbin mal-kumpaniji li huma jirregolaw, u biex jappoġġaw is-saħħa ekonomika lokali^{1b}.** L-Istati Membri, **għalhekk**, jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-UE, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, **inkluż billi jistabilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali.**

^{1a} Nurse, Angus: *Contemporary Perspectives on Environmental*

Enforcement International journal of offender therapy and comparative criminology, 2022-03, Vol. 66 (4), p. 327-344.

^{1b} Environmental and Wildlife Crime in Sweden from 2000 to 2017, Stassen, Richard; Ceccato, Vania; Favarin, Serena, Journal of contemporary criminal justice, 2020-08, Vol. 36 (3), p. 403-427.

Emenda 41

Proposal for a directive Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Bil-għan ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri rigward il-kriminalità ambjentali, l-Unjoni jenħtieġ li tikkunsidra li testendi l-mandat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għar-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva. L-UPPE, li għandu s-setgħat u l-awtorità tiegħu stess biex jikkoordina investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntieri, bħalissa huwa l-korp Ewropew fl-aħjar pożizzjoni li jittratta l-aktar reati ambjentali serji b'dimensjoni transfruntiera. Estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri reati ambjentali serji b'dimensjoni transfruntiera, permezz tal-Kunsill Ewropew f'konformità mal-Artikolu 86(4) tat-TFUE, hija għalhekk neċessarja. L-UPPE għaldaqstant ikun jista' jittratta r-reati b'dimensjoni transfruntiera li għalihom it-tisħiħ tar-rispons kriminali x'aktarx li ma jinkisibx permezz tal-mezzi tradizzjonali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Sabiex jissodisfa dan il-kompitu ġdid u usa', l-UPPE jeħtieġ riżorsi u finanzjament adegwati mmirati għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jenħtieġ li jipproponi l-inklużjoni ta' reati ambjentali

fir-reati kriminali koperti mid-Direttiva u estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri reati ambjentali serji.

Emenda 42

**Proposal for a directive
Premessa 30b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30b) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell adegwat, effettiv u persważiv ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjonar ta' reati ambjentali serji fit-territorju tal-Unjoni, tinħtieġ armonizzazzjoni akbar tal-liġi kriminali tal-Unjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, analiżi u proposti dwar kif dan jista' jinkiseb billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Eurojust u tal-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-Unjoni, inkluż l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), bl-unitajiet speċjalizzati fil-kriminalità ambjentali.

Emenda 43

**Proposal for a directive
Premessa 31a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Minħabba l-impatt globali u n-natura transfruntiera tagħha, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali prijorità politika strateġika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari billi jippromwovu l-konformità ma' ftehimiet ambjentali multilaterali permezz tal-adozzjoni ta'

sanzjonijiet kriminali u l-iskambju tal-aħjar prattiki u data dwar il-kriminalità ambjentali. Dan l-approċċ internazzjonali għall-kriminalità ambjentali jenħtieġ li jinkludi wkoll l-estensjoni tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għar-reat tal-ekoċidju, u l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol u responsabbiltà fundamentali f'dan ir-rigward.

Emenda 44

Proposal for a directive Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni, ***u jagħmlu disponibbli online lill-pubbliku***, data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali, ***b'mod partikolari billi jispeċifikaw is-sanzjonijiet imposti fuq l-awturi tar-reati. Sabiex jiffaċilitaw il-ħidma tal-atturi tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu pjattaforma pubblika fil-livell nazzjonali biex tinġabar data dwar il-kriminalità ambjentali. Fil-livell Ewropew***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda 45

Proposal for a directive Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Id-data statistika dwar ir-reati ambjentali miġbura skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun komparabbli bejn l-Istati Membri u miġbura abbażi ta' standards minimi komuni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi format standard għat-trażmissjoni tad-data statistika. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷.

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 46

Proposal for a directive Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33) Id-data statistika dwar ir-reati ambjentali miġbura skont din id-Direttiva jenħtieġ li tkun komparabbli bejn l-Istati Membri u miġbura abbażi ta' standards minimi komuni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi format standard għat-trażmissjoni tad-data statistika. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷. ***Dik id-data aggregata fil-livell Ewropew jenħtieġ li tkun disponibbli fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż skont il-kategoriji ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(21) ta' din id-Direttiva, taħt is-superviżjoni tal-Eurostat.***

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda

(33a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni,

f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, timmonitorja l-kapaċitajiet tas-sistemi ġudizzjarji biex tidentifika u tipprevjeni r-reati ambjentali, tirrispondi għalihom u tipproċedi kontrihom, kif ukoll tidentifika lakuni u tipprovdi rakkomandazzjonijiet u linji gwida speċjalizzati u bbażati fuq ix-xjenza għal identifikazzjoni, investigazzjoni, prosekuzzjoni jew riżoluzzjoni aħjar tar-reati kriminali ambjentali.

Emenda 47

Proposal for a directive Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali sabiex l-ambjent ***jiġi protett*** b'mod aktar effettiv.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali ***fir-rigward tar-reati kriminali u tipprevedi mezzi u riżorsi biex tiġġieled ir-reati kriminali, bil-għan li tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni ambjentali u sabiex tgħin biex l-ambjent u r-reżiljenza u l-vitalità tiegħu jiġu protetti*** b'mod aktar effettiv.

Emenda 48

Proposal for a directive Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) liġi, regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a).

Emenda

(b) liġi, ***att jew*** regolament amministrattiv ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a) ***jew lill-inizjattiva strateġika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent.***

Emenda 49

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulent, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni **tkun illegali jew** tkun inkisbet b'mod frodulent, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda 50

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "ħabitat f'sit protett", tfisser kwalunkwe ħabitat ta' speċijiet li għalih żona hija kklassifikata bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, jew kwalunkwe ħabitat naturali jew ħabitat ta' speċijiet li għalih sit jintgħażel bħala żona speċjali ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE³¹;

Emenda

(2) "ħabitat f'sit protett", tfisser kwalunkwe ħabitat ta' speċijiet li għalih żona hija kklassifikata bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont l-Artikolu 4(1) jew (2) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, jew kwalunkwe ħabitat naturali jew ħabitat ta' speċijiet li għalih sit jintgħażel bħala żona speċjali ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE³¹ **jew sit li jkun imniżżel fil-Lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO**;

³⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

³⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Emenda 51

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) "qtugħ illegali tas-siġar għall-injam" tfisser kwalunkwe qtugħ tas-siġar għall-injam li jikser ir-regoli u l-leġislazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali relatati u li ma jkunx limitat għal każijiet li jinvolvu prodotti jew komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż l-imġiba ta' awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali tal-foresti li tikser id-dritt tal-Unjoni fl-isfera tal-protezzjoni tan-natura jew liġi li timplimenta inizjattiva strateġika tal-Unjoni fl-isfera tal-protezzjoni tan-natura;

Emenda 52

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, **ħliet għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;**

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

Emenda 53

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) "offerta għall-bejgħ", "bejgħ" u "kummerċ" għandhom it-tifsira stabbilita

rispettivamente fl-Artikolu 2, il-punti (i), (p) u (u) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u jkopru wkoll l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ u l-kummerċ li jseħħu online, irrISPettivament mill-post ta' stabbiliment jew residenza tal-fornituri tas-servizzi online intermedjarji u tan-negożjanti;

Emenda 54

**Proposal for a directive
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) "tqegħid fis-suq" għandha t-tifsira stabbilita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014^{1a} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal in-numru tar-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; Din tkopri wkoll it-tqegħid fis-suq li jseħħ online;

^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195-230).

Emenda 55

**Proposal for a directive
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) "limiti planetarji" tfisser id-disa' sistemi planetarji ta' sapport tal-ħajja identifikati bħala parti mill-qafas tal-limiti planetarji: it-tibdil fil-klima, l-integrità tal-bijosfera, li tkopri d-diversità funzjonali u ġenetika, il-bidliet fis-sistemi tal-art, l-użu tal-ilma ħelu, il-flussi bijoġeokimiċi, bħan-nitroġenu u l-fosforu, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, it-tniġġis atmosferiku bl-aerosols, it-tnaqqis tal-ożonu stratosferiku u entitajiet ġodda^{1a};

1a

<https://www.eea.europa.eu/publications/is-europe-living-within-the-planets-limits>

Emenda 56

**Proposal for a directive
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5d) "intenzjonat" tfisser dak li jkun karatterizzat minn aġir bla kont li ma jagħti ebda kunsiderazzjoni għat-twettiq ta' ħsara li tkun eċċessiva b'mod ċar meta mqabbla mal-benefiċċji soċjali u ekonomiċi antiċipati;

Emenda 57

**Proposal for a directive
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5e) "severa" tfisser grad ta' ħsara li tinvolvi bidliet avversi, tfixkil jew ħsara serji ħafna lil kwalunkwe element tal-ambjent, inklużi impatti gravi fuq il-ħajja tal-bniedem, jew fuq ir-riżorsi naturali,

kulturali jew ekonomiċi;

Emenda 58

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5f) "mifruxa" tfisser tip ta' ħsara li testendi lil hinn minn żona ġeografika limitata, li tkun ta' natura transfruntiera, jew li tiġġarrab minn ekosistema jew speċi sħiħa jew minn għadd kbir ta' bnedmin;

Emenda 59

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5g) "ħsara fit-tul" tfisser ħsara li tkun irriversibbli jew li ma tistax tissewwa permezz ta' rkupru naturali f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

Emenda 60

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5h) "ambjent" tfisser id-dinja, il-bijosfera, il-krijosfera, il-litosfera, l-idrosfera u l-atmosfera tagħha, kif ukoll l-ispazju ekstratmosferiku, inkluż l-integrità tal-elementi bijotiċi u abijotiċi kollha ta' ekosistema, il-funzjonijiet, is-servizzi u l-interazzjonijiet reċiproċi tagħhom u l-limiti planetarji tad-dinja;

Emenda 61

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5i) "il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas" tfisser il-prinċipju li skontu min iniġġes għandu jġarrab il-kostijiet tat-tniġġis jew tal-ħsara ambjentali tiegħu, inkluż il-kost tal-miżuri meħuda għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għar-rimedju tat-tniġġis, kif ukoll il-kostijiet li min iniġġes jimponi fuq is-soċjetà;

Emenda 62

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5j) "ekoċidju" tfisser atti illegali jew intenzjonati mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li dawk l-atti jikkawżaw ħsara lill-ambjent severa u jew mifruxa inkella fit-tul.

Emenda 63

Proposal for a directive

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5k (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5k) "Approċċ Saħħa Waħda" tfisser approċċ integrat u li jgħaqqad li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistemi. Dan jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi u selvaġġi, tal-pjanti, u tal-ambjent usa' inklużi l-ekosistemi huma interkonnessi mill-qrib u interdipendenti;

Emenda 64

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment, **jew b'mod negliġenti jew mingħajr ebda kunsiderazzjoni għad-diliġenza dovuta u d-dmir ta' diliġenza, jew l-obbligu li wieħed ikun konxju:**

Emenda 65

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew **il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew** ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali, **ernerġija** jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew ħsara sostanzjali **lis-saħħa tal-bniedem jew** ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew **lill-biodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità tal-ambjent,** lill-annimali jew lill-pjanti, **f'konformità mal-approċċ Saħħa Waħda;**

Emenda 66

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor,

Emenda

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor,

jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew **il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew** ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew ħsara sostanzjali **lis-saħħa tal-bniedem jew ħsara** lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità tal-ambjent**, lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

Emenda 67

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, **inkluża** l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq **tal-Unjoni, l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni**, jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, **inkluż l-użu tagħhom fi proċessi tal-produzzjoni u** l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda 68

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴; jew

Emenda

(iii) din l-attività ma tkunx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴; jew **mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{34a}; or**

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1-50).

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1-50).

^{34a} **Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-**

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1-16).

Emenda 69

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) din l-attività tkun ipprojbita skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003^{1a} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} jew ma tkunx f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};

^{1a} Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u L-Kunsill ta' 22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali, ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29-43.

^{1b} Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE, ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43-167.

Emenda 70

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – punt ivb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ivb) din l-attività ma tkunx f'konformità mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

1^a Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja għall-ilħiq ta' użu sostenibbli tal-pestiċidi.

Emenda 71

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1 – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(via) din l-attività tkun ipprojbata skont l-Artikolu 15(2) u l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda 72

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża ***l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew*** ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali ***lis-saħħa tal-bniedem jew ħsara*** lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità tal-ambjent,*** lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 73

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) kwalunkwe mġiba li tikser ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008.

Emenda 74

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) kwalunkwe emissjoni ta' sustanzi fl-ambjent ta' kwalunkwe sustanza jew sustanza niġġiesa li ma tkunx f'konformità mad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} jew mad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};

^{1a} Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa.

^{1b} Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

Emenda 75

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) ir-rilaxx deliberat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati, kif ukoll il-kultivazzjoni u t-tqegħid fis-suq tagħhom meta dawk l-attivitàjiet ma

jkunux f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda 76

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-awtorizzazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-pjan jew tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE^{1a} mingħajr valutazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit, imsemmija f'dak l-Artikolu;

^{1a} Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

Emenda 77

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-awtorizzazzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' pjan jew ta' proġett awtorizzat mingħajr ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE^{1a};

^{1a} Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas

Emenda 78

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

Emenda

(e) il-ġbir, it-trasport, **it-trattament**, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

Emenda 79

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ ***u titwettaq fi kwantità mhux negliġibbli***;

Emenda

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹;

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3-30).

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3-30).

Emenda 80

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew

Emenda

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew

x'aktarx tikkawża l-mewt jew ***il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew*** ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

x'aktarx tikkawża l-mewt jew ħsara sostanzjali ***lis-saħħa tal-bniedem jew ħsara*** lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità tal-ambjent,*** lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 81

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu ***msemmija*** fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; ***din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;***

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11-21).

Emenda 82

Proposal for a directive Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Emenda

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu ***kif definiti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/56/KE u/jew imsemmija*** fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11-21).

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew ***il-korriment serju lil kwalunkwe persuna*** jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew ***ħsara sostanzjali lis-saħħa tal-bniedem*** jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità ta-ambjent***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1-37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66-106).

Emenda 83

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew ***il-korriment serju lil kwalunkwe persuna*** jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p.

Emenda

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew ***ħsara sostanzjali lis-saħħa tal-bniedem*** jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, ***jew lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità ta-ambjent***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1-73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42-52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12-

12–21).

21).

Emenda 84

Proposal for a directive

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża ***jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi*** tal-ilma ta' taħt l-art;

Emenda

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża ***li r-rata medja annwali fit-tul tal-astrazzjoni tkun akbar mir-riżorsa*** tal-ilma ta' taħt l-art disponibbli; ***jew l-alterazzjoni minħabba intervent jew astrazzjoni mill-bniedem li għaliha huwa soġġett il-korp tal-ilma ta' taħt l-art li tista' tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti fl-istat tal-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati, jew fi ħsara sinifikanti lill-ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq il-korp tal-ilma ta' taħt l-art; jew alterazzjonijiet fid-direzzjoni tal-fluss li jirriżultaw minn bidliet fil-livell li jikkawżaw ilma mielaħ jew intrużjoni oħra, u jindikaw xejra sostnuta u identifikata b'mod ċar fid-direzzjoni tal-fluss, ikkawżata minn intervent uman, li x'aktarx tirriżulta f'tali intrużjonijiet;***

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) ***it-twettiq ta' ksur serju skont it-tifsira tal-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};***

^{1a} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96,

(KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343 22.12.2009, p. 1).

Emenda 86

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi **IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, **ħlief għall-każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;****

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda

(1) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi **A, B u C tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV u fl-Anness V (meta l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet jew għall-popolazzjonijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰;**

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni għar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali kif minquxa fl-Artikolu 13 tat-*Titolu II* (tat-*TFUE*) u spjegati aktar fid-dettall fil-leġiżlazzjoni tal-*UE*, nazzjonali u reġjonali għall-annimali selvaġġi, tal-irziezet, tal-laboratorju u tal-kumpanija b'attenzjoni partikolari għal-libertà mill-ġuħ u l-għatx, il-libertà mill-iskumdità, il-libertà mill-uġiġħ, korriment u mard, il-libertà li jesprimu mġiba normali u l-libertà mill-biża' u l-ansjetà; inkluż kif previst fil-leġiżlazzjoni tal-*Unjoni* speċifika dwar il-benesseri ta' tiġieġ li jbid^{1a}, tiġieġ tas-simna^{1b}, majjali^{1c} u għoġġiela^{1d}, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati^{1e} u dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla^{1f}; il-krudeltà jew l-ikkawżar ta' wġiġħ, ansjetà u tbatija li jistgħu jiġu evitati lill-annimali għandhom jitqiesu wkoll bħala ċirkostanza aggravanti.

^{1a} *Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid.*

^{1b} *Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam.*

^{1c} *Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali.*

^{1d} *Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela.*

*^{1e} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004
dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-
trasport u operazzjonijiet relatati.*

*^{1f} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009
dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-
qatla;*

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt lb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(lb) il-preskrizzjoni mhux ġustifikata u
sistematika ta' antibijotiċi minħabba l-
impatt negattiv tagħha fir-rigward tar-
reżistenza għall-antimikrobiċi fuq saħħet
il-bniedem u l-annimali u għall-
ekosistema, f'konformità mal-approċċ
"saħħa waħda";*

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta'
speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta'
partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati
fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-
Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, **ħlief għal
każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna
kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;**

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta'
speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta'
partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati
fl-Annessi A, B u, **b'mod limitat għall-
importazzjonijiet, fl-Anness C** tar-
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹;

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar
il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora
selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ
fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar
il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora
selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ
fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) L-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' njam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵², ***ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli***; [Jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni ***tal-Artikolu 3*** ta' dak ir-Regolament.]

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(n) L-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵²; [Jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni ***tal-Artikoli 3, 3, 3a, 4 u 4a*** ta' dak ir-Regolament.]

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

(na) in-nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tal-operazzjonijiet iffinażzjati mill-FAEG u mill-FAEŻR, u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a},

*f'konformità mar-Regolament (KE)
Nru 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill^{1b};*

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

^{1B} Ir-regoli relatati mal-operazzjonijiet u mal-kundizzjonalitajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiġfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Emenda 92

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt nb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(nb) qtugħ illegali tas-siġar għall-injam;

Emenda 93

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt o**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, **meta din id-degradazzjoni tkun** sinifikanti;

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, **jew it-tfixkil** sinifikanti **ta' speċi li jkun ġie deżinjat sit għaliha, jew kwalunkwe sit ieħor li**

jimplimenta l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 jew il-liġi tal-UE għar-restawr tan-natura;

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt ***jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali*** lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-annimali jew lill-pjanti***;

Emenda

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt ***jew ħsara lil saħħet il-bniedem jew ħsara*** lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi, lir-reżiljenza u l-vitalità tal-ambjent, tal-annimali jew tal-pjanti***;

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt rb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(rb) ***il-ħsara sinifikanti tal-ambjent f'każ ta' investimenti pubbliċi jew privati meta jkun hemm nuqqas qawwi ta' rispett għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17***

Emenda

(ra) ***l-ekoċidju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5c) u fl-Artikolu 3(2a).***

Emenda

Emenda 97

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt rc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(rc) il-**ħsara ambjentali lill-foresti, inkluż billi jinbdew in-nirien fil-foresti intenzjonalment jew minħabba nuqqas ta' diliġenza dovuta, u n-nuqqas ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni);***

Emenda 98

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt rd (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(rd) il-**ksur tal-istandards kif stabbiliti fid-Direttiva dwar Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva (2022/0051(COD)) u d-Direttiva fir-rigward tar-Rapportar Korporattiv Sostenibbli (2021/0104(COD));***

Emenda 99

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt re (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(re) id-**danni ambjentali kif iddefiniti fid-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju***

għal danni ambjentali;

Emenda 100

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali:

(a) kwalunkwe mġiba li taffettwa b'mod negattiv il-klima jew l-ambjent, inklużi l-ilma, l-arja, il-ħamrija, il-bijodiversità, il-ħabitats, is-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema jew il-vitalità, ir-reżiljenza u l-interazzjonijiet reċiproċi tagħhom, jew is-saħħa jew il-benessri tan-nies u s-saħħa u l-benessri tal-annimali: is-severità tagħhom għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-ħsara li jikkawżaw; u

(b) kwalunkwe mġiba, li, direttament jew indirettament, tesponi id-drittijiet tal-ambjent jew tal-bniedem rilevanti għal riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali. L-għarfien li l-imġiba tista' tikkawża jew aktarx tikkawża ħsara sostanzjali, jenħtieġ li jiġi qies bħala ċirkustanza aggravanti.

Emenda 101

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1, **il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r)** tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettag **b'mill-inqas negliġenza serja**.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1 tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettag **b'negliġenza**.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom fuq ir-reat ta' ekoċidju għall-aktar reati serji skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2), jiġifieri, imġiba illegali jew intenzjonata mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li dik l-imġiba tikkawża ħsara severa u jew mifruxa inkella fit-tul lill-ambjent.

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, fejn rilevanti, meta jiġi vvalutat jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali għall-finijiet tal-investigazzjoni, **il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni** tar-reati msemmija **fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p)**:

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, fejn rilevanti, meta jiġi vvalutat jekk il-ħsara, il-vantaġġ miksub jew il-ħsara probabbli jkunux sostanzjali għall-finijiet tal-investigazzjoni, **u l-prosekuzzjoni** tar-reati msemmija **fil-paragrafi 1 u 1a**:

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) is-severità tal-ħsara;

(c) is-severità tal-ħsara **evalwata abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u abbażi tan-nomenklatura, għall-użu**

ġudizzjarju biss, li tiddeskrivi l-valur ekoloġiku, soċjali jew monetarju tas-servizzi jew il-funzjonijiet tal-ekosistema pprovduti, ir-reżiljenza ambjentali jew il-vitalità mitlufa jew mitlufa temporanjament u l-valur ekoloġiku, soċjali u monetarju tal-eżemplari ta' organiżmi selvaġġi affettwati jew maqtula;

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-firxa tal-ħsara;

Emenda

(d) is-severità tal-ħsara *evalwata abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u abbażi tan-nomenklatura, għall-użu ġudizzjarju biss, li tiddeskrivi l-valur ekoloġiku, soċjali jew monetarju tas-servizzi jew il-funzjonijiet tal-ekosistema pprovduti, ir-reżiljenza ambjentali jew il-vitalità mitlufa jew mitlufa temporanjament u l-valur ekoloġiku, soċjali u monetarju tal-eżemplari ta' organiżmi selvaġġi affettwati jew maqtula;*

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) *l-iskala tal-benefiċċji finanzjarji miksuba, inkluż l-ispiża stmata tal-konformità, mit-twettiq tar-reat;*

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi, il-popolazzjoni jew il-habitat affettwati u x-xejra li tikkonċernahom.

Emenda 108

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) jekk l-effetti jew l-effetti probabbli fuq l-ambjent humiex inaċċettabbli meta jitqies il-livell ta' protezzjoni ambjentali li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għandha l-għan li tiżgura.

Emenda 109

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ed (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) it-tul ta' żmien tal-ksur jew tan-nuqqas ta' konformità;

Emenda 110

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, **fejn rilevanti**, meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-

msemmija fil-paragrafu 1, ***il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p)***:

aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1:

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) I-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata;

Emenda

(a) I-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet, ***ġiet aġġornata*** jew ġiet osservata;

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) it-tul ta' żmien tal-ksur jew tan-nuqqas ta' konformità;

Emenda

Emenda 113

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) il-konsegwenzi għal saħħet il-bniedem u n-natura ta' kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda

Emenda 114

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(cb) jekk il-ħsara lill-kwalità jew il-kwantità tal-ilma tkunx wasslet għal

Emenda

deterjorament tal-istatus tal-korp tal-ilma kif definit fil-Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara l-aktar reċenti, f'konformità mad-dikjarazzjonijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE^{1a}.

^{1a} Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1-73).

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk il-kwantità tkunx negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu, ***fejn rilevanti***, meta jiġi vvalutat jekk il-kwantità tkunx negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor;

Emenda

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-valur jew parametru obbligatorju regolatorju ieħor ***jew il-limitu tal-ħsara jew tat-tossiċità***;

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

Emenda

(c) l-istat ta' konservazzjoni ***tal-popolazzjonijiet rilevanti*** tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-livell ta' protezzjoni mogħti liż-żona jew lill-ispeċijiet ikkonċernati;

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) il-valur ekoloġiku, soċjali u monetarju tas-servizz tal-ekosistema pprovdut mitluf jew temporanjament mitluf, evalwat abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u bbażat fuq in-nomenklatura għall-użu ġudizzjarju biss;

Emenda 120

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-valur ekoloġiku, soċjali u monetarju tal-karbonju maħżun fl-ekosistema, inkluża l-ħamrija, u rilaxxat fl-atmosfera wara l-ħsara, evalwat abbażi

tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u bbażat fuq in-nomenklatura għall-użu ġudizzjarju biss;

Emenda 121

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) il-kwantità potenzjali ta' benefiċċji finanzjarji, inkluża l-ispiża stmata għall-konformità, miksuba mit-twettiq tar-reat, b'kont meħud tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

Emenda 122

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) jekk ir-reat ikunx twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI, jew ikunx marbut ma' korruzzjoni, frodi, estorsjoni jew koerċizzjoni.

Emenda 123

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Għar-reati msemmija f'dan l-Artikolu u f'konformità mal-Artikolu 25(3), l-Istati Membri għandhom jiżguraw kontinwament li l-leġiżlazzjoni ġdida u aġġornata fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali b'rabta ma' dawn ir-reati, titqies kif dovut.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twetiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) **u l-Artikolu 3(1a)** u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda 125

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1), **il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r)** ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) **u l-Artikolu 3(1a)** ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda 126

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jinbnew proċedimenti kontra l-uffiċjal kap eżekuttiv jew kwalunkwe maniment superjuri ta' impriża b'mod indipendenti bħala persuna fiżika jekk ikunu wettqu r-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4, irrispettivament minn jekk ikunx hemm

Emenda 127

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' prigiunerija ta' mill-inqas sitt snin.

Emenda

3. ***Jekk il-paragrafu 2 ma jkunx applikabbli***, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (j), (n), ***(nb)***, (q), (r), ***(rb)***, ***(rc)***, ***(rd)***, ***(re)*** u l-Artikolu 3(1a) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' prigiunerija ta' mill-inqas sitt snin.

Emenda 128

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' prigiunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Emenda

4. ***Jekk il-paragrafu 2 ma jkunx applikabbli***, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), ***(ka)***, (l), ***(la)***, (m), ***(na)***, (o), (p) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' prigiunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Emenda 129

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżviluppaw miżuri alternattivi għall-prigiunerija sabiex jikkontribwixxu għar-restawr tal-ambjent.

Emenda 130

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ikunu soġġetti għal multa proporzjonata jew għal piena ta' ħabs.

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku, **li jkopru l-kost sħiħ biex l-ambjent jiħi restawrat u biex jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.;**

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt -aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) obbligu li jkopru l-kost tat-tqegħid tal-annimali kkonfiskati f'ċentru ta' salvataġġ jew faċilità interim adatta oħra;

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) multi;

(b) multi **li jkunu proporzjonati għall-gravità u t-tul ta' żmien tal-ħsara kkawżata u biżżejjed biex jissodisfaw il-funzjoni punittiva u ta' deterrent tagħhom;**

Emenda 134

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet, **inkluż fi Stati Membri oħrajn;**

Emenda 135

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

(d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat, **inkluż fi Stati Membri oħrajn;**

Emenda 136

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;

(e) irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat, **inkluż fi Stati Membri oħrajn jew partijiet minnhom;**

Emenda 137

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) projbizzjonijiet fuq l-eżerċitar ta' attivitajiet li rriżultaw fit-twettiq tar-reat;

Emenda 138

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt eb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) projbizzjoni tul il-ħajja kollha għax-xogħol mal-annimali u s-sjieda tal-annimali;

Emenda 139

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt ga (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) ħlas ta' hserat abbażi tar-responsabbiltà ċivili, b'mod partikolari meta r-restawr ambjentali ma jkunx għadu possibbli;

Emenda 140

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt gb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(gb) rimborż tal-kostijiet imġarrba minn partijiet terzi li jkunu investigaw, irrappurtaw jew ħarrku lit-trasgressur;

Emenda 141

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ***meta tali reati jkunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, abbażi ta':***

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3, u 4.

Emenda 142

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;***

Emenda

imħassar

Emenda 143

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***awtorità li tiegħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;***

Emenda

imħassar

Emenda 144

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

imħassar

Emenda 145

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, ***jekk applikabbli, tul il-katina tal-provvista kollha tagħha*** minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

Emenda 146

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-uffiċjal korporattiv responsabbli jkun dejjem l-uffiċjal kap eżekuttiv jew uffiċjal mill-maniġment superjuri, kemm jekk ikun qed jaqsam ir-responsabbiltà mal-bord elett kif ukoll jekk le.

Emenda 147

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu n-negozjar ta' responsabbiltà korporattiva għar-responsabbiltà individwali.

Emenda 148

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. **Meta jkun possibbli, dawk is-sanzjonijiet għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha. Il-livell ta' sanzjonijiet għandu jkun gradwat, b'tali mod li jirrifletti l-grad ta' severità u t-tul tal-konsegwenzi ambjentali.**

Emenda 149

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-miżuri ta' prekawzjoni, sakemm tingħata s-sentenza, jippermettu l-waqfien immedjat tal-attività kriminali jew l-obbligu li jiġi restawrat l-ambjent meta jkun hemm riskju ta' ħsara sostanzjali jew irriversibbli għall-ambjent.

Emenda 150

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) multi kriminali jew mhux kriminali;

Emenda

(a) multi kriminali jew mhux kriminali varjabbli, ***proporzjonati skont il-benefiċċji finanzjarji miksuba bit-tweqqif tar-reat u kbar biżżejjed biex ikollhom effett ta' deterrent;***

Emenda 151

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) obbligu li ***jirrestawraw l-ambjent*** f'perjodu ta' żmien speċifiku;

Emenda

(b) obbligu li ***jkopru b'mod sħiħ il-kost tar-restawr tal-ambjent, fejn ir-restawr għandu jiġi eżegwit minn esperti kkuntrattati***, f'perjodu ta' żmien speċifiku ***u li jħallsu għall-ħsara kkawżata;***

Emenda 152

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

Emenda

(c) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika, ***inkluż fi Stati Membri oħrajn;***

Emenda 153

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi

Emenda

(d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi

proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;

proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet, ***inkluż fi Stati Membri oħrajn***;

Emenda 154

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

Emenda

(e) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali, ***inkluż fi Stati Membri oħrajn***;

Emenda 155

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) projbizzjoni tul il-ħajja kollha għax-xogħol mal-annimali u s-sjeda tal-annimali;

Emenda 156

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards ambjentali;

Emenda

(j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards ambjentali ***meta dan ma jkunx obbligu legali***;

Emenda 157

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) rimborż tal-kostijiet imġarrba minn partijiet terzi li jkunu investigaw, irrappurtaw jew ħarrku lit-trasgressur;

Emenda 158

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ka (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) it-tneħħija mir-Registru Ewropew tat-Trasparenza.

Emenda 159

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Ir-responsabbiltà kriminali ta' intrapriża tista' tiġi trasferita lill-kumpanija suċċessur.***

Emenda 160

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), ***il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r)*** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **5 %** tal-fatturat globali totali

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **12 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika

tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

[/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Emenda 161

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn 3 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.*

imħassar

Emenda 162

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. *Il-limitu massimu tal-multi għandu jiġi estiż għal 15 % f'każijiet ta' reati b'ċirkostanzi aggravanti kif imsemmi fl-Artikolu 8, u fil-każ ta' ekoċidju.*

Emenda 163

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) *ir-reat jitwettaq intenzjonalment jew bl-għarfien li jikkawża jew li aktarx jikkawża ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew ħsara sostanzjali lill-ambjent;*

Emenda 164

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew il-korriment serju lil, persuna;

Emenda

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew korriment serju lil, ***persuna, bhejjem jew annimali tal-kumpanija, jew wassal għal impatt kbir fuq stokk ta' organiżmi selvaġġi.***

Emenda 165

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema;

Emenda

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema ***jew lill-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi jew speċijiet ta' pjanti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***

Emenda 166

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-valuri naturali eċċezzjonali taż-żona kkonċernata, indikati, pereżempju, bl-għoti ta' protezzjoni stretta, jew billi tintagħżel bħala żona ċentrali ta' park nazzjonali, jew sit ta' patrimonju tal-UNESCO;

Emenda 167

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) ir-reat ikun twettaq f'sit protett ta' Stat Membru, bħal żona Natura 2000, jew f'żona fejn ir-reat aktarx ikollu effett sinifikanti fid-dawl tal-obiettivi ta' konservazzjoni ta' sit protett;

Emenda 168

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-reat ikun twettaq **fil-qafas ta'** organizzazzjoni kriminali **fit-tifsira** tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶;

(c) ir-reat ikun twettaq **fi ħdan** organizzazzjoni kriminali **fis-sens** tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶;

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

Emenda 169

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati;

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati **jew korruzzjoni**;

Emenda 170

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ir-reat ikun twettaq minn ***uffiċjal pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu***;

Emenda

(e) ir-reat ikun twettaq minn ***uffiċjali pubbliċi waqt il-qadi ta' dmirijiethom***;

Emenda 171

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 - paragrafu 1 - punt fa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) it-trasgressur ikun diġà rċieva penali ta' twissija jew sanzjoni amministrattiva jew kriminali abbażi ta' din id-Direttiva jew id-Direttiva 2008/99/KE jew abbażi ta' liġi ambjentali settorjali mhux koperta bid-Direttiva 2008/99/KE;

Emenda 172

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) it-trasgressur tar-reat ikun ipproċeda b'mod attiv bl-imġiba illegali wara li tkun tnediet proċedura ta' ksur fil-qasam ta' politika rispettiv b'rabta mal-attività tat-trasgressur mill-Kummissjoni;

Emenda 173

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) it-trasgressur ikun wettaq reat skont l-Artikolu 3 waqt li kien soġġett għal deroga skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE;

Emenda 174

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jb) ir-reat ikun twettaq flimkien ma' reati kriminali oħra;

Emenda 175

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt jc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jc) ir-reat ikkawża t-tbatija bla bżonn u evitabbli tal-annimali.

Emenda 176

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, iċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi mitiganti:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fir-rigward tar-reati rilevanti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, iċ-ċirkostanzi li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi mitiganti, **li jfisser il-fatturi biss li huma rilevanti fir-rigward tat-tnaqqis tal-piena:**

Emenda 177

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-trasgressur **ikun irrestawra** n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha;

(a) it-trasgressur jirrestawra n-natura lura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha

*qabel ma jittieħdu proċedimenti legali
kontrih;*

Emenda 178

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, kif xieraq, li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jiffriżaw jew jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut għat-twettiq tar-reati msemmija f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom.

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

Emenda 179

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

I. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, kif xieraq, li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jiffriżaw jew jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut għat-twettiq tar-reati msemmija f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom.

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

1a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assi ffriżati u konfiskati jkunu ġestiti kif xieraq, f'konformità man-natura tagħhom, u, meta jkun possibbli, jintużaw biex jiġu ffinanzjati t-tiswijiet.*

Emenda 180

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jużaw l-assi kkonfiskati:

Emenda 181

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid) – punt a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) biex ikopru l-kost tar-restawr tal-ambjent, jikkumpensaw lill-vittmi u/jew jiffinanzjaw miżuri li jkollhom l-għan li jiġġieldu reati simili;

Emenda 182

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid) – punt b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) biex ikopru kompletament il-kostijiet assoċjati mal-ġestjoni, l-akkomodazzjoni u l-kura xierqa tal-annimali ħajjin ikkonfiskati f'faċilità interim xierqa;

Emenda 183

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Il-prodotti ta' organiżmi selvaġġi kkonfiskati għandhom jiġu offruti lill-entitajiet pubbliċi xierqa għal finijiet ġenwini ta' edukazzjoni u konservazzjoni

jew għandhom jinquerdu.

Emenda 184

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Il-postijiet ta' kenn, is-santwarji, iċ-ċentri ta' salvataġġ tal-annimali u kwalunkwe faċilità interim xierqa oħra għandhom ikunu mgħammra biex jakkomodaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' eżemplari kkonfiskati ta' speċijiet ta' fawna selvaġġi soġġetti għar-reati elenkati fil-punti (l) u (m) tal-Artikolu 3(1), biex jassistu fl-irkupru u jipprovdu kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati u xierqa bil-ħsieb li jinħelsu, meta dan ikun possibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali ħajjin ikkonfiskati jkunu miżmuma, mitmugħa u kkurati kif xieraq.

Emenda 185

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Perjodi ta' preskrizzjoni għal reati kriminali

Perjodi ta' preskrizzjoni għal reati kriminali u l-introduzzjoni ta' pjeni li jċaħħdu l-libertà

Emenda 186

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-

investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess ***u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja*** tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

investigazzjoni, ***l-akkuża***, il-prosekuzzjoni, ***u*** l-proċess tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 3a u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti jibda wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali ***jew minn meta jkun ġie skopert ir-reat*** sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv. ***Għar-reati komparabbli ma' reat ta' ekoċidju jew li jikkwalifikaw bħala reat ta' ekoċidju u r-reati li jaffettwaw ekosistema li tkun stabbilita bħala entità ġuridika ma għandu jkun hemm l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni.***

Emenda 187

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jkunu jistgħu jiġu applikati miżuri speċjali ta' preskrizzjoni fil-każ ta' ħabi ta' reat, jiġifieri fejn it-trasgressur ikun impedixxa li r-reat jiġi skopert. F'dak il-każ, il-limitu ta' żmien għandu jibda jiddekorri biss mill-jum meta r-reat seta' jiġi stabbilit taħt kundizzjonijiet li jippermettu l-prosekuzzjoni.

Emenda 188

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-perjodu ta' preskrizzjoni tar-reati kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4 ma jibdexwax japplikaw sakemm l-ambitu konkret tal-ħsara lill-ambjent ikun tkejjel kompletament b'mezzi xjentifiċi xierqa.

Emenda 189

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess ***u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-***

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, ***l-akkuża***, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-akkuża:

Emenda 190

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, ***għal perjodu ta'*** mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(a) tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, ***u li jkollu perjodu ta' preskrizzjoni ta'*** mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat ***jew minn meta jkun ġie skopert ir-reat***, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 191

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, ***għal perjodu ta'*** mill-inqas ***sitt*** snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(b) tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, ***u li jkollu perjodu ta' preskrizzjoni ta'*** ta' mill-inqas ***10*** snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, ***jew minn meta jkun ġie skopert ir-reat***, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 192

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, **għal** perjodu ta' mill-inqas **erba'** snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli.

Emenda

(c) tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, **u li jkollu perjodu ta' preskrizzjoni ta'** mill-inqas **sitt** snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, **jew minn meta jkun għe skopert ir-reat**, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 193

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-infurzar ta':

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-infurzar ta' **pieni li jċaħħdu l-libertà fi ħdan il-perjodi ta' preskrizzjoni li għejjin:**

Emenda 194

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu.

Emenda

(d) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu, **u irrISPETTIVAMENT minn jekk ir-reat iseħħx fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz;**

Emenda 195

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

Emenda 196

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

Emenda 197

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

Stat Membru għandu **jieħu l-miżuri meħtieġa u** jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

Emenda 198

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

imħassar

Emenda 199

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

Emenda

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent, ***il-bijodiversità, is-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistema, ir-reżiljenza u l-vitalità ambjentali jew riskju serju fir-rigward tal-approċċ Saħħa Waħda, u/jew il-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet indiġeni tal-organiżmi selvaġġi u l-habitats tagħhom*** fit-territorju tiegħu.

Emenda 200

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jimmiraw li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex fit-territorju tagħhom jistabbilixxu qrati ambjentali speċjalizzati jew għandhom jimmiraw li jiżguraw li l-qrati kriminali ġenerali jipprovdu awli speċjalizzati bi mħallfin li jibdew proċedimenti kontra, jinvestigaw u jiġġudikaw ir-reati definiti fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda 201

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-għoti ta' sentenzi sabiex tgħin lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet tagħhom fit-tħejjija ta' implimentazzjoni xierqa u armonizzata tad-Direttiva, li tinkludi sanzjonijiet li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati

Emenda 202

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni mogħtija skont ***id-Direttiva*** (UE) 2019/1937, ***tkun applikabbli għall-persuni*** li jirrapportaw ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni ***tkun applikabbli għall-persuni fiżiċi, kif*** mogħtija skont ***l-Artikolu 4 tad-Direttiva*** (UE) 2019/1937, ***u għall-persuni ġuridiċi*** li jirrapportaw ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda 203

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkoooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ***fiżiċi u ġuridiċi*** li jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkoooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, ***inkluż appoġġ finanzjarju suffiċjenti fejn ikun xieraq.***

Emenda 204

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha toħloq pjattaforma biex tippermetti lill-persuni

jirrapportaw reati ambjentali b'mod anonimu. Dik il-pjattaforma għandha tippermetti wkoll lill-persuni jipprovdu informazzjoni dwar kif l-Istati Membri kkonċernati ttrattaw ir-reat ambjentali. Il-Kummissjoni għandha ssegwi b'mod attiv l-allegazzjonijiet serji mal-Istati Membri kkonċernati, u għandha tippubblika regolarment dwar ir-rapporti li tirċievi.

Emenda 205

**Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva jkunu protetti mill-kawżi strateġiċi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika.

Emenda 206

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti

Drittijiet għall-informazzjoni, il-parteciċipazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja għall-pubbliku

Emenda 207

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu -1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha li tippermetti lill-pubbliku jkun jaf dwar l-istat tal-

proċedimenti li jkunu taħt prosekuzzjoni skont din id-Direttiva, inklużi s-sentenzi finali u l-livell ta' sanzjonijiet imposti mill-imhalef, u, f'konformità mal-qafas legali tal-Istat Membru, dwar l-arranġamenti għal intervent fil-proċedimenti titqies li hija fl-interess pubbliku u tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku.

Emenda 208

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku ***kkonċernati*** jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku jkollhom drittijiet xierqa ***u effettivi*** biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, ***pereżempju bħala parti ċivili, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' vittmi identifikabbli, biex jirrappreżentaw u jiddefendu l-ambjent. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jiżguraw proċedura ġusta, ekwa u f'waqtha, kostijiet mhux projbittivi u d-dritt li wieħed jiġi difiż jew rappreżentat fil-qorti. L-aċċess għall-ġustizzja ma għandux ikun ta' spiża projbittiva għal dawk l-individwi u l-NGOs biex jipproteġu l-ambjent, il-bijodiversità, l-ekosistemi jew l-annimali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu fil-livell nazzjonali biex jittrattaw l-ilmenti fi proċedura aċċellerata meta jkun hemm riskju ta' ħsara irriversibbli jew serja għall-ambjent.***

Emenda 209

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni ***mmirati għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mis-settur pubbliku u privat, l-għodod ta' infurzar tal-liġi proattivi u preventivi, bħall-valutazzjonijiet tar-riskju u l-prevenzjoni ta' kriminalità ta' sitwazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni***, u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, ***inkluż l-istudju tal-orijini u l-motivazzjoni għat-tweqqif tar-reati ambjentali***, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali iġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***.

Emenda 210

**Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-tweqqif effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li ***jipprevjenu***, jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom ***u l-awtoritajiet li jagħmlu l-ispezzjonijiet***, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-tweqqif effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 211

**Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

L-Istati Membri għandhom jidentifikaw persunal speċifiku b'għarfien espert fil-qasam tar-reati ambjentali li jiffurmaw parti mill-katina tal-infurzar u dik ġudizzjarja, li jinkludi l-kapaċità ta' investigazzjoni, il-pulizija, il-prosekuturi, l-avukati u l-imħallfin, u jħarrġuhom u jipprovdulhom ir-riżorsi biex jittrattaw il-każijiet ambjentali. Stat Membru għandu jipprovdi għarfien espert tekniku għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

Emenda 212

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari ***rigward*** l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari ***ħalli jiżgura li*** l-oġettivi ta' din id-Direttiva ***jintlaħqu b'mod effettiv*** u li jkun adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti. ***It-taħriġ speċjalizzat għandu jipprovdi wkoll għodod għall-ġlieda effettiva kontra r-reati finanzjarji u ċ-ċiberkriminalità.***

Emenda 213

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

L-Istati Membri għandhom jipprovdu biżżejjed persunal u esperti, u biżżejjed riżorsi u taħriġ sabiex jiżguraw li l-persunal ġudizzjarju u tal-infurzar, inklużi l-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali, ikollhom l-għarfien espert xieraq, inklużi l-kwalifikati, fir-reati ambjentali u fi kwistjonijiet ambjentali.

Emenda 214

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata, ***il-kriminalità finanzjarja, iċ-ċiberkriminalità***, jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda 215

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' riżorsi umani bħal pulizija, avukati u imħallfin, speċjalizzati fil-qasam tal-ambjent, kif ukoll tul il-katina tal-infurzar, l-ispezzjoni***

u dik ġudizzjarja.

Emenda 216

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Sa [UP – jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu Network ta' Għarfien dwar ir-Reati Ambjentali biex jaggregaw, jiproċessaw u jxerrdu l-għarfien, l-għarfien espert u l-informazzjoni rilevanti għad-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, jew id-deċiżjonijiet rigward ir-reati ambjentali u proċessi oħra rilevanti għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva.

Emenda 217

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-trasgressuri biex jiġi evitat li l-persuni li jkunu wettqu reati ambjentali jkunu jistgħu jergħu jibdew l-attivitajiet kriminali tagħhom f'i Stat Membru ieħor jew f'xi parti minnu;

Emenda 218

**Proposta għal direttiva
Artikolu 19a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-Istati Membri, l-Eurojust, il-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw flimkien fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Għal dan il-għan il-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, kif previst fil-paragrafu (3), u meta jkun opportun, il-Eurojust, għandhom jagħtu din l-assistenza teknika u operazzjonali meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom.

2. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), bis-setgħat u l-awtorità tiegħu, għandu jikkoordina investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntiera, każijiet serji u każijiet li fihom l-Istati Membri jonqsu milli jieħdu azzjoni effettiva kontra r-reati ambjentali.

3. Il-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, jew l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, għandhom jorganizzaw żjarat ta' verifika fl-Istati Membri, fuq bażi ta' każ b'każ, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, biex jipprovdu appoġġ addizzjonali għall-attivitajiet kif imsemmi f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, tista' wkoll:

(a) twettaq investigazzjonijiet amministrattivi b'assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fejn meħtieġ;

(b) tikkoordina l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali abbażi tal-għodod

previsti fir-Regolament (KE) Nru 515/97 li għandhom japplikaw mutatis mutandis.

Meta ttiprovdi appoġġ lill-awtoritajiet għudizzjarji kompetenti, il-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, għandha iżomm lura milli twettaq atti jew tieħu miżuri li jistgħu jipperikolaw l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni.

Emenda 219

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati;

Emenda

(a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet **fuq terminu qasir, medju u fit-tul u marbuta biż-żmien** tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam ta' reati;

Emenda 220

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;

Emenda

(c) il-modi ta' koordinazzjoni, **skambju tal-aħjar prattiki** u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti **u bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri oħra; inkluż dwar il-ġestjoni tal-qligħ ikkonfiskat;**

Emenda 221

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) **il-linji gwida għall-użu għall-azzjonijiet ta' restawr ambjentali tar-**

rikavat ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali jew assi kkonfiskati.

Emenda 222

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-passi speċifiċi biex jiġu żgurati r-riżorsi meħtieġa, kemm tal-persunal kif ukoll dawk finanzjarji, u kif tiġi appoġġata l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti tal-infurzar tal-liġi;

Emenda 223

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ **u** l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba;

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi **għall-kondiviżjoni tad-data u** l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni **u r-rappurtar** regolari tar-riżultati miksuba;

Emenda 224

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi riveduta u aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn **ħames** snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi riveduta u aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn **4** snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

Emenda 225

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati;

Emenda

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati, **u separatament għal dawk li jinvolve kooperazzjoni transfruntiera**;

Emenda 226

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali;

Emenda

(c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali, **kif ukoll it-tul massimu**;

Emenda 227

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-għadd ta' kawżi miċħuda għal reati ambjentali;

Emenda

(g) l-għadd ta' kawżi miċħuda għal reati ambjentali, **u separatament dawk miċħuda minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni**;

Emenda 228

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom **jżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom tiġi ppubblikata b'mod**

Emenda

3. **Kull sena**, l-Istati Membri għandhom **jippubblikaw id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 f'format standard, aċċessibbli u komparabbli**

regolari.

stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22 u f'verżjoni mhux ipproċessata.

Emenda 229

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data statistika msemija fil-paragrafu 2 f'format standard stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22.

Emenda

4. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni d-data statistika msemija fil-paragrafu 2 f'format standard, ***aċċessibbli u komparabbli*** stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22. ***Din id-data aggregata fil-livell tal-Unjoni għandha tkun disponibbli fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż skont il-kategoriji ta' informazzjoni msemija fil-paragrafu 2, taħt is-superviżjoni tal-Eurostat.***

Emenda 230

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom joħlqu, fil-livell tal-Unjoni, bażi ta' data dwar l-għadd ta' azzjonijiet li jitwettqu fil-qasam tar-reati ambjentali mill-korpi tal-infurzar tal-liġi fuq pjattaforma li tippermetti l-ġbir unitarju ta' data u żżid il-grad ta' diġitalizzazzjoni.

Emenda 231

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li

jistabbilixxu l-format standard għat-trażmissjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 21(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

jistabbilixxu l-format standard **u l-iskeda ta' żmien** għat-trażmissjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 21(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Emenda 232

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) klassifikazzjoni komuni tar-reati ambjentali;

Emenda

(a) klassifikazzjoni komuni tar-reati ambjentali **kif ukoll sanzjonijiet li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati għar-reat imwettaq;**

Emenda 233

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandu jkollha setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format standard u l-iskeda ta' żmien għat-trażmissjoni tal-informazzjoni użata fit-tħejjija tar-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 25. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Emenda 234

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Evalwazzjoni **u** rapportar

Emenda

Evalwazzjoni, rapportar **u linji gwida**

Emenda 235

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [**OP** – daħħal id-data ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tnejn ta' dak ir-rapport.

Emenda

1. Sa [**UP** – daħħal id-data ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni] **u kull sentejn minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva **u ttipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri**. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tnejn ta' dak ir-rapport, **inklużi d-data statistika msemmija fl-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva, id-data kwalitattiva u kwantitattiva relattiva għall-indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fil-punt 1.4.4 tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li tiffirma parti mill-proposta tal-Kummissjoni għal din id-Direttiva, u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' titqies rilevanti.**

Emenda 236

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull sentejn minn [**OP** – daħħal id-data ta' sena wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fi żmien tliet xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda **skont l-Artikoli 15 sa 17, 19 u 20.**

Emenda

2. Kull sentejn minn [**UP** – daħħal id-data ta' sena wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fi żmien tliet xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda **f'konformità mal-Artikoli 3 sa 20.**

Emenda 237

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sa [**OP** – daħħal id-data - ħames snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Emenda

3. Sa [**UP**– daħħal id-data - ħames snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport ***inklużi d-data statistika msemmija fl-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva, u d-data kwalitattiva u kwantitattiva relattiva għall-indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fil-punt 1.4.4 tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li tiffirma parti mill-proposta tal-Kummissjoni għal din id-Direttiva, u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' titqies rilevanti biex tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, bħal informazzjoni dwar l-impatt ambjentali ta' kull wieħed mir-reati deskritti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jsir aġġornament regolari tar-reati kriminali kif stipulat fl-Artikolu 3.***

Emenda 238

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina b'mod effettiv ir-rapportar mill-Istati Membri ta' data statistika msemmija fl-Artikolu 21 u ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 239

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *Sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta klassifikazzjoni omoġenja u armonizzata tar-reati ambjentali mħejjija mal-Istati Membri u klassifikazzjoni regolatorja tas-sanzjonijiet adattata biex tipprovdi gwida lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, lill-prosekuturi u lill-imħallfin fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti f'din id-Direttiva.*

Emenda 240

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. *Sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], minkejja l-Artikolu 119 tar-Regolament 2017/1939^{1a}, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar il-possibiltà li jiġu estiżi s-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew previsti fl-Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex jinkludu reati ambjentali serji li huma ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni. B'hekk, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikollu s-setgħa li jitlob investigazzjonijiet indipendenti u li jibda proċedimenti legali fir-rigward tal-ħsara ambjentali u r-reati ambjentali fuq skala Ewropea. Ir-rapport għandu jivvaluta kif is-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandhom jiġu estiżi għal reati ambjentali serji. Ir-rapport għandu jkun*

akkumpanjat minn proposta leġislattiva għar-rieżami tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jenħtieġ li jipproponi l-inklużjoni ta' reati ambjentali fir-reati kriminali koperti mid-Direttiva u estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri reati ambjentali serji.

1^a Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71).

Emenda 241

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 3d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3d. Sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta linji gwida biex tiċċara l-qafas proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-membri tal-pubbliku fil-prosekuzzjoni kriminali tar-reati ambjentali, inkluża d-definizzjoni ta' kriterji ta' ammissibbiltà faċilment aċċessibbli.

Emenda 242

**Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 3e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3e. Sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar kif il-kriminalità ambjentali tħalli impatt negattiv fuq l-ambjent, l-approċċ Saħħa Waħda u l-

eċċess tal-limiti planetarji.

Emenda 243

**Proposta għal direttiva
Artikolu 27a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

***Emendi għad-Direttiva (UE) 2017/1371
tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi
finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi
kriminali***

***Id-Direttiva (UE) 2017/1371 hija
emendata kif ġej:***

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

***"Id-Direttiva 2017/1371 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda
kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji
tal-Unjoni u l-protezzjoni transfruntiera
tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali";***

***(2) fl-Artikolu 18, jiddaħħal il-
paragrafu li ġej:***

***"Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-
Kummissjoni għandha tippreżenta
proposta leġiżlattiva dwar l-inklużjoni tar-
reati ambjentali mar-reati kriminali
koperti b'din id-Direttiva u dwar il-
ħolqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur
Pubbliku Ekoloġiku Ewropew."***

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE
Referenzi	COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 27.1.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 27.1.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sirpa Pietikäinen 11.3.2022
Eżami fil-kumitat	2.6.2022
Data tal-adozzjoni	25.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 –: 37 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Bartosz Arłukowicz, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Jan Huitema, Yannick Jadot, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Jessica Polfjärd, Luisa Regimiento, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Silvia Sardone, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraکی, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, Antoni Comín i Oliveres, Matthias Ecke, Romana Jerković, Ska Keller, Marlene Mortler, Robert Roos, Marcos Ros Sempere, Róża Thun und Hohenstein, István Ujhelyi, Sarah Wiener
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Christine Anderson, Damien Carême, Lena Düpont, Alicia Homs Ginel, Virginie Joron, Leopoldo López Gil, Theresa Muigg, Rob Rooker, Dorien Rookmaker, Caroline Roose, Mounir Satouri

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

43	+
NI	Antoni Comín i Oliveres
PPE	Leopoldo López Gil
Renew	Pascal Canfin, Martin Hojsík, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Marek Paweł Balt, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Matthias Ecke, Cyrus Engerer, Helène Fritzon, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, César Luena, Theresa Muigg, Marcos Ros Sempere, Sándor Rónai, István Ujhelyi, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Measure, Silvia Modig, Mick Wallace
Verts/ALE	Damien Carême, Malte Gallée, Yannick Jadot, Ska Keller, Tilly Metz, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Caroline Roose, Mounir Satouri, Sarah Wiener

37	-
ECR	Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Rob Rookens, Dorien Rookmaker, Robert Roos, Alexandr Vondra
ID	Matteo Adinolfi, Christine Anderson, Gianna Gancia, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Virginie Joron, Silvia Sardone
NI	Edina Tóth
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Lena Düpont, Agnès Evren, Ewa Kopacz, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Fulvio Martusciello, Marlene Mortler, Ljudmila Novak, Jessica Polfjård, Luisa Regimenti, Maria Spyraiki, Pernille Weiss
Renew	Andreas Glück, Jan Huitema, Emma Wiesner

1	0
NI	Ivan Vilibor Sinčić

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

6.2.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali
(COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Saskia Bricmont

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Skont l-UNEP u l-INTERPOL, il-kriminalità ambjentali qed tiżdied u saret ir-raba' l-akbar settur kriminali fid-dinja, filwaqt li qed tpoġġi friskju l-ambjent, il-bijodiversità u l-klima. Il-kriminalità ambjentali qed tikber b'rata ta' bejn 5 % u 7 % fis-sena u qed tikber darbtejn sa tliet darbiet aktar malajr mill-ekonomija globali, u issa qed tħalli qligħ daqs it-traffikar illegali tad-droga. Dan it-tip ta' kriminalità jċaħħad lill-pajjiżi u lill-popolazzjonijiet minn biljuni ta' euro fi dħul ekonomiku kull sena, jhedded id-drittijiet fundamentali, jkabbar l-insigurtà u l-kriminalità organizzata, u jpoġġi l-istrutturi soċjali friskju.

Id-Direttiva 2008/99/KE attwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni ambjentali permezz ta' leġislazzjoni kriminali armonizzata. Madankollu, ġew identifikati ħafna nuqqasijiet u lakuni, bħal kamp ta' applikazzjoni limitat, nuqqas ta' sanzjonijiet, livelli baxxi ta' multi; nuqqas ta' implimentazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja; nuqqas ta' data statistika; nuqqas ta' ġuriżdizzjonijiet speċjalizzati, eċċ.

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha; it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tagħha relatati ma' sanzjonijiet kriminali u l-forniment ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri ambjentali. Madankollu, ir-Rapporteur temmen li huma meħtieġa aktar bidliet biex il-kriminalità ambjentali tiġi indirizzata b'mod effettiv.

Ir-Rapporteur tipproponi **li jiġu inklużi definizzjonijiet ġenerali u awtonomi ta' reati ambjentali**. Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, għadha ma teżistix definizzjoni armonizzata ta' reati ambjentali, la fil-livell globali jew fil-livell Ewropew u lanqas f'dak nazzjonali. Minflok, is-sistema attwali tiddependi fuq lista ta' leġislazzjoni sekondarja, li tħalli barra partijiet kbar tad-dritt ambjentali tal-UE. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' reati awtonomi tippermetti r-responsabbiltà kriminali għall-każijiet serji ta' ħsara ambjentali u tagħti drittijiet lin-natura.

Ir-Rapporteur hija wkoll favur **l-introduzzjoni ta' reat ta' ekoċidju**, sabiex jiġu kriminalizzati l-aktar reati serji fuq l-ambjent. L-UE għandha tiddefendi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali biex tkopri atti kriminali li jammontaw għal ekoċidju. B'mod parallel, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu minn ta' quddiem biex jirrikonossuha. L-introduzzjoni ta' reat ta' ekoċidju fil-mandat ta' din id-Direttiva hija ta' importanza partikolari għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar reati ambjentali transnazzjonali serji kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi terzi, inkluż il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Id-definizzjoni użata hija dik żviluppata mill-Bord ta' Esperti Indipendenti għad-Definizzjoni Legali tal-Ekoċidju, ippubblikata f'Ġunju 2021, minn grupp ta' avukati tad-dritt kriminali, avukati tad-dritt ambjentali u akkademiċi legali internazzjonali. Huwa l-aktar xogħol ta' definizzjoni komprensiv u reċenti disponibbli fil-mument.

Minħabba l-impatt finanzjarju għoli tar-reati ambjentali, ir-rabta potenzjali tagħhom ma' reati finanzjarji serji oħra, kif ukoll in-natura transfruntiera tagħhom, il-prosekutur Pubbliku Ewropew ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fuq ir-reati ambjentali serji b'dimensjoni transfruntiera. Ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà **li testendi l-mandat tal-UPPE**, biex jinkludi reati ambjentali serji.

Biex il-kriminalità ambjentali tiġi investigata u jinbdew proċedimenti kontrieha b'mod effettiv, ir-Rapporteur tissuġġerixxi l-iżvilupp ta' **ġurisdizzjonijiet speċjalizzati** fil-livell nazzjonali li jkunu jistgħu jidentifikaw, jinvestigaw u jibdew proċedimenti b'mod effettiv tar-reati ambjentali, kif ukoll jikkooperaw ma' awtoritajiet oħra tal-Istati Membri, inkluż billi jikkondividu Prattiki tajbin u għarfien espert. Tali korpi għandhom jiġu pprovduti b'riżorsi finanzjarji u umani adegwati.

Filwaqt li jirrikonossu r-rwol kruċjali **tas-soċjetà ċivili u d-difensuri ambjentali**, ir-Rapporteur tipproponi li tissaħħaħ il-protezzjoni tagħhom, inkluż kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċi-pazzjoni pubblika kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jidhru fi proċedimenti legali. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-kriminalità, għandhom jinħolqu punti ta' kuntatt fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Ir-reati ambjentali jħallu ħafna qligħ għall-awturi, ir-Rapporteur tipproponi diversi dispożizzjonijiet sabiex jissaħħaħ l-obbligu ta' **riparazzjoni finanzjarja** iżda wkoll dwar il-konfiska ta' assi relatati.

Sabiex jiġi ggarantit **kumpens lill-vittmi** ta' reati ambjentali u jiġi żgurat restawr ekoloġiku u ambjentali effettiv, ir-Rapporteur tipproponi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fond nazzjonali ddedikat biex jiffinanzja azzjonijiet immirati lejn dawn l-iskopijiet.

Peress li **l-awtoritajiet pubbliċi** għandhom id-dmir li jagħtu eżempju, ma hemm l-ebda raġuni biex jiġu esklużi mill-obbligi ta' din id-Direttiva, u huwa għalhekk li r-Rapporteur tinkludi l-awtoritajiet pubbliċi fost l-entitajiet koperti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq **u** effettiv.

Emenda

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. ***Fi fitt għexieren ta' snin, il-kriminalità ambjentali saret ir-raba' l-ikbar attività kriminali fid-dinja, qed tikber b'rata ta' bejn 5 % u 7 % fis-sena u qed tikber bejn darbtejn u tliet darbiet iktar malajr mill-ekonomija globali, u issa saret tħalli qligħ daqs it-traffikar tad-drogi illegali.*** Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent, ***għall-klima, għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali*** u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq, ***effettiv u f'waqtu. It-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera li taħdem b'mod aktar sistematiku bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej jgħin biex jiġi implimentat aħjar id-dritt kriminali ambjentali Ewropew.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità

Emenda

(3) Is-sistemi eżistenti ta' pieni skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u l-liġi settorjali ambjentali ma kinux biżżejjed fil-qasam kollu tal-politika ambjentali biex jiksbu konformità mad-dritt tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent. ***Id-dipendenza fuq***

jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pjeni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pjeni amministrattivi.

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Jenħtieġ li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ

is-sanzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri sa issa wriet li kienet insuffiċjenti biex tiżgura l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-ambjent. Il-konformità jenħtieġ li tissaħħaħ bid-disponibbiltà ta' pjeni kriminali, li juru diżapprovazzjoni soċjali ta' natura kwalitattiva differenti meta mqabbla mal-pjeni amministrattivi.

²⁰ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda

(3a) Minkejja l-għadd dejjem jikber ta' reati ambjentali, għadha ma teżistix definizzjoni armonizzata u aċċettata ta' reati ambjentali, la fil-livell globali jew tal-Unjoni u lanqas f'dak nazzjonali. Din id-Direttiva għandha tipprovdi definizzjoni awtonoma ta' kriminalità ambjentali, flimkien mas-sett ta' definizzjonijiet ta' reati ambjentali speċifiċi komuni għall-Unjoni kollha.

Emenda

(4) Jenħtieġ li **d-detezzjoni**, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċiżjonijiet effettivi dwarhom jitjiebu. Il-lista ta' reati kriminali ambjentali li ġew stabbiliti fid-

li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq l-aktar ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu sabiex jittejbu kemm l-effett ta' deterrent tagħhom kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċizzjonijiet dwarhom.

Direttiva 2008/99/KE jenħtieġ li tiġi riveduta u jiżdiedu kategoriji addizzjonali ta' reati bbażati fuq l-aktar ksur serju tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet **u l-pieni** jenħtieġ li jissaħħu **u li jirriflettu n-natura u l-gravità tal-ħsara kkawżata** sabiex jittejbu kemm l-effett ta' deterrent **u reparatorju** tagħhom, kif ukoll il-katina ta' infurzar responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ambjentali u d-deċizzjonijiet dwarhom.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Filwaqt li r-rikonoxximent tar-reat tal-ekoċidju bħalissa qed jiġi diskuss f'diversi parlamenti nazżjonali madwar id-dinja u fl-UE, jenħtieġ li l-UE tieħu f'idejha din il-kwistjoni biex tibqa' mexxejja dinjija fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u biex tiżgura definizzjoni u sanzjonijiet armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu, fil-leġiżlazzjoni nazżjonali tagħhom, reat ta' ekoċidju, li jenħtieġ li jitqies bħala reat kriminali għall-finijiet ta' din id-Direttiva u jiġi definit bħala att illegali jew intenzjonat imwettaq bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u jew mifruxa jew inkella fit-tul lill-ambjent. Dan ir-reat speċifiku jagħmilha possibbli li tiġi kriminalizzata l-aktar ħsara serja lill-ambjent u li jiġu adottati sanzjonijiet skont il-gravità tal-ħsara li tkun saret lill-ambjent. L-UE jenħtieġ li tiżgura l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u tagħmilha prijorità politika strateġika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazżjonali u bil-promozżjoni tat-

twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tirrikonoxxi atti kriminali li jammontaw għal ekoċidju fl-ambitu tal-Istatut ta' Ruma.

Emenda 6

**Proposta għal direttiva
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 21 u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ċerta mgħiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni

Emenda

(6) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu pieni kriminali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur serju, ***minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi***, tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-ambjent. Fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sett komprensiv ta' regoli għall-kontroll u l-infurzar skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 21 u r-Regolament (KE) Nru 1005/2008 f'każ ta' ksur serju, inklużi dak li jikkawża ħsara lill-ambjent tal-baħar. Skont din is-sistema, l-Istati Membri għandhom l-għażla bejn is-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi u/jew kriminali. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew²² u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030²³, jenħtieġ li ċerta mgħiba illegali intenzjonata koperta skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolament (KE) 1005/2008²⁴ tiġi stabbilita bħala reat kriminali.

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni

tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

²² IL-KOMUNIKAZZJONI TALKUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

²³ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final

²⁴ 4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1–153).

²² IL-KOMUNIKAZZJONI TALKUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI II-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

²³ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final

²⁴ 4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32).

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi

Emenda

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi

kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment **u, f'ċerti każijiet, anke** meta titwettaq **b'negliġenza** serja. L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew korriment serju lil persuni, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq **b'negliġenza** serja. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorita kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attivita rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazzjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 9

kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment **jew** meta titwettaq **b'mill-inqas negliġenza** serja. L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew korriment serju lil persuni, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent jew **għas-saħħa tal-bniedem** tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq **b'mill-inqas negliġenza** serja. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

Emenda

(8) Imġiba jenħtieġ li titqies bħala illegali wkoll meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorita kompetenti fi Stat Membru jekk tali awtorizzazzjoni **tkun illegali**, tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni. Barra minn hekk, l-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi dwar il-protezzjoni tal-ambjent applikabbli meta jwettqu attivita rispettiva, inkluż billi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom kif stabbiliti mid-dritt tal-UE u dak nazzjonali applikabbli fi proċeduri li jirregolaw l-emendi jew l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali.

Emenda

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats, ***l-ekosistemi u l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet*** – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali. ***Bl-istess mod, il-ħsara ambjentali jenħtieġ li tinftiehem ukoll f'sens wiesa', bħala li tinkludi mhux biss il-valur tas-suq tar-riżorsi naturali li tkun saritilhom ħsara, iżda wkoll il-valuri ekoloġiċi u soċjetali tas-servizzi pprovduti minn dawk ir-riżorsi naturali.***

Emenda 10

**Proposta għal direttiva
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji ta' għajnejn tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġġettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali. Għalhekk, meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll kwalunkwe leġiżlazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda jipprojbixxu mgħiba għidida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi emendata sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju l-għdid tad-dritt

Emenda

(10) L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji ta' għajnejn tal-effetti devastanti tagħhom, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġġettiv fundamentali ta' żmienna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali. Għalhekk, meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva tevolvi, din id-Direttiva jenħtieġ li ***awtomatikament*** tkopri wkoll kwalunkwe leġiżlazzjoni aġġornata jew emendata tal-Unjoni li taqa' fl-ambitu tar-reati kriminali definiti skont din id-Direttiva, meta l-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jibqgħu l-istess fis-sustanza. Madankollu, meta strumenti legali ġodda jipprojbixxu mgħiba għidida li tagħmel ħsara lill-ambjent, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi emendata sabiex iżżid ukoll mal-kategoriji tar-reati kriminali l-ksur serju l-għdid tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. ***F'tali każijiet,***

ambjentali tal-Unjoni.

L-emenda tad-Direttiva jenħtieġ li tkun limitata għall-inkorporazzjoni ta' reati kriminali ġodda u tikkonċerna biss l-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet relatati tad-Direttiva, sabiex tirrifletti biss tali inkorporazzjoni ġdida.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi użati għad-definizzjoni ta' reati kriminali ambjentali jenħtieġ li jiġu ċċarati billi tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu vvalutati tali limiti mill-awtoritajiet li jinvestigaw, jibdew proċedimenti kontra u jiddeċiedu dwar ir-reati. Jenħtieġ li dan jippromwovi l-applikazzjoni koerenti tad-Direttiva u ġlieda aktar effettiva kontra r-reati ambjentali kif ukoll jipprevedi ċertezza legali. Madankollu, tali limiti jew l-applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li ma jagħmlux l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati kriminali diffiċli żżejjed.

Emenda

(11) Il-limiti kwalitattivi u kwantitattivi użati għad-definizzjoni ta' reati kriminali ambjentali jenħtieġ li jiġu ċċarati billi tiġi pprovduta lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li jenħtieġ li jitqiesu meta jiġu vvalutati tali limiti mill-awtoritajiet li jinvestigaw, jibdew proċedimenti kontra u jiddeċiedu dwar ir-reati. Jenħtieġ li dan jippromwovi l-applikazzjoni koerenti tad-Direttiva u ġlieda aktar effettiva kontra r-reati ambjentali kif ukoll jipprevedi ċertezza legali. Madankollu, tali limiti jew l-applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li ma jagħmlux l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' reati kriminali diffiċli żżejjed. ***Sabiex jiġi żgurati approċċ konsistenti u koerenti fost l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida biex tiffaċilita, f'konformità mal-liġi ambjentali nazzjonali u Ewropea, fehim armonizzat tal-limiti kwalitattivi u kwantitattivi fl-Istati Membri kollha għall-valutazzjoni tan-natura u l-firxa tal-ħsara għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati. Il-linji gwida jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ix-xjenza, prodotti f'kooperazzjoni mal-esperti rilevanti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u jistgħu jinkludu sommarju tal-ġurisprudenza eżistenti rilevanti, eżempji mill-ħajja reali jew parametri referenzjarji komuni.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jigū rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri.

Emenda

(12) Fil-proċedimenti u l-proċessi kriminali, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-involviment ta' gruppi kriminali organizzati li joperaw b'modi li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent. ***Ir-reati ambjentali spiss jitwettqu minn gruppi ta' kriminalità organizzata, li joperaw fil-fruntieri interni u esterni tal-UE. L-involviment ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fir-reat ambjentali, jew l-ikkummissjonar ta' reat għall-benefiċċju ta' tali grupp, jenħtieġ li jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti.*** Il-proċedimenti kriminali jenħtieġ li jindirizzaw il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità u l-frodi tad-dokumenti u, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju, l-intenzjoni tat-trasgressur li jimmassimizza l-profitti jew li jiffranka l-ispejjeż, fejn dawn iseħħu fil-kuntest ta' reat ambjentali. Dawn il-forom ta' reati spiss ikunu interkonnessi ma' forom serji ta' reati ambjentali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux ittrattati b'mod iżolat. F'dan ir-rigward, huwa ta' tħassib partikolari li xi reati ambjentali jitwettqu bit-tolleranza jew bl-appoġġ attiv tal-amministrazzjonijiet jew tal-uffiċjali kompetenti waqt li jkunu qed iwettqu d-dmir pubbliku tagħhom. F'ċerti każijiet dan jista' saħansitra jieħu l-forma ta' korruzzjoni. Eżempji ta' tali mġiba huma li wieħed jagħlaq għajn waħda jew li jibqa' sieket dwar il-ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-ambjent wara l-ispezzjonijiet, li b'mod deliberat ma jsirux spezzjonijiet jew kontrolli pereżempju fir-rigward ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' permess humiex qed jigū rrispettati mid-detentur tal-permess, riżoluzzjonijiet jew voti favur l-għoti ta' liċenzji illegali jew il-ħruġ ta' rapporti favorevoli ffalsifikati jew mhux veri. ***Meta jitqies ir-rwol li l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jaqdu biex jipprevjenu***

u jindirizzaw imġiba illegali, l-ikkummissjonar ta' reati ambjentali minn uffiċjali pubbliċi meta jaqdu dmirijiethom, jew l-involviment tagħhom f'dawn ir-reati, jenħtieġ li jitqies bħala fattur aggravanti meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonar.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet **u** konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, **fid-definizzjoni u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll il-benefiċċji finanzjarji akkumulati mit-twettiq tar-reat, il-livell tal-ħsara kkawżata, kif ukoll il-possibbiltà u l-ispejjeż involuti fir-restawr.** Jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi rrestawrat **jew li jiġi ffinanzjat ir-restawr tiegħu, fejn tali restawr ikun possibbli, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-obbligu ta' involviment f'attivitajiet li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u/jew għall-preservazzjoni tal-ambjent jew l-obbligu tal-finanzjament tagħhom,** l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet, konċessjonijiet **u liċenzji,** u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. **Meta jitwettqu reati minn uffiċjali pubbliċi, is-sanzjonijiet jenħtieġ li jinkludu wkoll skwalifika mill-funzjonijiet u projbizzjonijiet ta' kandidatura għal**

*kariga eletta jew pubblika. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali. **Madankollu, meta jitqies li l-vittma ewlenija tar-reati msemmija f'din id-Direttiva hija fil-fatt l-ambjent, l-użu ta' sanzjonijiet li jwasslu għar-restawr tal-ambjent jenħtieġ li jiġi inkoraġġit kull meta jkun possibbli.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(14 a) **Sabiex jiġi żgurat l-effett ta' deterrent kif ukoll dak edukattiv tas-sanzjonijiet, huwa importanti li l-ewwel jiġu żgurati l-identifikazzjoni, it-traċċar, is-sekwestru, l-iffriżar u l-konfiska definittiva tar-rikavati kollha mit-twettiq ta' reati ambjentali kif ukoll tal-mezzi strumentali kollha użati jew maħsuba biex jintużaw fl-ikkummissjonar jew fil-kontribut għall-ikkummissjonar ta' tali reati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali rikavati jew mezzi strumentali jkunu jistgħu jiġu identifikati, traċċati, iffriżati, sekwestrati u kkonfiskati anke meta s-sjieda tagħhom tkun inbidlet apposta. Meta annimali ħajjin ikunu soġġetti għal sekwestru, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jadottaw miżuri interim rigward fejn jitqiegħdu, sakemm issir l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reat, bl-għan li tiġi żgurata kura adegwata għalihom.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 15

(15) ***Fejn id-dritt nazżjonali jipprevedi dan***, jenħtiegħ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazżjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtiegħ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati ***kif*** stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtiegħ li tiġi kkunsidrata biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

(15) Jenħtiegħ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazżjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtiegħ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati ***b'effett ekwivalenti għal dawk*** stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtiegħ li tiġi kkunsidrata biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta. ***Meta titqies l-importanza tad-diliġenza dovuta għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt negattiv potenzjali tal-attivitajiet korporattivi fuq l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem, il-ksur tal-obbligi legali, amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti jenħtiegħ li jiġi inkluż fost iċ-ċirkostanzi aggravanti ta' reat ambjentali.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 16

(16) Jenħtiegħ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtiegħ li jkun

(16) Jenħtiegħ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtiegħ li jkun

ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali hija inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali hija inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali. ***Għall-istess fini jenħtieġ li titqies ukoll il-firxa tal-ħsara kkawżata jew li probabbilment ġiet ikkawżata.***

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat.

Emenda

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, ***jew jista' jkollhom konsegwenzi sostanzjali jew saħansitra irreversibbli fuq l-ambjent***, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rikavat ikkonfiskat miksub mir-reat ambjentali u l-istrumentazzjoni tiegħu jindirizzaw il-konsegwenzi ta' dak ir-reat u jintużaw biex jiffinanzjaw u jkopru l-ispejjeż assoċjati mar-restawr ambjentali u l-kumpens għall-ħsara u r-reparazzjoni.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Sabiex jiġi ggarantit kumpens lill-vittmi ta' reati ambjentali u jiġi żgurat restawr ekoloġiku u ambjentali effettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu

*fond nazzjonali ddedikat biex jiffinanzjaw
azzjonijiet immirati lejn dawn l-iskopijiet.
Ir-rikavat ikkonfiskat miksub mir-reat u l-
mezzi strumentali użati jew maħsuba biex
jintużaw fl-ikkummissjonar jew fil-
kontribut għat-twettiq tar-reati jenħtieġ li
jiġu allokati għal dak il-fond, fejn
applikabbli.*

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(17b) L-Istati Membri jenħtieġ li
jistabbilixxu regoli li jipprevedu l-waqfien
immedjat jew il-prevenzjoni, fuq bażi
prekawzjonarja, ta' mġiba illegali biex tiġi
evitata l-okkorrenza ta' ħsara ambjentali,
biex tittaffa tali ħsara jew biex jiġu evitati
konsegwenzi negattivi ulterjuri.*

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar.

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. ***Il-perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni għudizzjarja tar-reati ambjentali jenħtieġ li jirriflettu l-gravità tar-reat. Għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni tar-reati ta' ekoċidju***

jenħtieġ li ma jkunx hemm perjodu ta' preskrizzjoni. Peress li xi tipi ta' reati ambjentali jiġu identifikati ħafna wara li jkunu twettqu, il-perjodi ta' preskrizzjoni jenħtieġ li jibdew miż-żmien tal-identifikazzjoni tar-reat fejn ir-reat ġie moħbi jew skopert aktar tard minn meta ġie kkumissjonat.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda

(20) L-obbligi f'din id-Direttiva li jipprevedu pieni kriminali jenħtieġ li ma jeżentawx lill-Istati Membri mill-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi ***effettivi, proporzjonati u dissważivi*** u miżuri oħra fid-dritt nazzjonali għal ksur stabbilit fil-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tal-liġi amministrattiva u kriminali fir-rigward tar-reati ambjentali skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u ta' sanzjonijiet amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inkluża l-projbizzjoni*** ta' ne bis in idem.

Emenda

(21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tal-liġi amministrattiva u kriminali fir-rigward tar-reati ambjentali skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u ta' sanzjonijiet amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***inkluż il-prinċipju*** ta' ne bis in idem.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv.

Emenda

(22) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' sanzjonijiet kriminali u miżuri oħra biex jindirizzaw tipi differenti ta' mġiba kriminali b'mod imfassal apposta u effettiv. ***L-approssimazzjoni tal-livelli ta' sanzjonijiet madwar l-UE jenħtieġ li tippromwovi ġlieda iktar effettiva kontra r-reati ambjentali.***

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tat-trasgressuri ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex ***jiġġieldu*** tali mġiba b'mod effettiv.

Emenda

(23) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tat-trasgressuri ta' mġiba illegali koperta minn din id-Direttiva ***u r-rikavati dderivati mill-attivitajiet kriminali tagħhom***, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati u l-possibbiltà ta' investigazzjonijiet transfruntiera ***meħtieġa biex jiġu miġġielda tali reati***, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex ***l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jinvestigaw, jipproċessaw u jaġġudikaw*** tali mġiba b'mod effettiv, ***u jieħdu l-miżuri neċessarji biex jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom f'ċirkostanzi speċifiċi. Fil-każ ta' kunflitt ta' ġuriżdizzjoni bejn żewġ Stati Membri jew aktar, u sakemm jiġi solvut il-kunflitt, l-Istati Membri xorta jenħtieġ li jadottaw il-miżuri prekawżjonarji kollha meħtieġa biex jipprevjenu ħsara lill-ambjent jew id-deterjorament ulterjuri ta' ħsara eżistenti li taffettwa t-territorju tagħhom. Meta jinvestigaw jew jipproċedu kontra r-reati***

koperti minn din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri differenti kkonċernati jenħtieġ li jistabilixxu kuntatti, jikkoordinaw azzjonijiet, jiskambjaw informazzjoni, u jużaw strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja xierqa.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, in-nies jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw **il-benesseri** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, in-nies **u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw **l-ambjent u l-benesseri** tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni, **kemm fiżiċi kif ukoll ġuridiċi**, jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Il-protezzjoni tal-ambjent titwettaq ukoll mid-difensuri ambjentali, li għandhom rwol kritiku fil-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima u fil-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità. Id-difensuri ambjentali huma wkoll fuq quddiem nett tal-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali madwar id-dinja, inkluż fl-UE. Dawn huma ta' spiss soġġetti għal theddid, intimidazzjoni, fastidju, persekuzzjoni, vjolenza jew saħansitra qtil, u jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni adegwata u effettiva. Id-difensuri ambjentali, il-persuni li jirrappurtaw l-irregolaritajiet kif ukoll l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jistgħu jkunu wkoll soġġetti għal kawżi u theddid abbużivi, u jenħtieġ li jkunu protetti minn tali prattiki abbużivi, magħrufa wkoll bħala "Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika".

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 24b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll miżuri ta' protezzjoni speċifiċi għall-persuni li jirrappurtaw reati kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali jew li jinvolvu tali organizzazzjoni.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Persuni oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà inġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

Emenda

(25) Persuni ***fiżiċi jew ġuridiċi*** oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati, ***organizzazzjonijiet mhux governattivi*** jew membri tas-soċjetà inġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali. ***Ir-rapportar ta' reati kriminali ambjentali potenzjali jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz ta' pjattaforma online. Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħloq sistema ta' rapportar li tippermetti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi madwar l-UE jiddenunzjaw reati ambjentali b'mod anonimu, u tiżgura li jkun hemm segwitu xieraq għal allegazzjonijiet serji ta' reati kriminali mill-Istat Membru kkonċernat.***

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, kif definiti f'din id-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(5) u 9(3) tal-

Emenda

(26) Peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, kif definiti f'din id-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(5) u 9(3) tal-

Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, jenħtieġ li jkollhom il-possibilita li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala ġid pubbliku, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti.

²⁶ Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdedw proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li jallokaw unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar

Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, jenħtieġ li jkollhom il-possibilita li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala ġid pubbliku, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti ***u li jkollhom ukoll id-dritt li jressqu azzjonijiet quddiem il-qrati bil-mira li jinkiseb restawr ekoloġiku u ambjentali.***

²⁶ Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

Emenda

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdedw proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll li ***jistabbilixxu u jallokaw unitajiet jew dipartimenti*** ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jittrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali

speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku jkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin. Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku jkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar ***kif ukoll ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni effettivi u rapidi fil-katina kollha tal-infurzar tal-liġi.***

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-infurzar jirnexxi, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għodod investigattivi effettivi għar-reati ambjentali bħal dawk li jeżistu fid-dritt nazzjonali tagħhom għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra. Dawn l-għodod jenħtieġ li jinkludu fost l-oħrajn l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluż is-sorveljanza elettronika, il-kunsinni kkontrollati, il-monitoraġġ ta' kontijiet bankarji u għodod oħra ta' investigazzjoni finanzjarja. Dawn l-għodod jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mad-dritt nazzjonali, in-natura u l-gravità tar-reati li jkunu qed jiġu investigati jenħtieġ li jiġġustifikaw l-użu ta' dawn l-għodod investigattivi. ***Id-dritt tal-protezzjoni tad-data personali jrid jiġi rispettat.***

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 30

Emenda

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-infurzar jirnexxi, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għodod investigattivi effettivi għar-reati ambjentali bħal dawk li jeżistu fid-dritt nazzjonali tagħhom għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra ***b'dimensjoni transfruntiera.*** Dawn l-għodod jenħtieġ li jinkludu fost l-oħrajn l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluż is-sorveljanza elettronika, il-kunsinni kkontrollati, il-monitoraġġ ta' kontijiet bankarji u għodod oħra ta' investigazzjoni finanzjarja. Dawn l-għodod jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u b'rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***inkluż tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, u l-protezzjoni tad-data personali.*** F'konformità mad-dritt nazzjonali, in-natura u l-gravità tar-reati li jkunu qed jiġu investigati jenħtieġ li jiġġustifikaw l-użu ta' dawn l-għodod investigattivi.

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti li tinkludi miżuri tal-dritt amministrattiv, ċivili u kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kooperazzjoni u komunikazzjoni **interni** bejn l-atturi kollha tul il-ktajjen ta' infurzar amministrattivi u kriminali u bejn l-atturi tas-sanzjonar punittiv u korrettiv. Skont ir-regoli applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-UE, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Emenda

(30) Sabiex tiġi żgurata sistema ta' infurzar effettiva, integrata u koerenti li tinkludi miżuri tal-dritt amministrattiv, ċivili u kriminali, l-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kooperazzjoni **interna, skambji ta' Prattika tajba** u komunikazzjoni bejn l-atturi kollha tul il-ktajjen ta' infurzar amministrattivi u kriminali u bejn l-atturi tas-sanzjonar punittiv u korrettiv. **L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jiżguraw u jsaħħu l-assistenza, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u operazzjonali bejniethom kif ukoll fil-livell tal-UE.** Skont ir-regoli applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ukoll permezz tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Europol, kif ukoll mal-korpi tal-UE, inklużi l-Uffiċċju tal-Prosekutur pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Emenda 33

**Proposta għal direttiva
Premessa 30a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Minħabba l-impatt finanzjarju għoli tar-reati ambjentali, ir-rabta potenzjali tagħhom ma' reati finanzjarji serji oħra, kif ukoll in-natura transfruntiera tagħhom, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, bis-setgħat u bl-awtorità proprji tiegħu li jikkoordina l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntiera, jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fuq ir-reati ambjentali l-aktar serji b'dimensjoni transfruntiera. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq rapport dwar il-possibbiltà u l-

modalitajiet tal-estensjoni tal-mandat tal-UPPE, kif previst fl-Artikolu 86 tat-TFUE, sabiex jinkludi reati ambjentali serji li huma ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni jew li jaffettwaw l-applikazzjoni konsistenti tal-politiki tal-UE relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblica regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-riżultati tagħhom, ***u din id-data jżommuha aġġornata.*** Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tħejjija tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblica regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1

Direttiva 2008/99/KE

Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi ***dwar id-definizzjoni*** ta' reati u sanzjonijiet

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi ***għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali,***

kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

għad-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali, **u biex jiġu ffaċilitati x-xogħol u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni** sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) "ħsara severa" tfisser ħsara li tinvolvi bidliet negattivi, tfixkil jew ħsara serji ħafna lil kwalunkwe element tal-ambjent, inklużi impatti gravi fuq il-ħajja tal-bniedem, jew ir-riżorsi naturali, kulturali jew ekonomiċi;

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b Direttiva 2008/99/KE

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) liġi, **regolament amministrattiv** ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a).

(b) liġi, **att amministrattiv, regolament** ta' Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħti effett lil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija fil-punt (a).

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) "ħsara fit-tul" tfisser ħsara li tkun irriversibbli jew li ma tistax tiġi rrimedjata permezz ta' rkupru naturali f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) "ħsara mifruxa" tfisser ħsara li testendi lil hinn minn żona ġeografika limitata, li taqsam il-fruntieri tal-istati, jew li tiġġarrab minn ekosistema jew speċi sħiħa jew għadd kbir ta' bnedmin;

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) "intenzjonata" tfisser b'nuqqas ta' attenzjoni għall-ħsara li jidher ċar li tkun eċċessiva meta mqabbla mal-benefiċċji soċjali u ekonomiċi antiċipati;

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1e) "ambjent" tfisser id-Dinja, il-bijosfera, il-krijosfera, il-litosfera, l-idrosfera u l-atmosfera tagħha, kif ukoll l-ispazju ekstratmosferiku;

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni **kienet illegali**, tkun inkisbet b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2008/99/KE

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazżjonali applikabbli, **ħlief għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi**;

Emenda

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazżjonali applikabbli, **inkluż, fejn ikun previst skont id-dritt nazżjonali**, korpi pubbliċi li jeżerċitaw **setgħat pubbliċi jew awtorità**;

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/99/KE

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 jew 4. **Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, il-persuni li jkollhom interess suffiċjenti jew li jsostnu it-telf ta' dritt** kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazżjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda

(4) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-persuni, **jew gruppi ta' persuni inklużi l-komunitajiet lokali**, affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** jew 4, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent. **Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku kkonċernat ikollhom biżżejjed interess jew li jsostnu t-telf ta'**

dritt u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit proporzjonat skont id-dritt nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Direttiva 2008/99/KE

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) *"qtugħ illegali tas-siġar għall-injam" tfisser kwalunkwe qtugħ tas-siġar għall-injam li jikser ir-regoli u l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u li ma jkunx limitat għal każijiet li jinvolvu prodotti jew komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż l-imġiba ta' awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali tal-foresti li tikser liġi tal-UE fl-isfera tal-protezzjoni tan-natura jew liġi li timplementa inizjattiva strateġika tal-UE fl-isfera tal-protezzjoni tan-natura;*

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu -1 (ġdid)
Direttiva 2008/99/KE

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta intenzjonalment jew b'negliġenza serja, jitwettqu atti illegali jew ommissjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw ħsara sostanzjali lill-ambjent, dawn jikkostitwixxu reat kriminali, sa fejn dawn l-atti jew ommissjonijiet ma jkunux koperti mill-paragrafi 1 u 1a.*

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imgħiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imgħiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment **jew b'mill-inqas negliġenza serja**:

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali, **enerġija** jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt, **jew ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem**, jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali

Emenda

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt, **jew ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem**, jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali

jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, ***l-esportazzjoni*** jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt ***jew ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem***, jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn

Emenda

(e) il-ġbir, it-trasport, ***it-trattament***, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn

negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

Emenda 53

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ ***u titwettaq fi kwantità mhux negliġibbli***;

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

Emenda

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹;

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt, ***ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem***, jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-vjeġġi ta' skart, fit-tifsira tal-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ **meta tali vjeġġ isir fi kwantità mhux negliġibbli**, kemm jekk isir fi vjeġġ wieħed jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

⁴⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

Emenda 56

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h**

Test propost mill-Kummissjoni

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;

Emenda

(f) il-vjeġġi ta' skart, fit-tifsira tal-Artikolu 2(35) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰, kemm jekk isir fi vjeġġ wieħed jew f'diversi vjeġġi li jidhru li jkunu konnessi;

⁴⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

Emenda

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' **tniġġis imsemmi fl-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 2008/56/KE jew ta'** sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma **jew tal-ambjent tal-baħar**, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma **jew tal-ambjent tal-baħar**;

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew *ħsara sostanzjali* lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

Emenda

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt, *ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem* jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew *ħsara sostanzjali* lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

Emenda

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art ***jew li twassal għad-deterjorament tal-Istatus tal-Korpi tal-Ilma kif definit fl-aħħar Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara, f'konformità mad-dikjarazzjonijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE;***

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) it-twettiq ta' ksur serju skont it-tifsira tal-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A **u B** tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar

Emenda

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ, **inkluż online**, ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet fl-Anness V ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ u tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda

(m) il-kummerċ, **inkluż online**, ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A, **B u C** tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;

⁵¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar

il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) l-użu, għall-kaċċa jew għas-sajd, ta' velenu, mezzi esplożivi jew tagħmir jew strumenti oħra ta' effikaċja distruttiva simili jew mhux selettiv fir-rigward tal-organiżmi selvaġġi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 u l-Anness VI tad-Direttiva dwar il-Habitats;

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(na) l-iżvilupp, il-kostruzzjoni jew ix-xogħlijiet ta' bini mhux awtorizzati fuq art maħsuba għal toroq, żoni ekoloġiċi, proprjetà pubblika jew siti li huma rikonoxxuti b'mod legali jew amministrattiv bħala li għandhom valur ta' pajsaġġ, ekoloġija, arti, storja jew kultura, jew li għall-istess raġunijiet ġew identifikati bħala protetti b'mod speċjali, b'mod partikolari żoni naturali u seminaturali inklużi fin-network Natura 2000 u protetti skont id-dritt tal-Unjoni;

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt nb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(nb) it-tqabbid deliberat ta' nirien fil-foresti;

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt nc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(nc) il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, kif definit fl-Artikolu 2(5a);

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, **meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti;**

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, **jew id-disturb sinifikanti ta' speċi li għaliha jkun ġie deżinjat il-habitat** skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE:

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt, **ħsara sostanzjali għas-saħħa tal-bniedem**, jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità

jew lill-pjanti;

tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reat ta' ekoċidju jitqies bħala reat kriminali serju għall-finijiet ta' din id-Direttiva, u li jiġi definit bħala att illegali jew intenzjonat jew ommissjoni mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u jew mifruxa jew inkella fit-tul lill-ambjent.*

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettaq b'mill-inqas negliġenza serja.*

imħassar

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***l-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu, fejn rilevanti, meta jiġi

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***wieħed jew iktar mill-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu,

vvalutat jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

fejn rilevanti, meta jiġi vvalutat jekk il-ħsara jew il-ħsara probabbli tkunx sostanzjali għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-kost stmat tar-restawr wara l-ħsara ambjentali;

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jekk il-ħsara **tkunx** fit-tul, fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq perjodu ta' żmien qasir;

(b) jekk il-ħsara **jew l-effetti tagħha jkunux** fit-tul, fuq perjodu ta' żmien medju jew fuq perjodu ta' żmien qasir;

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) **ir-reversibbiltà** tal-ħsara.

(e) **il-firxa tar-reversibbiltà** tal-ħsara.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-valur monetarju tal-ħsara għall-ekosistema affettwata evalwat, fost oħrajn, fuq il-bażi tal-impatt ekoloġiku, ambjentali u soċjali tagħha;

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) l-ammont ta' benefiċċji finanzjarji miksuba mit-trasgressur meta jwettaq irreat, inkluż il-kost tal-konformità; (AM 55 Rapporteur, AM 281 Renew)

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) l-impatt fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi, il-popolazzjoni jew il-habitat affettwati u t-tendenza fir-rigward tagħhom;

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***l-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***wieħed jew iktar mill-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu, ***fejn rilevanti***, meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità

kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) **u (p)**:

tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k), **(p) u (ra)**:

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata;

Emenda

(a) L-imġiba tkun relatata ma' attività li titqies bħala riskjuża jew perikoluża, teħtieġ awtorizzazzjoni li ma tkunx inkisbet jew ġiet osservata, ***jew li titwettag skont awtorizzazzjoni li tkun illegali, miksuba b'mod frodulenti jew permezz tal-korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;***

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) L-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u drittijiet oħra tal-bniedem;

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) L-attività tikkostitwixxi ksur tal-obbligi ta' diliġenza dovuta;

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) il-benefiċċji finanzjarji miksuba mit-trasgressur meta jwettaq ir-reat, inkluż il-kost tal-konformità.

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***l-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk ***il-kwantità tkunx*** negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li ***wieħed jew iktar mill-elementi*** li ġejjin għandhom jitqiesu, ***fejn rilevanti***, meta jiġi vvalutat jekk ***il-kwalità u l-kwantità tal-impatt tal-ħsara jkunux*** negliġibbli jew mhux negliġibbli għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (f), (l), (m), (n):

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-għadd ta' oġġetti soġġetti għar-reat;

(a) ***il-volum jew*** l-għadd ta' oġġetti soġġetti għar-reat;

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati;

Emenda

(c) l-istat ta' **protezzjoni jew** konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' fawna jew flora kkonċernati, **inkluż fil-habitat ikkonċernat mill-ħsara**;

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-kost tar-restawr **tal-ħsara** ambjentali.

Emenda

(d) il-kost **stmat** tar-restawr **wara l-ħsara** ambjentali;

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) il-valur monetarju tal-ħsara għall-ekosistema affettwata evalwat, fost oħrajn, fuq il-bażi tal-impatt ekoloġiku, ambjentali u soċjali tagħha;

Emenda

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(db) il-benefiċċju finanzjarju miksub mit-trasgressur meta jwettaq ir-reat, inkluż il-kost tal-konformità.

Emenda

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twertiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twertiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) **u 3(1a)** u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1), **il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r)** ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemija fl-Artikolu 3(1) **u l-Artikolu 3(1a)** ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 ikunu punibbli permezz ta' pjeni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 ikunu punibbli permezz ta' pjeni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna. ***Ir-reat imsemmi fl-Artikolu 3(1a) għandu jkun punibbli wkoll b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin fi kwalunkwe ċirkostanza.***

Emenda 92

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa **(j)**, (n), (q), (r) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sitt snin.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) sa **(k)**, **(ka)**, **(ma)**, (n), **(nb)**, **(nc)**, **(o)**, (q), (r) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sitt snin.

Emenda 93

**Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-putni (k)**, (l), (m), **(o)**, (p) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-punti** (l), (m), **(na)**, (p) ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin.

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali li għandhom jinkludu:

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali li għandhom jinkludu:

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien *speċifiku*;

Emenda

(a) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien *raġonevoli, li jkopri l-kost tar-restawr, fejn tali restawr ikun possibbli, u li jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata*;

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) multi;

Emenda

(b) multi *li jkunu proporzjonati għall-benefiċċji finanzjarji miksuba mit-trasgressur meta jwettaq ir-reat jew mill-ħsara kkawżata*;

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) obbligu li jinvolvu ruħhom

f'attivitajiet li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u/jew il-preservazzjoni tal-ambjent jew li jiffinanzjawhom;

Emenda 98

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet **u** konċessjonijiet;

Emenda

(c) esklużjonijiet temporanji jew permanenti mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet, konċessjonijiet **u liċenzji**;

Emenda 99

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) skwalifika mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

Emenda

(d) skwalifika **mill-funzjonijiet jew** mit-tmexxija ta' stabbilimenti tat-tip użat għat-twettiq tar-reat;

Emenda 100

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) projbizzjonijiet temporanji li wieħed joħroġ għal kariga eletta jew pubblika;

Emenda

(f) projbizzjonijiet temporanji li wieħed joħroġ għal kariga eletta jew pubblika;

Emenda 101

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

5a. Meta l-imġiba msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (e), (f), (l), (m) u (n), tkun limitata għal kwantità negliġibbli, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta tali reati jkunu twettqu **għall-benefiċċju tagħhom** minn kwalunkwe persuna **li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika**, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, abbażi ta':

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 meta tali reati jkunu twettqu minn kwalunkwe persuna li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, abbażi ta':

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 **għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika** minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibbli t-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 minn persuna li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) **u l-Artikolu 6(2)** tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-livell ta' sanzjonijiet għandu jirrifletti l-grad ta' severità u d-durata tal-konsegwenzi ambjentali, u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem.***

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għandhom jinkludu:

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sanzjonijiet jew il-miżuri għall-persuni ġuridiċi responsabbli skont l-Artikolu 6(1) **u l-Artikolu 6(2)** għar-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 għandhom jinkludu:

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu *ta' żmien speċifiku*;

Emenda

(b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu *raġonevoli li jkopri l-kost tar-restawr, fejn tali restawr ikun possibbli, u li jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata*;

Emenda 108

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) obbligu li jiffinanzjaw miżuri li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u/jew il-preservazzjoni tal-ambjent;

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

(c) esklużjoni *temporanja jew permanenti* mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) esklużjoni temporanja mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet;

(d) esklużjoni temporanja *jew permanenti* mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' akkwist, għotjiet u konċessjonijiet, *u liċenzji*;

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards ambjentali;

Emenda

(j) obbligu tal-kumpaniji li jintroduċu ***jew li jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jimplementaw*** skemi ta' diliġenza dovuta għat-titjib tal-konformità mal-istandards ambjentali;

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

Emenda

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata ***u pubblikazzjoni mal-UE kollha tad-deċiżjoni ġudizzjarja b'rilevanza transfruntiera;***

Emenda 113

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(2) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

imħassar

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r)** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **5 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] **fis-sena finanzjarja** ta' qabel **id-deċiżjoni ta' mmultar**.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **12 %** tal-fatturat globali **medju** totali tal-persuna ġuridika [/impriża] **fit-tliet snin finanzjarji** ta' qabel **l-identifikazzjoni tar-reat**.

Emenda 115

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta l-fatturat globali kif imsemmi fil-paragrafu 4 jkun negattiv, ikun ugwali għal zero jew ikun inspjegabbilment baxx, il-limitu massimu tal-multa ma għandux ikun inqas minn ammont li jikkorrispondi għal EUR [100] miljun.

Emenda 116

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn 3 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.**

imħassar

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-limitu massimu tal-multi li jitħallsu mill-persuna ġuridika li tkun qed twettaq ir-reati ambjentali msemmija fl-Artikolu 3(1a) jkun bejn 12 u 25 % tal-fatturat globali medju totali tal-persuna ġuridika fit-tliet snin finanzjarji ta' qabel l-identifikazzjoni tar-reat.*

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-livell tal-multi msemmija fil-paragrafi 4 u 6a jiżdied gradwalment għal ksur ripetut.*

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6c. *Meta l-imġiba msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (e), (f), (l), (m) u (n), tkun limitata għal kwantità negliġibbli, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

Emenda 120

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew il-korriment serju lil, persuna;

Emenda

(a) ir-reat ikkawża l-mewt ta', jew il-korriment serju lil, persuna, ***jew affettwa ħażin is-saħħa tal-pubbliku. Għandu jitqies l-għadd tal-vittmi;***

Emenda 121

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema;

Emenda

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ***habitat, speċi ta' fawna jew flora selvaġġi koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/9751, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew lil*** ekosistema;

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ir-reat jew il-ħsara għandhom dimensjoni transfruntiera;

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) ir-reat ikkawża qerda jew ħsara lil sit ta' infrastruttura kritika jew sit ta' wirt kulturali;

Emenda 124

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) ir-reat ikun twettaq f'żona ta' konservazzjoni jew protezzjoni fil-livell nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali, bħal żona ta' Natura 2000, jew f'żona fejn ir-reat x'aktarx ikollu effett sinifikanti fid-dawl tal-obiettivi ta' konservazzjoni tagħha;

Emenda 125

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶ ;

(c) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI tal-Kunsill⁵⁶, **jew għall-benefiċċju ta' organizzazzjoni ta' din ix-xorta;**

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

⁵⁶ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 300/42.

Emenda 126

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ir-reat ikun twettaq flimkien ma' reati kriminali oħra, jew kien jikkostitwixxi reat predikat għal reati kriminali oħra;

Emenda 127

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati;

(d) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati, **jew twettaq skont awtorizzazzjoni li tkun illegali, miksuba b'mod frodulenti jew permezz tal-korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;**

Emenda 128

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-reat twettaq bi ksur tal-obbligi ta' diliġenza dovuta jew tad-deċiżjonijiet relatati tal-awtoritajiet kompetenti;

Emenda 129

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu;

(e) ir-reat ikun twettaq minn uffiċjal pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijietu, **jew bl-involviment tiegħu, jew għall-benefiċċju ta' awtorità pubblika;**

Emenda 130

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) it-trasgressur ikun wettaq ksur preċedenti simili tad-dritt ambjentali;

Emenda

(f) it-trasgressur ***preċedentement*** ikun wettaq ksur preċedenti simili tad-dritt ambjentali;

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) it-trasgressur ikun wettaq reat skont l-Artikolu 3 waqt li kien soġġett għal deroga skont l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2010/75/UE;

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jb) ir-reat ikun ikkawża tbatija mhux meħtieġa u li tista' tiġi evitata għall-annimali.

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-trasgressur ikun irrestawra ***n-natura*** għall-kundizzjoni preċedenti ***tagħha***;

(a) it-trasgressur ikun irrestawra ***l-ambjent*** għall-kundizzjoni preċedenti ***tiegħu, meta tali restawr ikun possibbli u jkun twettaq b'mod volontarju u qabel il-***

bidu tal-proċedimenti kriminali,

Emenda 134

**Proposta għal direttiva
Artikolu 9a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Miżuri ta' prekawzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, sakemm issir l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reati ambjentali, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jadottaw miżuri interim, inkluża inġunzjoni ambjentali, għall-waqfien immedjat tal-imġiba illegali msemmija fl-Artikoli 3, 3(1a) u 4 ta' din id-Direttiva, jekk tali mġiba tkun għadha għaddejja, jew jimponu miżuri biex jipprevjenu l-eżekuzzjoni ta' tali mġiba, sabiex tiġi evitata ħsara lill-ambjent.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' prekawzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jistgħu jiġu adottati fuq talba tal-awtoritajiet responsabbli għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3, 3(1a) u 4 ta' din id-Direttiva, u mill-pubbliku kkonċernat.

Emenda 135

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Iffriżar u konfiska

Sekwestru, iffriżar u konfiska

Emenda 136

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw, **kif xieraq**, li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jiffriżaw **jew** jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut għat-twettiq tar-reati msemija f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom.

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

Emenda 137

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 138

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu, **anke wara kundanna finali, jittraċċaw, jidentifikaw, jaqbdu**, jiffriżaw **u** jikkonfiskaw, f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-rikavat **kollu** li jirriżulta mit-twettiq jew mill-kontribut għat-twettiq tar-reati msemija f'din id-Direttiva u l-mezzi strumentali użati jew maħsuba biex jintużaw fihom.

⁵⁸ Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

Emenda

(1a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta annimali ħajjin ikunu soġġetti għal qbid skont l-ikkummissjonar tar-reati msemija fl-Artikolu 3, 3(1a) u 4 ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jadottaw miżuri interim rigward it-tqegħid tagħhom sabiex jiżguraw kura adegwata, sakemm issir investigazzjoni, prosekuzzjoni jew aġġudikazzjoni tar-reat.

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rikavat u l-mezzi strumentali ffriżati u kkonfiskati mir-reati, jew fejn rilevanti, l-assi finanzjarji miksuba mill-bejgħ ta' rikavati materjali jew mezzi strumentali mir-reati, jiġu ġestiti kif xieraq, f'konformità man-natura tagħhom, u jintużaw, b'rabta mar-reati rilevanti u mingħajr preġudizzju għall-pieni u s-sanzjonijiet previsti fl-Artikoli 5 u 7 ta' din id-Direttiva biex:

(a) jiffinanzjaw ir-restawr tal-ambjent;

(b) isewwu l-ħsara kkawżata u jikkumpensaw lill-vittmi;

(c) jiffinanzjaw l-akkomodazzjoni u l-kura ta' annimali ħajjin ikkonfiskati;

(d) jiżguraw li l-prodotti ta' organiżmi selvaġġi kkonfiskati jiġu offruti lil entitajiet pubbliċi xierqa għal skopijiet edukattivi, xjentifiċi u ta' konservazzjoni ġenwini jew ikopru l-kostijiet assoċjati mal-qerda tagħhom, jekk l-użu tagħhom għal dawn il-finijiet ma jkunx prattikabbli.

Emenda 139

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn possibbli, ir-rikavat u l-mezzi strumentali kkonfiskati mir-reati jew, fejn rilevanti, l-assi finanzjarji miksuba mill-bejgħ ta' rikavati materjali jew mezzi strumentali mir-reati, jintużaw għall-finanzjament tal-Fond Nazzjonali previst fl-Artikolu 12a ta' din id-Direttiva.

Emenda 140

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, ***jew wara li jiġu identifikati f'dawk ir-reati li ġew moħbija jew skoperti aktar tard minn meta ġew ikkumissjonati***, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv. ***Għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni fir-rigward tar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1a) ma għandu jkun hemm l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni.***

Emenda 141

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, ***għal*** perjodu ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(a) reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija, ***matul*** perjodu ***ta' preskrizzjoni*** ta' mill-inqas 10 snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, ***jew ta' mill-inqas 10 snin mill-jum li r-reat ġie identifikat f'każ li r-reat kien moħbi jew skopert aktar tard minn meta ġie ikkumissjonat***, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 142

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, **għal** perjodu ta' mill-inqas sitt snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda

(b) reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas sitt snin priġunerija, **matul** perjodu **ta' preskrizzjoni** ta' mill-inqas sitt snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, **jew ta' mill-inqas sitt snin mill-jum li r-reat għie identifikat f'każ li r-reat kien moħbi jew skopert aktar tard minn meta għie kkummissjonat**, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 143

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, **għal** perjodu ta' mill-inqas erba' snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, meta r-reati jkunu punibbli.

Emenda

(c) reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin priġunerija, **matul** perjodu **ta' preskrizzjoni** ta' mill-inqas erba' snin miż-żmien meta jkun twettaq ir-reat, **jew ta' mill-inqas erba' snin mill-jum li r-reat għie identifikat f'każ li r-reat kien moħbi jew skopert aktar tard minn meta għie kkummissjonat**, meta r-reati jkunu punibbli;

Emenda 144

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 meta:

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemija fl-Artikoli 3, **3(1a)**, u 4 meta:

Emenda 145

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-trasgressur ikun wiehed miċ-
ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu.

Emenda

(d) it-trasgressur, ***jew mill-inqas wieħed mill-vittmi***, ikun wieħed miċ-
ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu,
jew persuna ġuridika stabbilita jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fit-territorju tiegħu;

Emenda 146

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

Emenda 147

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

2. Stat Membru għandu ***jieħu l-miżura meħtieġa, u*** jinforma lill-Kummissjoni, meta jiddeċiedi li jestendi l-ġuriżdizzjoni tiegħu għar-reati msemmija fl-Artikoli 3, ***3(1a)*** u 4 li jkunu twettqu barra mit-territorju tiegħu, meta:

Emenda 148

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

imħassar

Emenda 149

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ir-reat ikun twettaq kontra wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew mir-residenti abitwali tiegħu;

imħassar

Emenda 150

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c
Artikolu 12**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent, *għall-bijodiversità jew għall-konservazzjoni ta' popolazzjonijiet ta' organiżmi selvaġġi nattivi u l-habitats tagħhom* fit-territorju tiegħu.

Emenda 151

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3, **3(1a)**, u 4 jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw ***b'mod rapidu*** liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun

f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

Fejn reat imsemmi fl-Artikoli 3, 3(1a) u 4 jkun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, u jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, id-determinazzjoni ta' liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841/ĠAI.

Meta jinqala' konflitt ta' ġuriżdizzjoni, l-Istati Membri għandhom madankollu jkunu intitolati li jadottaw miżuri ta' prekawzjoni, kif previst fl-Artikolu 9a, sabiex jipprevjenu ħsara lill-ambjent jew iktar deterjorament ta' ħsara eżistenti li taffettwa lit-territorju tagħhom.

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

Emenda 152

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c) **u** (d), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunx soġġett għall-kundizzjoni li prosekuzzjoni tkun tista' tinbeda biss wara denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.

Emenda 153

Emenda

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c), (d), **u (da)** l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunx soġġett għall-kundizzjoni li prosekuzzjoni tkun tista' tinbeda biss wara denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.

**Proposta għal direttiva
Artikolu 12a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

***Fondi Nazzjonali għall-prevenzjoni u l-
ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali,
għall-kumpens għall-vittmi u r-restawr
tal-ambjent***

***1. L-Istati Membri għandhom, fi żmien
disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-
Direttiva, jistabbilixxu u jżommu fond
nazzjonali, jew fejn rilevanti jaġġustaw
tali fond eżistenti, immirat lejn:***

***a) il-kumpens għall-vittmi ta' reati
ambjentali mhux koperti minn skemi
nazzjonali diġà eżistenti għal kumpens
lill-vittmi tal-kriminalità jew mid-
dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/80/KE;***

***b) il-finanzjament tar-restawr ambjentali
u ekoloġiku;***

***c) il-finanzjament ta' miżuri ta'
prevenzjoni, inklużi iżda mhux limitati
għal dawk imsemmija fl-Artikolu 9a;***

***d) l-appoġġ tal-miżuri previsti fl-
Artikolu 10 ta' din id-Direttiva.***

***Il-punti a) sa d) huma mingħajr
preġudizzju għall-applikazzjoni tal-pieni u
s-sanzjonijiet rilevanti previsti fl-
Artikoli 5 u 7 ta' din id-Direttiva.***

***2. Il-fond għandu jiġi ffinanzjat, fost l-
oħrajn, permezz ta' multi kriminali u
mhux kriminali u ta' kumpensi għall-
ħsara previsti fl-Artikoli 5 u 7 ta' din id-
Direttiva u, fejn applikabbli, permezz tar-
rikavat mill-ikkummissjonar jew mill-
kontribuzzjoni għall-ikkummissjonar tar-
reat li jkun ġie kkonfiskat f'konformità
mal-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva, u l-
mezzi strumentali użati jew maħsuba biex
jintużaw fl-ikkummissjonar jew fl-
kontribuzzjoni għat-twettiq tiegħu.***

Emenda 154

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw **li l-protezzjoni** mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937, **tkun applikabbli għall-persuni li jirrapportaw ir-reati** kriminali msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw **l-applikazzjoni sħiħa tal-protezzjoni** mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 **għal kwalunkwe persuna fiżika li tirrapporta r-reati** kriminali msemija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 ta' din id-Direttiva **u għall-familji tagħhom, u biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw livell adegwat simili ta' protezzjoni għal kwalunkwe persuna ġuridika li tirrapporta dawn ir-reati.**

Emenda 155

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **persuni li jirrapportaw ir-reati** msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li **jipprovdu** evidenza jew li b'xi mod ieħor **jikkooperaw** mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, **jingħataw** l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li **kwalunkwe persuna fiżika u ġuridika li tirrapporta r-reati** msemija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4 ta' din id-Direttiva u li **tipprovdi** evidenza jew li b'xi mod ieħor **tikkoopera** mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, **tingħata** l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali.

Emenda 156

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni

tal-Istati Membri, għandha toħloq pjattaforma fl-UE kollha li tippermetti lill-persuni jirrapportaw reati ambjentali b'mod anonimu, faċli u sigur, kif previst fl-Artikolu 3, 3(1a) u 4 ta' din id-Direttiva. Din il-pjattaforma se tippermetti wkoll lill-persuni jinfurmaw dwar kif l-Istati Membri kkonċernati ttrattaw ir-reat ambjentali. Il-Kummissjoni għandha ssegwi b'mod attiv l-allegazzjonijiet serji mal-Istati Membri kkonċernati, u għandha tippubblika regolarment dwar ir-rapporti li tirċievi.

Emenda 157

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrapportaw ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 3(1a) u 4 ta' din id-Direttiva jkunu protetti kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika, f'konformità mad-Direttiva 2022/... [id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteciċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivij].*

Emenda 158

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. *L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' protezzjoni msaħħa għal persuni li jirrapportaw reati kriminali mwettqa fil-qafas ta'*

organizzazzjoni kriminali jew li jinvolvu tali organizzazzjoni.

Emenda 159

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti

Emenda

Aċċess għall-ġustizzja u drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti

Emenda 160

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3, ***3(1a)*** u 4, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda 161

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati li d-drittijiet u l-interessi tagħhom ġew affettwati jew x'aktarx li jiġu affettwati mir-reati msemmija fl-Artikoli 3, 3(1a) u 4 jistgħu jkunu intitolati li jressqu azzjonijiet

quddiem il-qradi għar-restawr ambjentali u ekoloġiku.

Emenda 162

**Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja u jiżguraw id-drittijiet proċedurali lill-membri tal-pubbliku kkonċernati, inkluż l-aċċess għall-għajnuna legali.

Emenda 163

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni ***u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali inġenerali***, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal ***programmi ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi studji dwar l-oriġini u l-motivazzjoni għat-tweqqig tar-reati ambjentali, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, inklużi dwar miżuri ta' prevenzjoni u kontra l-korruzzjoni, u mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, is-settur privat kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali bl-għan li jitnaqqas l-għadd globali ta' reati kriminali ambjentali***, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***inklużi awtoritajiet kompetenti għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali ambjentali, esperti, organizzazzjonijiet tas-settur privat, u organizzazzjonijiet***

mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jsaħħu għodod bħal valutazzjonijiet tar-riskju, strateġiji kontra l-korruzzjoni u sistemi ta' spezzjonijiet amministrattivi għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' reati ambjentali.

Emenda 164

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat **u** riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali **li jwettqu spezzjonijiet**, jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat **u speċjalizzat, jipprovdut taħriġ regolari lil dan il-persunal, u jiżguraw li dawn l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom** riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu korpi speċjalizzati jew jikkonferixxu mandat speċjalizzat lil korpi eżistenti, bħala unitajiet speċjalizzati fi ħdan l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll awtoritajiet ġudizzjarji speċjalizzati jew kmamar fi qrati kriminali ġenerali, bil-kompetenza primarja li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti u jaġġudikaw reati ambjentali, u jgħammru lil dawk il-korpi bir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.**

Emenda 165

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari **rigward l-oġettivi** ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat **u skambji tal-aħjar Prattiki fil-livell tal-UE** f'intervalli regolari **biex jiġi żgurat il-ksib effettiv tal-oġettivi** ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti. **It-taħriġ speċjalizzat għandu jkopri wkoll l-użu prattiku ta' għodod investigattivi disponibbli biex tiġi miġġielda l-kriminalità ambjentali, kif imsemmi fl-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva, kif ukoll il-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti differenti, b'mod partikolari rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali transnazzjonali, u r-rabtà tagħhom ma' forom oħra ta' reati serji.**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk responsabbli għal dan it-taħriġ ikollhom finanzjament suffiċjenti, stabbli u prevedibbli disponibbli għall-organizzazzjoni regolari tat-taħriġ.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien raġonevoli, tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li t-taħriġ online għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi pprovdut mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) ikun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE sabiex ikun jista' jiġi massimizzat l-għadd ta' riċevituri tat-taħriġ.

Emenda 166

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, **bħal** dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati **kriminali** serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, **inkluż** dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati serji **b'dimensjoni transfruntiera**, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3, **3(1a)** u 4.

Emenda 167

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi **Stat Membru**

Emenda

Koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi **ħdan l-Istati Membri u fosthom u mal-korpi rilevanti fil-livell tal-UE**

Emenda 168

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-iskambju tal-aħjar prattika;

Emenda

(d) l-iskambju tal-aħjar prattika, **inkluż dwar l-istabbiliment ta' awtoritajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji kompetenti għal reati ambjentali, kif previst fl-Artikolu 16;**

Emenda 169

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-assistenza lin-networks Ewropej ta' prattikanti li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali u l-ksur relatat,

Emenda 170

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

u jistgħu jieħdu l-forma ta' korpi ta' koordinazzjoni speċjalizzati, memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, in-networks nazzjonali tal-infurzar u attivitajiet konġunti ta' taħriġ.

Emenda 171

Proposta għal direttiva

Artikolu 19a (ġdid)

Emenda

(e) l-assistenza ***lill-aġenziji u l-korpi Ewropej, u*** lin-networks Ewropej ta' prattikanti li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali u l-ksur relatat,

Emenda

u jistgħu jieħdu l-forma ta' korpi ta' koordinazzjoni speċjalizzati ***b'punt ta' kuntatt maħtur***, memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti, in-networks nazzjonali tal-infurzar u attivitajiet konġunti ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffaċilita tali koordinazzjoni billi ttiprovdi appoġġ u tippromwovi struttura aktar istituzzjonalizzata għan-networks eżistenti ta' prattikanti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn rilevanti, meta jinvestigaw jew jipproċedu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3, 3(1a), u 4, l-awtoritajiet tagħhom jistabbilixxu kuntatti u konsultazzjonijiet u jżommu kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra affettwati u mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-UE rilevanti fil-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Investigazzjoni ta' reati ambjentali fil-livell tal-UE

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tfassal rapport dwar il-possibbiltà u l-modalitajiet tal-estensjoni tal-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew kif previst fl-Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex jinkludu reati ambjentali transfruntiera serji li huma ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni jew li jaffettwaw l-applikazzjoni konsistenti tal-politiki tal-UE relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, u tippreżentah lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

Emenda 172

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. **Sa [OP – daħħal id-data** – fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jippubblikaw u jimplementaw strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati kriminali ambjentali li bħala minimu għandha tindirizza dan li ġej:

1. Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jippubblikaw u jimplementaw strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati kriminali ambjentali li bħala minimu għandha tindirizza dan li ġej:

Emenda 173

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

(c) il-modi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

kompetenti;

nazzjonali kompetenti, u bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri oħra;

Emenda 174

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ **u** l-evalwazzjoni regolari tar-riżultati miksuba;

Emenda

(f) il-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni **u r-rapportar** regolari tar-riżultati miksuba **u tal-grad ta' implimentazzjoni u infurzar tad-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva;**

Emenda 175

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati;

Emenda

(b) l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali investigati, **proċessati u aġġudikati;**

Emenda 176

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali;

Emenda

(c) it-tul medju tal-investigazzjonijiet kriminali ta' reati ambjentali **kif ukoll ta' proċedimenti kriminali;**

Emenda 177

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali;

Emenda

(d) l-għadd **totali** ta' kundanni għal reati ambjentali;

Emenda 178

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali relatati ma' reati mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali;

Emenda 179

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-għadd ta' kundanni għal reati ambjentali relatati ma' reati mwettqa minn uffiċjal pubbliku jew li jinvolvu awtorità pubblika;

Emenda 180

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-għadd ta' kawżi fil-qorti li ntemmu minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni;

Emenda 181

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom ***tiġi ppubblikata b'mod regolari***.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***d-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 u*** analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom ***jiġu ppubblikati kull sena. Is-sena ta' wara li jiġi stabbilit il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22, l-Istati Membri għandhom jibdew jużawh għall-pubblikazzjonijiet annwali tagħhom tal-istatistika.***

Emenda 182

**Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika regolarment rapport ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat għall-ewwel darba ***tliet snin*** wara li jkun ġie ddeterminat il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika regolarment rapport ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat għall-ewwel darba ***sentejn*** wara li jkun ġie ddeterminat il-format standard imsemmi fl-Artikolu 22. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard sa mhux iktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

Emenda 183

**Proposta għal direttiva
Artikolu 24a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

Linji gwida

1. Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni man-networks ta' prattikanti Ewropej u mal-esperti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandhom jipprovdu b'mod regolari linji gwida individwali kif ukoll linji gwida u

*rakkomandazzjonijiet kollettivi dwar l-
aspetti tad-Direttiva lill-Istati Membri u
lill-awtoritajiet tagħhom fejn tqis li jkun
meħtieġ biex tiġi żgurata traspożizzjoni u
implimentazzjoni korretta, konsistenti u
koerenti ta' din id-Direttiva fil-livell tal-
Istati Membri.*

*Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu l-
identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'riskju
għoli u theddid potenzjali li jikkonċernaw
persuni li jirrapportaw reati ambjentali, u
rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta'
segwitu u miżuri ta' protezzjoni
f'konformità mal-Artikolu 13 ta' din id-
Direttiva.*

*2. F'konformità mal-paragrafu 1 u sabiex
jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza
fost l-Istati Membri għall-fini tal-infurzar
tal-liġi u għall-prevenzjoni tal-forum
shopping mit-trasgressuri, il-Kummissjoni
għandha, fi żmien 18-il xahar wara d-
dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, toħroġ
linji gwida biex tiffaċilita l-fehim komuni
fost l-Istati Membri tal-elementi previsti
fil-paragrafi 3 sa 5 tal-Artikolu 3
f'konformità mad-dritt ambjentali
nazzjonali u Ewropew.*

Emenda 184

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [OP – daħħal id-data ta' *sentejn* wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Emenda

1. Sa [OP – daħħal id-data ta' *sena* wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], *u kull tliet snin wara dan*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. *Il-Kummissjoni għandha tħejji r-rapport abbażi mhux biss tal-*

informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, iżda wkoll abbażi tal-iskrutinju tagħha stess kif ukoll abbażi ta' konsultazzjonijiet pubbliċi li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-aġenziji tal-protezzjoni ambjentali u l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 185

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull sentejn minn **[OP – daħħal id-data ta' sena wara li** jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fi żmien tliet xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda skont l-Artikoli **15 sa 17, 19 u 20**.

Emenda

2. Kull sentejn minn **meta** jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fi żmien tliet xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda skont l-Artikoli **3 sa 21**.

Emenda 186

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sa [OP – daħħal id-data - **ħames** snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Emenda

3. Sa [OP – daħħal id-data - **erba'** snin wara li jintemm il-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva **kif ukoll tal-ħtieġa li tiġi aġġornata l-lista ta' reati fl-Artikolu 3** u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE
Referenzi	COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 27.1.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 27.1.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Saskia Bricmont 5.9.2022
Eżami fil-kumitat	25.10.2022
Data tal-adozzjoni	6.2.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 16 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Katarina Barley, Theresa Bielowski, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Lena Düpont, Lucia Ġuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Dietmar Köster, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Thijs Reuten, Miguel Urbán Crespo, Axel Voss
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Aurélia Beigneux, Milan Brglez, Katalin Cseh, Marie Dauchy, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Vlad Gheorghe, Martin Hojsík, Max Orville, Mounir Satouri

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
Renew	Katalin Cseh, Lucia Āuriř Nicholsonov, Vlad Gheorghe, Martin Hojsik, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Krner, Max Orville, Maite Pagazaurtunda, Ramona Strugariu
S&D	Katarina Barley, Theresa Bielowski, Milan Brglez, Paolo De Castro, Maria Grapini, Evin Incir, Łukasz Kohut, Dietmar Kster, Juan Fernando Lpeż Aguilar, Javier Moreno Snchez, MatjaŹ Nemeč, Thijs Reuten, Isabel Santos, Elena Yoncheva
Ix-Xellug	Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier, Miguel Urbn Crespo
Verts/ALE	Patrick Breyer, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Mounir Satouri, Tineke Strik

16	-
ECR	Patryk Jaki
ID	Aurlia Beigneux, Susanna Ceccardi, Marie Dauchy, Tom Vandendriessche
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Dpont, Jos Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Alessandra Mussolini, Janina Ochojska, Paulo Rangel, Axel Voss, Javier Zarzalejos

0	0

Tifsira tas-simboli uŻati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

8.12.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE (COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali, flimkien mad-Direttiva 2004/35 dwar ir-responsabbiltà ambjentali u r-Regolament (UE) 2019/1010 dwar it-traspożizzjoni tal-obbligi ta' informazzjoni fil-qasam tad-dritt ambjentali, jikkostitwixxu r-referenza leġislattiva attwali tripla tal-UE dwar ir-reati ambjentali. L-għan tagħhom huwa li t-trasgressuri ta' reati ambjentali jkunu kriminalment responsabbli u li jħallu f'idejn l-Istati Membri t-tip ta' piena applikabbli, sakemm dawn ikunu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għal dan it-tip ta' reat, meta jitwettaq intenzjonalment jew bħala riżultat ta' negliġenza serja.

Madankollu, kif muri mill-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020, l-għadd ta' każijiet imħarrka b'suċċess kien baxx, is-sanzjonijiet ma kinux biżżejjed biex ikunu dissważivi u l-kooperazzjoni transfruntiera kienet baxxa. Barra minn hekk, minħabba d-differenzi bejn is-sistemi legali tad-diversi Stati, kien diffiċli li jiġu ddefiniti kunċetti legali indeterminati. Ġew identifikati wkoll nuqqasijiet fl-Istati Membri f'termini ta' riżorsi, għarfien espert, sensibilizzazzjoni, prijoritizzazzjoni, kooperazzjoni u skambju tal-informazzjoni, u nstab li ma kien hemm l-ebda strateġija nazzjonali komprensiva għall-għieda kontra r-reati ambjentali li tinvolvi l-livelli kollha tal-katina ta' implimentazzjoni u approċċ multidixxiplinarju. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-infurzar tad-dritt amministrattiv u dak kriminali u s-sanzjonar spiss iwassal għal nuqqas ta' effettività. In-nuqqas ta' data statistika affidabbli, preċiża u kompluta dwar il-proċedimenti tar-reati ambjentali fl-Istati Membri jipprevjeni lil dawk li jfasslu l-politika u lill-prattikanti nazzjonali milli jimmonitorjaw l-effettività tal-miżuri tagħhom. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi d-Direttiva sabiex il-proposta leġislattiva għall-għieda kontra r-reati ambjentali tissodisfa wieħed mill-impenni ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Min-naħa tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet innota, permezz tal-petizzjonijiet li rċieva, li r-reati ambjentali jipperikolaw l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku kemm f'termini ta' effetti ambjentali negattivi u ta' spiss irriversibbli kif ukoll telf ekonomiku peress li spiss ikunu marbuta mal-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni, it-traffikar, il-vjolenza fiżika u l-qtil, filwaqt li jestendu l-effetti lil hinn mill-ħsara lill-ħabitat. Barra minn hekk, in-natura tar-

reati ambjentali li jħallu ħafna qligħ u dan b'riskju baxx joħloq kompetizzjoni inġusta għall-attivitajiet kummerċjali legali. Fil-fatt, l-għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar il-ħsara ambjentali kkawżata mill-azzjoni tal-bniedem spiss jenfasizzaw in-nuqqas ta' effiċjenza u l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali biex jidentifikaw, jinvestigaw u jħarrku r-reati ambjentali. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet kriminali u l-mafji jheddu l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-wirt ambjentali.

L-effetti devastanti tagħhom jaffettwaw is-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE, il-vittmi b'diversi modi, li jitolbu kooperazzjoni transfruntiera aħjar, li hija kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li r-reati ambjentali jistgħu jaffettwaw ekosistemi sħaħ u li dawn jistgħu jinkludu żoni transfruntiera u li għalhekk huwa ta' importanza kbira li jkun hemm definizzjoni tad-dimensjoni transfruntiera tar-reati li sservi biex tistabbilixxi l-għodod għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tagħha.

Madankollu, l-emenda li għaddejja bħalissa m'għandhiex tkun limitata għal definizzjonijiet, iżda għandha tagħtina l-opportunità li niġġieldu l-kriminalità u li tipprovdilna għodda aktar b'saħħiħa mid-Direttiva 2008/99/KE attwali. Ir-rapporteur jemmen bis-sħiħ li r-reati ambjentali, speċjalment fuq skala kbira, spiss ikunu marbuta ma' reati kriminali serji oħra, li jipperikolaw l-oġettivi ta' sigurtà tal-UE, l-interess finanzjarju tal-UE u l-impenji tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Din ir-rabta jeħtieġ li tiġi identifikata u indirizzata fid-dawl tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. L-assi ċentrali tal-kontribut tal-Kumitat PETI fil-forma ta' opinjoni leġiżlattiva huma:

li tinkiseb l-effettività u l-aġilità tar-reġim regolatorju permezz tal-istabbiliment ta' sistema bbażata fuq pieni ugwali għall-istess reat, sabiex l-awturi potenzjali ma jipperċepixxux li xi Stati tal-UE joffru reġim regolatorju eħfef u inqas effettiv. Ir-rapporteur jenfasizza li d-differenza persistenti fil-livelli tal-pieni tagħti vantaġġ lill-kriminali peress li dawn jistgħu japprofittaw minn asimmetriji ġudizzjarji u jagħżlu l-ġurisdizzjonijiet inqas restrittivi, li de facto jikkostitwixxi inċentiv għall-awturi tar-reati biex iwettqu reati;

li jitqies bħala fatt aggravanti li l-ħsara ambjentali taffettwa żoni protetti tal-UE jew żoni ta' importanza kulturali. Ir-rapporteur huwa tal-fehma li pieni konsistenti madwar l-Istati Membri tal-UE se jiskoraġġixxu lill-kriminali li għadhom iqisu tali attivitajiet bħala ta' riskju baxx u gwadann għoli;

li titqies l-ispiża finanzjarja tal-kriminalità bħala indikatur importanti tal-iskala tagħha u l-applikazzjoni sistematika ta' sanzjonijiet għoljin bħala miżura preventiva, kif ukoll l-użu tar-rikavat minn sanzjonijiet għall-finanzjament ta' miżuri ta' konservazzjoni tan-natura, miżuri għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali u kumpens għall-vittmi. Ir-rapporteur iqis li huwa aktar xieraq li jintużaw termini bħal "finanzjament u restawr komplet", aktar milli "jirrestawraw", peress li t-trasgressuri tar-reati jafu jkollhom nuqqas ta' kompetenza u għarfien biex jirrestawraw iż-żona meqruda u li tali finanzjament se jagħti aktar riżorsi biex jintlaħqu l-oġettivi tad-Direttiva;

li jiġi stabbilit Prosekutur Ekoloġiku tal-UE billi tiġi estiża l-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (f'konformità mal-Artikolu 86(4) tat-TFUE) biex jiġu inklużi reati ambjentali b'rabtiet magħrufa mal-kriminalità organizzata, kif mitlub ukoll mill-Parlament Ewropew u ssuġġerit mill-KESE. Ir-rapporteur jemmen li l-eżempju tal-ħidma

b'suċċess tal-UPPE dwar il-kriminalità finanzjarja transfruntiera jenfasizza l-ħtieġa li dan il-korp jittratta reati ambjentali. Bis-saħħa tal-istruttura, il-kompetenzi, l-għodod u l-metodi ta' ħidma tagħha, hija l-istituzzjoni li tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tikkoordina u tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri, li min-naħa tagħhom se jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Prosekutur Ekoloġiku għall-investigazzjoni u l-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet transfruntiera, l-iskambju ta' informazzjoni u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki;

li jiġi enfasizzat li l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri tal-UE u l-koordinazzjoni madwar l-UE huma kruċjali biex jintlaħqu l-oġġettivi peress li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' u kumpless tal-kriminalità ambjentali jirrikjedi unitajiet speċjalizzati tal-pulizija b'assistenza reċiproka f'materji kriminali, skwadri ta' investigazzjoni konġunti, skambju ta' rekords kriminali u strumenti ta' rikonoxximent reċiproku (mandat ta' arrest, multi, ordnijiet ta' konfiska). Dawn l-unitajiet għandhom ikunu mħarrġa sew u mgħammra bir-riżorsi finanzjarji u tekniċi meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom;

li jiġi promoss l-iskambju ta' data disponibbli bejn l-Istati Membri u l-kooperazzjoni man-networks Ewropej bħall-Europol u l-Eurojust biex jiġi żgurat li l-istrateġiji nazzjonali tagħhom jieħdu kont tal-aħħar data u xejriet disponibbli fil-qasam tal-kriminalità ambjentali. Ir-rapporteur jargumenta li l-Europol għandha rwol importanti fl-indirizzar tal-perspettiva Ewropea tar-reati ambjentali iżda hija meħtieġa sejħa aktar b'saħħitha lill-Istati Membri biex jikkondividu l-informazzjoni mal-Europol;

li jiġu appoġġati u protetti ċ-ċittadini, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet li jirrapportaw reati ambjentali u għalhekk jistgħu jsiru vittmi ta' ritaljazzjoni. Ir-rapporteur jgħid li billi nużaw il-kliem "ċittadini u NGOs" nissottolinjaw ir-rwol ta' aġenti li dawn għandhom fir-rapportar tar-reat.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent (l-Artikolu 37), id-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2) u d-dritt għall-integrità personali (l-Artikolu 3). L-

Unjoni jeħtiġilha tiżgura t-tgawdija sħiħa ta' dawn id-drittijiet mill-persuni kollha, u dan jinvolvi responsabbiltajiet u dmirijiet fir-rigward tal-komunità umana u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Meta jitqies li l-impatt tal-kriminalità ambjentali mhux biss jaffettwa l-bijodiversità, il-klima u l-limiti planetarji, iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem u s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, jenħtieġ li l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali tkun prijorità fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata protezzjoni sħiħa ta' dawn id-drittijiet u tiġi prevenuta l-ħsara ambjentali.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Il-ġurisprudenza tal-QEDB tipprevedi biss protezzjoni indiretta tad-dritt għal ambjent tajjeb għas-saħħa billi tissanzjona biss ksur ambjentali li simultanjament jirriżulta fi ksur ta' drittijiet tal-bniedem oħra diġà rikonoxxuti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent u

(2) L-Unjoni għadha mħassba biż-żieda fir-reati kriminali ambjentali u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-reati qed jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fihom jitwettqu r-reati. Dawn ir-reati joħolqu theddida għall-ambjent u għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

għalhekk jeħtieġu rispons xieraq u effettiv.

It-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera li taħdem b'mod aktar sistematiku bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u dawk fil-livell tal-Unjoni jgħin biex jiġi implimentat aħjar id-dritt kriminali ambjentali Ewropew.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Iċ-ċittadini tal-UE esprimew tħassib f'għadd ta' petizzjonijiet imressqa lill-Parlament Ewropew u mibgħuta lill-Kummissjoni dwar it-tfixkil u d-deterjorament tal-ambjent, li fihom talbu d-dritt li wieħed jgħix f'ambjent tajjeb għas-saħħa u aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali;

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-istabbiliment ta' sanzjonijiet rigward ir-rimi illegali ta' materjali inertji u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-ħamrija, l-ekosistema u l-ambjent huwa essenzjali fil-ġlieda kontra t-tniġġis u min iniġġes. Jenħtieġ li dawn is-sanzjonijiet ikunu punibbli skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt e(ii) ta' din id-Direttiva.

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment ***u, f'ċerti każijiet, anke meta titwettaq*** b'negliġenza serja. ***L-imġiba illegali li tikkawża mewt jew korriment serju lil persuni, ħsara sostanzjali jew riskju konsiderevoli ta' ħsara sostanzjali għall-ambjent jew inkella titqies bħala partikolarment ta' ħsara għall-ambjent tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq b'negliġenza serja.*** L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Sabiex tikkostitwixxi reat ambjentali skont din id-Direttiva, l-imġiba jenħtieġ li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni li jipproteġi l-ambjent jew il-liġijiet, ir-regolamenti amministrattivi jew id-deċiżjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lil dak id-dritt tal-Unjoni. L-imġiba li tikkostitwixxi kull kategorija ta' reat kriminali jenħtieġ li tiġi ddefinita u, fejn xieraq, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu li jeħtieġ li jiġi ssodisfat sabiex l-imġiba tiġi kriminalizzata. Tali mġiba jenħtieġ li titqies bħala reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment ***jew*** b'negliġenza serja. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti f'dak il-qasam.

(8a) Sabiex ikopru l-forom kollha ta' reati ambjentali, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti f'sistemi differenti tad-dritt kriminali nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkriminalizzaw kategoriji awtonomi ta' reati ambjentali billi joħolqu reat ta' periklu lill-ambjent meta mġiba tesponi direttament jew

indirettament l-ambjent għal riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali jew meta, b'mod konxju, imġiba tikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent. Id-dritt kriminali għandu l-karatteristiċi tiegħu stess, u dan jagħmlu aktar dissważiv mid-dritt amministrattiv, speċjalment f'termini ta' sanzjonijiet applikabbli.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) L-awtoritajiet pubbliċi jew l-impriżi jenħtieġ li ma jgħux prevenuti milli jittressqu l-qorti meta jkunu konxjament użaw is-setgħat tagħhom biex jinċitaw, jipparteċipaw jew ikunu kompliċi f'azzjoni li tikser id-dritt ambjentali u li tista' tikkostitwixxi reat kriminali. L-uffiċjali tal-gvernijiet nazzjonali u tal-korpi pubbliċi jistgħu jwettqu reati ambjentali jew "direttament", billi jiksru d-dmirijiet ambjentali jew billi jonqsu milli jagħixxu f'konformità magħhom, jew billi jiffaċilitaw reati mwettqa minn entitajiet, bħal korporazzjonijiet multinazzjonali.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats – kif ukoll is-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali.

(9) L-ambjent jenħtieġ li jkun protett f'sens wiesa', kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, b'mod li jkopri r-riżorsi naturali kollha – l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora selvaġġi inklużi l-ħabitats, ***l-ekosistemi u l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet*** – kif ukoll ***il-funzjonijiet u*** s-servizzi pprovduti mir-riżorsi naturali.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) *Filwaqt li r-rikonoxximent tar-reat tal-ekoċidju bħalissa qed jiġi diskuss f'diversi parlamenti nazzjonali madwar id-dinja u fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Unjoni taħtaf din il-kwistjoni biex tibqa' mexxejja dinjija fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u biex tiżgura definizzjoni armonizzata u sanzjonijiet ex ante, u mhux ex post. L-Istati Membri għandhom għalhekk jadottaw reat ta' ekoċidju, li għandu jitqies bħala reat kriminali għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jiġi definit bħala atti illegali jew intenzjonati mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li tiġi kkawżata ħsara severa u jew mifruxa inkella fit-tul lill-ambjent. Dan ir-reat speċifiku jagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-aktar ħsara serja lill-ambjent u b'hekk jipprovdi għal gradwazzjoni ta' sanzjonijiet skont il-gravità tal-ħsara lill-ambjent.*

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) *Ir-reati ambjentali jistgħu jitwettqu minn firxa ta' atturi, minn individwi, gruppi żgħar, kumpaniji u korporazzjonijiet, individwi korrotti tal-gvern, networks kriminali organizzati, u spiss taħlita ta' dawn kollha. Korporazzjonijiet multinazzjonali kbar jistgħu jisfruttaw u jagħmlu ħsara lill-ambjent sabiex jiġġeneraw aktar profitt*

jew inaqqsu l-ispejjeż tagħhom, inkluż permezz tal-isfruttament tar-riżorsi naturali, tar-reati ta' tniġġis u tar-rimi ta' skart perikoluż.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) L-approċċ "Saħħa Waħda" jirrikonoxxi l-interkonnessjoni bejn in-nies, l-annimali, il-pjanti, u l-ambjent kondiviż tagħhom u huwa approċċ integrat u li jgħaqqad, li għandu l-għan li jibbilanċja b'mod sostenibbli u jottimizza s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi. Jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi u selvaġġi, tal-pjanti u tal-ambjent usa' (inklużi l-ekosistemi) huma interkonnessi mill-qrib u interdipendenti;

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom ***imwettqa intenzjonalment*** ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali ***li jikkawża mewt jew korriment serju ta' persuna, ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li x'aktarx jikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent jew li b'xi mod ieħor jitqies bħala partikolarment ta' ħsara*** jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

(13) Jenħtieġ li l-istigazzjoni ta' reati kriminali, l-għajnuna u l-assistenza fihom ***imsemmija f'din id-Direttiva*** ikunu punibbli wkoll. Tentattiv biex jitwettaq reat kriminali ***msemmi f'din id-Direttiva*** jenħtieġ li jikkostitwixxi wkoll reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta'

Emenda

(14) Is-sanzjonijiet għar-reati jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Is-sanzjonijiet aċċessorji spiss jitqiesu bħala aktar effettivi mis-sanzjonijiet finanzjarji speċjalment għall-persuni ġuridiċi. Għalhekk jenħtieġ li jkunu disponibbli sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali fi proċedimenti kriminali. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-obbligu li ***l-kost biex*** l-ambjent jiġi restawrat ***ikun kopert kompletament***, l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta, fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, gwida li tikklassifika s-sanzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-prosekuturi u l-imħallfin.*** Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-imħallfin jew tal-qrati fi proċedimenti kriminali li jimponu sanzjonijiet xierqa fil-kawżi individwali.

Emenda

(15) Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati kriminali ambjentali skont din id-Direttiva. ***Bħal persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi li huma awturi, instigaturi ta' reati jew kompliċi fihom jenħtieġ li jinżammu responsabbli u soġġetti għal***

sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li **tiġi kkunsidrata** biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta.

proċedimenti kriminali. L-Istati Membri, li d-dritt nazzjonali tagħhom ma jipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi, jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati **u, meta possibbli, identiċi** kif stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi, **il-konsegwenzi ambjentali diretti u indiretti fit-terminu qasir, medju u twil, kif ukoll, jekk applikabbli, in-natura irriversibbli tal-ħsara ambjentali,** jenħtieġ li **jiġu kkunsidrati** biex tiġi żgurata d-dissważività tas-sanzjoni imposta. **Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jittieħed kont tal-livell ta' sanzjonijiet kriminali applikabbli għal persuni ġuridiċi għal kategoriji oħra ta' reati.**

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz ta' reat ambjentali hija inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-

Emenda

(16) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' sanzjoni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Meta tkun ġiet ikkawżata l-mewt jew il-korriment serju ta' persuna u meta dawn l-elementi ma jkunux diġà jikkostitwixxu reat kriminali, dawn jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti. Bl-istess mod, meta reat kriminali ambjentali jikkawża ħsara sostanzjali u irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema sħiħa, **jew lill-konservazzjoni ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet ta' annimali jew pjanti selvaġġi,** dan jenħtieġ li jkun ċirkostanza aggravanti minħabba s-severità tiegħu, inkluż f'każijiet komparabbli mal-ekoċidju. Peress li l-profitti jew in-nefqa illegali li tista' tiġi ġġenerata jew li tista' tiġi evitata permezz

livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

ta' reat ambjentali hija inċentiv importanti għall-kriminali, dawn jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' sanzjonijiet fil-każ individwali.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat.

Emenda

(17) Meta r-reati jkunu ta' natura kontinwa, dawn jenħtieġ li jitwaqqfu mill-aktar fis possibbli. Meta t-trasgressuri jkunu għamlu qligħ finanzjarju, jenħtieġ li tali qligħ jiġi kkonfiskat ***u użat, pereżempju, għar-restawr tal-ħsara kkawżata lill-ambjent, għall-kumpens lill-vittmi ta' dawk ir-reati u għall-finanzjament ta' miżuri bl-għan li jiġġieldu reati simili.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) In-nuqqas ta' kapaċità nazzjonali ta' salvataġġ u ta' santwarji jista' jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi minn Stat Membru u jirriżulta f'miżuri inadegwati biex jiskoraġġixxu l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, bħal sanzjonijiet amministrattivi, mingħajr sekwestru. Huma meħtieġa sanzjonijiet dissważivi, kollaborazzjoni u skambji bejn santwarji u ċentri tas-salvataġġ governattivi u mhux governattivi biex jiġu żgurati soluzzjonijiet fit-tul u xierqa għall-ispeċi għall-organiżmi selvaġġi sekwestrati.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar.

Emenda

(19) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa ***u adattati għall-ispeċifiċitajiet tal-ħsara ambjentali, li l-okkorrenza tagħha ħafna drabi tkun mifruxa fuq perjodu ta' żmien***, sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali ambjentali, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbilixxux perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li miżuri speċjali ta' preskrizzjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-każ ta' ħabi ta' reat, b'mod partikolari fejn it-tragressur ikun impedixxa li r-reat jinkixef. F'dan il-każ, it-terminu għandu jibda jiddekorri biss mill-jum meta r-reat seta' jiġi stabbilit taħt kundizzjonijiet li jippermettu l-prosekuzzjoni.***

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Kif maħsub fid-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (2004/35/KE) u għall-konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-TFUE, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-ħolqien ta' fond iddedikat għall-finanzjament ta' rimedju jew restawr ambjentali, li jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn multi amministrattivi u kriminali mħallsa mit-trasgressur ta reati ambjentali. L-assi kriminali kkonfiskati jenħtieġ li jintużaw ukoll bħala sors ta' finanzjament. Dan il-fond jista' jiġi mobilizzat f'każ ta' emerġenza ambjentali,

li jippermetti li jkun hemm rispons b'mod partikolari għall-problemi tal-hekk imsejjaħ tniġġis "orfni", tniġġis li seħħ fil-passat u fejn il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ma jistax jiġi applikat peress li min iniġġes jew ma jkunx magħruf, jew m'għadux jeżisti, jew ma jistax jittqies bħala responsabbli.

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, ***in-nies*** jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw il-benesseri tas-soċjetà. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda

(24) Ir-reati kriminali ambjentali jagħmlu ħsara lin-natura u lis-soċjetà. Meta jirrapportaw ksur tad-dritt ambjentali tal-Unjoni, ***il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, bħall-individwi, l-assoċjazzjonijiet, jew l-NGOs*** jagħtu servizz ta' interess pubbliku u għandhom rwol ewlieni ***fl-identifikazzjoni***, fl-esponiment u fil-prevenzjoni ta' tali ksur, u b'hekk jissalvagwardjaw ***l-ambjent u l-benesseri tas-soċjetà***. Individwi f'kuntatt ma' organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom relatati max-xogħol spiss ikunu l-ewwel li jkunu jafu dwar it-theddid jew il-ħsara għall-interess pubbliku u għall-ambjent. Il-persuni li jirrapportaw l-irregolaritajiet huma magħrufa bħala informaturi. L-informaturi potenzjali spiss ikunu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibzġhu minn xi ritaljazzjoni. Tali persuni jenħtieġ li jibbenefikaw minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva tal-informaturi stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305/17).

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Permezz tal-monitoraġġ, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-kwistjonijiet u l-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom rwol fundamentali fil-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità ambjentali u l-prevenzjoni aħjar tal-imġiba kriminali.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) Persuni oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà inġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

(25) Persuni **fiżiċi jew ġuridiċi** oħra jista' jkollhom ukoll informazzjoni siewja dwar reati kriminali ambjentali potenzjali. Dawn jistgħu jkunu membri tal-komunità affettwati jew membri tas-soċjetà inġenerali li jieħdu sehem attiv fil-protezzjoni tal-ambjent. Tali persuni li jirrapportaw reati ambjentali kif ukoll persuni li jikkooperaw mal-infurzar ta' tali reati jenħtieġ li jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, sabiex ma jkunux żvantaġġati għall-kooperazzjoni tagħhom iżda appoġġati u assistiti. ***Ir-rapportar ta' reati kriminali ambjentali potenzjali b'effett transfruntier jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz tal-użu ta' pjattaforma online.*** Jenħtieġ li dawn il-persuni jkunu protetti wkoll milli jiġu ppersegwitati jew ipproċessati bla bżonn għar-rapportar ta' tali reati jew għall-kooperazzjoni tagħhom fil-proċedimenti kriminali.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Id-difensuri ambjentali li jipproteġu direttament l-ekosistemi huma wkoll ta' spiss fuq quddiem nett tal-konsegwenzi tal-kriminalità ambjentali madwar id-dinja, inkluż fl-Unjoni. Dawn jistgħu jiġu mhedda, intimidati, ippersegwitati, iffastidjati jew saħansitra maqtula direttament mit-trasgressuri, u bħala tali jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn protezzjoni bbilanċjata u effettiva. Id-difensuri ambjentali jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal kawżi abbużivi u jenħtieġ li jkunu protetti minn tali prattiki abbużivi, magħrufa wkoll bħala "kawżi strateġiċi kontra l-parteciġazzjoni pubblika".

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25b) L-Ombudsman Ewropew huwa pilastru ewlieni biex jissaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet ambjentali bl-inkjesti importanti ħafna tiegħu relatati mal-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ambjentali u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali. Huwa ta' importanza kbira li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni jikkooperaw bis-sħiħ mal-Ombudsman u jikkonformaw b'mod konsistenti u f'waqtu mas-soluzzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti kollha tal-Ombudsman biex jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' amministrazzjoni tajba, bil-ħsieb li tissaħħaħ ukoll il-ġlieda kontra kwalunkwe reat ambjentali

possibbli.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, kif definiti f'din id-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala **għid pubbliku**, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti.

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 26a (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) ***Meta jitqies il-valur intrinsiku tan-natura u*** peress li n-natura ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha bħala vittma fi proċedimenti kriminali, għall-finijiet ta' infurzar effettiv, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, kif definiti f'din id-Direttiva filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus²⁶, ***u li għalhekk jinkludu organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali, li r-rwol tagħhom b'mod partikolari huwa importanti fin-nuqqas ta' vittmi li jistgħu jiġu identifikati,*** jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jaġixxu f'isem l-ambjent bħala ***elementi tal-għid komuni naturali***, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali tal-Istati Membri u soġġett għar-regoli proċedurali rilevanti. ***Sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja jenħtieġ li jkun limitati.***

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jikkunsidraw ukoll li jallokaw unitajiet ta' investigazzjoni, prosekuturi u mħallfin kriminali speċjalizzati biex jitrattaw kawżi kriminali ambjentali. Il-qrati kriminali ġenerali jistgħu jipprevedu kmamar speċjalizzati tal-imħallfin.*** Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku jkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Il-funzjonament effettiv tal-katina tal-infurzar jiddependi fuq firxa ta' ħiliet speċjalizzati. Peress li l-kumplessità tal-isfidi maħluqa mir-reati ambjentali u n-natura teknika ta' tali reati jeħtieġu approċċ multidixxiplinari, huwa meħtieġ livell għoli ta' għarfien legali, għarfien espert tekniku kif ukoll livell għoli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni fl-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu taħriġ xieraq għall-funzjoni ta' dawk li jidentifikaw, jinvestigaw, jibdew proċedimenti kriminali kontra reati ambjentali jew jiddeċiedu dwarhom. Sabiex jiġu massimizzati l-professjonaliżmu u l-effettività tal-katina tal-infurzar, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jistabilixxu wkoll, f'każ li ma jkunux għadhom ġew imwaqqfa, qrati ambjentali speċjalizzati jew unitajiet ambjentali fi ħdan il-qrati eżistenti.*** Jenħtieġ li l-għarfien espert tekniku jkun disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti kollha tal-infurzar.

(30a) L-Europol u l-Eurojust jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala punti fokali biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex ifasslu strateġiji nazzjonali.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom japplikaw għall-assistenza tan-networks Ewropej biex jiżguraw li l-istrateġiji nazzjonali tagħhom iqisu l-aħħar data u tendenzi disponibbli fil-qasam tal-kriminalità ambjentali.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30b) Bil-għan ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri rigward il-kriminalità ambjentali, l-Unjoni jenħtieġ li toħloq ir-rwol ta' Prosekutur Ekoloġiku tal-UE billi testendi l-mandat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għar-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva. L-UPPE, li għandu s-setgħat u l-awtorità tiegħu stess biex jikkoordina investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntieri, bħalissa huwa l-korp Ewropew fl-aħjar pożizzjoni li jitratta l-aktar reati ambjentali serji b'dimensjoni transfruntiera. Estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri reati ambjentali serji b'dimensjoni transfruntiera, permezz tal-Kunsill Ewropew f'konformità mal-Artikolu 86(4) TFUE, hija għalhekk neċessarja. L-UPPE għaldaqstant ikun jista' jitratta r-reati b'dimensjoni transfruntiera li għalihom it-tisħiħ tar-rispons kriminali x'aktarx li ma jinkisibx permezz tal-mezzi tradizzjonali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Sabiex jissodisfa dan il-kompitu ġdid u usa', ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939^{1a} jeħtieġ li jiġi emendat u kkomplementat kif xieraq biex jirrifletti l-estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri reati ambjentali serji. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproduċi rapport dwar l-istabbiliment ta' Prosekutur Ekoloġiku tal-UE billi testendi l-mandat tal-UPPE, biex ikopri r-reati ambjentali.

1^a Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), (ĠU L 83, 31.10.2017, p. 1).

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 30c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30c) Il-Kummissjoni, il-Europol u l-Eurojust jenħtieġ li jappoġġaw u jiżviluppaw struttura aktar istituzzjonalizzata għan-networks eżistenti ta' prattikanti bħan-Network Ewropew tal-Prosekuturi Ambjentali (EEPN) u l-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE), bil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, u jaħdmu biex isaħħu l-ħidma tan-network informali kontra l-kriminalità ambjentali ("EnviCrimeNet").

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31) Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw, jippubblikaw u jirrieżaminaw perjodikament strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jistabbilixxu objettivi, prijoritajiet u miżuri u riżorsi korrispondenti meħtieġa.

(31) Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw, jippubblikaw u jirrieżaminaw perjodikament strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reati ambjentali, jistabbilixxu objettivi, prijoritajiet u miżuri u riżorsi korrispondenti meħtieġa. **Tali strateġija nazzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet, l-ispeċifitàjiet u l-isfidi tal-Istati Membri.**

Emenda 33

Proposta għal direttiva Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Minħabba l-impatt globali u n-natura transfruntiera tagħha, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali prijorità politika strateġika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari billi jippromwvu l-konformità ma' ftehimiet ambjentali multilaterali permezz tal-adozzjoni ta' sanzjonijiet kriminali u l-iskambju tal-aħjar prattiki u data dwar il-kriminalità ambjentali. Dan l-approċċ internazzjonali għall-kriminalità ambjentali jenħtieġ li jinkludi wkoll l-estensjoni tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għar-reat tal-ekoċidju, u l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol u responsabbiltà fundamentali f'dan ir-rigward.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-risultati tagħhom. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tnejn tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta' infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-

(32) Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-reati kriminali msemija f'din id-Direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jiġbru **u jaġġornaw** data preċiża, konsistenti u komparabbli dwar l-iskala u x-xejriet tar-reati ambjentali u l-isforzi biex jiġu miġġielda u r-risultati tagħhom, u li din id-data jżommuha aġġornata. Din id-data jenħtieġ li tintuża għat-tnejn tal-istatistika għall-użu fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku tal-attivitajiet ta'

Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

infurzar kif ukoll biex tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni ***u jagħmlu disponibbli online għall-pubbliku*** data statistika rilevanti dwar ir-reati ambjentali. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa serje ta' għodod u proċessi biex tiffaċilita r-rapportar mill-Istati Membri, inklużi formati standard għat-tipi differenti ta' data rrappurtata biex tiżgura r-rilevanza u l-oġġettività tagħhom, u tippermetti analiżi komparattiva bejn l-Istati Membri u taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tidentifika kwalunkwe nuqqas fil-ġbir ta' data u toffri appoġġ biex tindirizzahom.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tippubblika regolarment ir-riżultati abbażi tad-data trażmessa mill-Istati Membri.

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali sabiex l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali sabiex ***jiġu miġġielda reati ambjentali u*** l-ambjent jiġi protett b'mod aktar effettiv.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni ***tkun inkisbet*** b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew koerċizzjoni;

Emenda

L-imġiba għandha titqies illegali anke meta titwettaq taħt awtorizzazzjoni ***jew strument ta' ppjanar approvat*** minn awtorità kompetenti fi Stat Membru meta tali awtorizzazzjoni ***jew strument ta' ppjanar approvat ikunu nkisbu*** b'mod frodulenti, jew permezz ta' korruzzjoni, estorsjoni jew

koerċizzjoni;

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) "ekoċidju" tfisser atti illegali jew intenzjonati mwettqa bl-għarfien li hemm probabbiltà sostanzjali li dawk l-atti jikkawżaw ħsara severa u jew mifruxa inkella dejjiema lill-ambjent;

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) "qtugħ illegali tas-siġar għall-injam" tfisser kwalunkwe qtugħ tas-siġar li jikser ir-regoli u l-leġiżlazzjoni fis-seħħ u mhuwiex limitat għal każijiet li jinvolvu prodotti jew komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew tar-Regolament (UE) 202x/xxxx dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010, inkluża l-imġiba ta' awtorità forestali lokali, reġjonali jew nazzjonali li tikser il-liġi tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura jew liġi li timplimenta inizjattiva strateġika tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura;

+ ĠU daħħal in-numru u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-att proċedurali 2021/0366 (COD).

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli, ***ħliet għal Stati jew korpi pubbliċi li jeżerċitaw l-awtorità tal-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi;***

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika li jkollha tali status skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

Emenda

(5a) "il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas" tfisser li min iniġġes għandu jġarrab il-kostijiet tat-tniġġis jew tal-ħsara ambjentali tiegħu, inkluż il-kost tal-miżuri meħuda għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għar-rimedju tat-tniġġis, kif ukoll il-kostijiet li min iniġġes jimponi fuq is-soċjetà;

Emenda

(5b) "Approċċ Saħħa Waħda" tfisser approċċ integrat, li jgħaqqad li għandu l-għan li jibbilanċja b'mod sostenibbli u jottimizza s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi; jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi u selvaġġi, tal-pjanti, u tal-ambjent usa' inklużi l-ekosistemi huma interkonnessi mill-qrib u interdipendenti.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu –1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mgħiba li titwettaq intenzjonalment jew tal-anqas b'negliġenza serja, li tesponi b'mod dirett jew indirett lill-ambjent għal riskju immedjat ta' ħsara sostanzjali u mgħiba li b'mod konxju tikkawża ħsara sostanzjali lill-ambjent, jikkostitwixxu reat kriminali.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imgħiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imgħiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta din tkun illegali u mwettqa intenzjonalment **jew b'negliġenza serja:**

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

(a) l-iskariku, l-emissjoni jew l-introduzzjoni ta' kwantità ta' materjali jew sustanzi jew radjazzjoni jonizzanti fl-arja, fil-ħamrija jew fl-ilma li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew **lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi**, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

Emenda

(b) it-tqegħid fis-suq ta' prodott li, bi ksur ta' projbizzjoni jew ta' rekwiżit ieħor, jikkawża jew x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti b'riżultat tal-użu tal-prodott fuq skala akbar;

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda

(c) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq, ***l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni***, jew l-użu ta' sustanzi, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, inkluża l-inkorporazzjoni tagħhom f'oġġetti, meta:

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(via) din l-attività ma tkunx f'konformità mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}

^{1a} Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) kwalunkwe mġiba li tikser ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} *Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).*

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) kwalunkwe emissjoni fl-ambjent ta' kwalunkwe sustanza jew sustanza niġġiesa li ma tkunx f'konformità mad-Direttiva 2008/50/KE 1a tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} jew mad-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};

^{1a} Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

^{1b} Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

Emenda 51

Proposta għal direttiva Article 3 – paragraph 1 –point c c (new)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) ir-rilaxx deliberat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati, kif ukoll il-kultivazzjoni u t-tqegħid fis-suq tagħhom meta dawn l-attivitajiet ma jkunux f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}, u d-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1c} u meta dawn l-attivitajiet jikkawżaw jew x'aktarx li jikkawżaw ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

^{1a} Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew U Tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

^{1b} Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

^{1c} Id-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 125, 21.5.2009, p. 75);

Emenda 52

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-awtorizzazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-pjan jew tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE mingħajr valutazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit fid-dawl tal-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit, imsemmija fl-istess Artikolu;

Emenda 53

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-awtorizzazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-pjanijiet jew tal-proġetti awtorizzati mingħajr ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1-73).

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-ġbir, it-trasport, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

Emenda

(e) il-ġbir, it-trasport, ***it-trattament***, l-irkupru u r-rimi ta' skart, is-superviżjoni ta' tali operazzjonijiet u l-manutenzjoni tas-siti tar-rimi, inkluża l-azzjoni li tittieħed minn negozjanti jew sensara (l-immaniġġjar tal-iskart), meta mġiba illegali:

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ ***u titwettaq fi kwantità mhux negliġibbli;***

Emenda

(i) tikkonċerna l-iskart perikoluż kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹;

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

³⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30).

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(ii) tikkonċerna skart ieħor minn dak imsemmi fil-punt (i) u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali

jew lill-pjanti;

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu msemija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; ***din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal każijiet individwali, meta l-iskariku mill-bastimenti ma jikkawżax deterjorament fil-kwalità tal-ilma, sakemm każijiet ripetuti mill-istess trasgressur flimkien ma jirriżultawx f'deterjorament fil-kwalità tal-ilma;***

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-

Emenda

(h) l-iskariki mill-bastimenti ta' sustanzi li jniġġsu msemija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis, fi kwalunkwe waħda miż-żoni msemija fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, dment li l-iskariki mill-bastimenti ma jissodisfawx l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;

⁴² Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11–21).

Emenda

(i) l-installazzjoni, it-tħaddim jew iż-żarmar ta' installazzjoni li fiha ssir attività perikoluża jew li fiha jinħażnu jew jintużaw sustanzi, formulazzjonijiet jew sustanzi niġġiesa perikolużi li jaqgħu fil-

kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-iġġenerazzjoni, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni

kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jew id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵ u li tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴³ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1–37).

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17–119).

⁴⁵ Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66–106).

Emenda

(j) il-manifattura, il-produzzjoni, l-iġġenerazzjoni, l-immaniġġjar, l-użu, iż-żamma, il-ħżin, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-rimi ta' materjal radjuattiv li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni

tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-

tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom⁴⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom⁴⁷ jew id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom⁴⁸, li jikkawża jew li x'aktarx jikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew ***lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi***, lill-annimali jew lill-pjanti;

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1–73).

⁴⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (ĠU L 219, 25.7.2014, p. 42–52).

⁴⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12–21).

Emenda

(k) l-astrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew tal-ilma ta' taħt l-art li tikkawża jew li x'aktarx tikkawża ħsara sostanzjali lill-istatus ekoloġiku jew lill-potenzjal tal-

korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art;

korpi tal-ilma tal-wiċċ jew lill-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art; ***L-astrazzjoni ma għandhiex, pereżempju, twassal għal deterjorament tal-Istat tal-Korpi tal-Ilma kif definit fil-Pjanijiet l-aktar reċenti ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara, f'konformità mad-dikjarazzjonijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, u ma għandhiex tikkomprometti l-kisba ta' stat/potenzjal tajjeb sal-2027 fi kwalunkwe wieħed mill-korpi tal-ilma fl-istess distrett tal-baċin tax-xmara;***

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) it-twettiq ta' ksur serju skont it-tifsira tal-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi IV u V (meta l-ispeċijiet ***fl-Anness V*** ikunu soġġetti għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹ ***u*** tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ***ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli ta' tali eżemplari;***

(l) il-qtil, il-qerda, it-teħid, il-pussess, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ ta' eżemplar jew eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi elenkati fl-Annessi ***A, B u C tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 338/97, l-ispeċijiet elenkati fl-Annessi IV u V (meta popolazzjoni tal-ispeċijiet fl-Anness V tkun soġġetta*** għall-istess miżuri bħal dawk adottati għall-ispeċijiet ***jew il-popolazzjoni tal-ispeċijiet*** fl-Anness IV) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁹, tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, ***u dawk l-ispeċijiet ta' flora u fawna selvaġġi li***

mhumiex protetti u li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa għall-konservazzjoni ta' speċijiet protetti li jagħmlu parti mill-istess ekosistema;

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹, ***ħliet għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità neglijabbli ta' tali eżemplari;***

⁵¹Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li

⁴⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50).

⁵⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Emenda

(m) il-kummerċ ta' eżemplari ta' speċijiet ta' fawna jew flora selvaġġi jew ta' partijiet jew ta' derivattivi tagħhom elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97⁵¹;

⁵¹Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

Emenda

(n) ***il-ħsad u t-trasportazzjoni injam maħsud b'mod illegali, kif ukoll l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' injam maħsud b'mod illegali jew***

jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵², ***ħlief għal każijiet fejn l-imġiba tikkonċerna kwantità negliġibbli***, [jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.]

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt nb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

ta' prodotti tal-injam li jkunu saru minn injam maħsud b'mod illegali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵²; [jekk Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jiġi adottat qabel din id-Direttiva, il-punt (n) għandu jiġi sostitwit b'reat kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.]

⁵² Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34).

Emenda

(na) il-ħsara ambjentali lill-foresti, bħat-tqabbid intenzjonat ta' nirien fil-foresti jew il-qtuġh illegali tas-siġar għall-injam;

Emenda

(nb) it-twettiq ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tal-operazzjonijiet ifffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità,

skont ir-Regolament (KE) Nru 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 35, 6.12.2021, p. 187).

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, *meta din id-degradazzjoni tkun sinifikanti*;

Emenda

(o) kwalunkwe mġiba li tikkawża d-degradazzjoni ta' habitat f'sit protett, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, *jew id-disturb sinifikanti ta' speċi*;

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda

(ii) l-imġiba tikser kundizzjoni ta' permess maħruġ skont l-Artikolu 8 jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 u tikkawża jew x'aktarx tikkawża l-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew *lill-bijodiversità, lis-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi*, lill-annimali jew lill-pjanti;

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ra) kwalunkwe mġiba negliġenti, imprudenti jew deliberata li tikkawża nirien fil-foresti, li taffettwa żona ta' aktar minn ettaru wieħed;

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt rb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(rb) trattament ħażin, bi kwalunkwe mezz jew proċedura, li jirriżulta f'korriment ta' annimali domestiċi, annimali mmansati, jew annimali selvaġġi;

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j), (k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) tikkostitwixxi wkoll reat kriminali, meta titwettaq b'mill-inqas negliġenza serja.

imħassar

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tipprevedi reat ta' ekoċidju, li

għandu jitqies bħala reat kriminali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet affettwati u l-habitat affettwat;

Emenda 74

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) l-ispiża stmata għar-restawr u l-valur ekoloġiku u soċjali taż-żoni affettwati mill-ħsara ambjentali u l-istima tal-għadd ta' persuni li huma vittmi tal-ħsara ambjentali;

Emenda 75

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) il-gwadanni finanzjarji miksuba mill-persuni li jwettqu r-reat;

Emenda 76

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ed (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) id-dimensjoni transfruntiera tar-reat, inkluż il-karattru transfruntier tal-ħsara ambjentali u l-karatteristiċi transfruntiera ta' kwalunkwe organizzazzjoni kriminali.

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tispeċifika li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk l-attività aktarx tikkawża ħsara lill-kwalità tal-arja, lill-kwalità tal-ħamrija jew lill-kwalità tal-ilma, ***lill-ekosistemi, bħall-ekosistemi tal-foresti, lill-habitats*** jew lill-annimali jew lill-pjanti għall-finijiet tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), (i), (j), (k) u (p):

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-konsegwenzi fuq is-saħħa tal-bniedem;

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) jekk l-att jikkostitwixxix ksur jew negliġenza tad-diliġenza dovuta.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-

(b) il-punt sa fejn jinqabeż il-limitu, il-

valur jew parametru obbligatorju
regolatorju ieħor;

valur jew parametru obbligatorju
regolatorju ieħor ***jew il-limitu tal-ħsara
jew tat-tossiċità***;

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(da) il-gwadanni finanzjarji miksuba
mill-persuni li jwettqu r-reat;***

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Emenda 83

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istigazzjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) ***u l-Artikolu 3(2a)*** u l-għajnuna u l-assistenza fihom ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), ***il-punti (a), (b), (c), (d), (e), (f), (h), (i), (j),***

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1) ***u l-Artikolu 3(2a)*** ikun punibbli bħala reat

(k), (m), (n), (p)(ii), (q), (r) ikun punibbli bħala reat kriminali meta jsir intenzjonalment.

kriminali meta jsir intenzjonalment *jew b'negliġenza serja*.

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jinbdew proċedimenti kontra s-CEO ta' impriża b'mod indipendenti bħala persuna fiżika jekk ikun wettaq jew tkun wettqet ir-reati msemmija fl-Artikoli 3, 3a u 4, irrispettivament minn jekk ikunx hemm għaddejjin ukoll proċedimenti kontra l-impriża bħala persuna ġuridika.*

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu **3(1) u l-Artikolu 3(2a)** jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 10 snin jekk jikkawżaw jew x'aktarx jikkawżaw il-mewt jew il-korriment serju lil kwalunkwe persuna.

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 4*

ikunu soġġetti għal multa proporzjonata.

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) obbligu li jirrestawraw ***l-ambjent*** f'perjodu ta' żmien speċifiku;

Emenda

(a) l-obbligu li jirrestawraw ***jew li jkopru l-ispiża totali tar-restawr tal-ambjent skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"*** f'perjodu ta' żmien speċifiku ***jew, fejn ir-reintegrazzjoni jew ir-restawr tal-ambjent ma jkunx possibbli minħabba n-natura tar-reat, biex jiġi kkompensat id-dannu kkawżat;***

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) multi;

Emenda

(b) multi ***proporzjonati għall-gravità u t-tul ta' żmien tal-ħsara kkawżata lill-ambjent kif ukoll għall-benefiċċji finanzjarji akkumulati bit-twettiq tar-reat;***

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom.

Emenda

3. Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jkunu t-trasgressuri, l-istigaturi tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jew kompliċi fihom ***jew li jaġixxu fisem il-persuna ġuridika f'dawk ir-reati.***

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6(1) tkun punibbli b'sanzjonijiet jew miżuri li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Meta jkun possibbli, dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha. Il-livell ta' sanzjonijiet għandu jkun gradwat, b'tali mod li jirrifletti l-grad ta' severità u t-tul tal-konsegwenzi ambjentali.***

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' prekawzjoni, sakemm tingħata s-sentenza, jippermettu l-waqfien immedjat tal-attività kriminali jew l-obbligu li jiġi restawrat l-ambjent meta jkun hemm riskju ta' ħsara sostanzjali jew irriversibbli għall-ambjent.

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) obbligu li jirrestawraw l-ambjent f'perjodu ta' żmien speċifiku;

(b) obbligu li jirrestawraw ***jew iħallsu l-ispiża totali tar-restawr*** tal-ambjent ***f'konformità mal-prinċipju "min iniġġes iħallas"***, f'perjodu ta' żmien speċifiku;

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) l-irtirar tad-dritt tas-sjieda tat-trasgressur għall-proprjetà akkwistata illegalment jew minn introjtu illegali, li hija relatata mar-reat imwettaq;

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew ta' kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata.

(k) pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mal-kundanna jew kwalunkwe sanzjoni jew miżura applikata **u pubblikazzjoni mal-UE kollha tad-deċiżjoni ġudizzjarja b'rilevanza transfruntiera.**

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), **il-punti (a) sa (j), (n), (q), (r)** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **5 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn **10 %** tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [/impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Emenda 97

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (k), (l), (m), (o), (p) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn 3 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.*

Emenda

imħassar

Emenda 98

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikolu 3(2a), ikunu punibbli b'multi, li jitħallsu mill-persuna ġuridika li tkun qed twettaq ir-reati ambjentali, li l-limitu massimu tagħhom għandu jkun 10 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika [impriża] fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.*

Emenda

Emenda 99

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

6a. *L-Istati Membri għandhom jipprevedu l-ħolqien ta' fond nazzjonali ddedikat għall-finanzjament tad-dekontaminazzjoni, ir-rimedju jew ir-restawr ambjentali, li għandu jiġi ffinanzjat mill-multi amministrattivi u kriminali mħallsa minn dawk li jwettqu*

Emenda

*reati ambjentali kif stabbilit fl-
Artikolu 5(5)(a) u l-Artikolu 7(2).*

Emenda 100

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema;

Emenda

(b) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema ***jew lill-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi jew speċijiet ta' pjanti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***

Emenda 101

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema jew lill-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi jew speċijiet ta' pjanti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda

(ba) ir-reat ikun twettaq f'xi sit protett, f'żoni qofol tal-parks nazzjonali, f'siti Natura 2000, jew f'siti ta' wirt dinji tal-UNESCO;

Emenda 102

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(fa) ir-reat ikkawża l-qerda jew ħsara sostanzjali irriversibbli jew fit-tul lil ekosistema jew lill-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi jew speċijiet ta' pjanti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Emenda

(fa) ir-reat ikun ta' natura ripetittiva;

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) ir-reat jitwettaq bħala riżultat ta' mgħiba deliberata, negliġenti jew imprudenti li tikkawża jew x'aktarx tista' tikkawża ħsara lill-wirt kulturali ta' territorju;

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-trasgressur ikun irrestawra n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha;

(a) it-trasgressur ikun irrestawra n-natura għall-kundizzjoni preċedenti tagħha, **inkluż billi jikkontribwixxi finanzjarjament għar-restawr tagħha;**

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-assi ffriżati u konfiskati jiġu mmaniġġjati kif xieraq, f'konformità man-natura tagħhom, u, meta jkun possibbli, jintużaw biex jiġu ffinanzjati r-reparazzjonijiet. Meta jkun xieraq, l-Istati Membri għandhom iqisu pereżempju:

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1a – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-użu tal-assi finanzjarji konfiskati biex isewwu l-ħsara kkawżata, jikkompensaw lill-vittmi u/jew jiffinanzjaw il-miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra reati simili;

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1a – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-użu tal-assi finanzjarji konfiskati biex ikopru l-ispejjeż assoċjati mal-ġestjoni, l-akkomodazzjoni u l-kura xierqa ta' annimali ħajjin konfiskati;

Emenda 108

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1a – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-offerta ta' prodotti ta' fawna selvaġġa konfiskati lil entitajiet pubbliċi xierqa għal finijiet ġenwini ta' edukazzjoni u konservazzjoni.

Emenda 109

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess

u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda 110

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

u l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, **jew wara li jiġu skoperti r-reati**, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jkunu jistgħu jiġu applikati miżuri speċjali ta' preskrizzjoni fil-każ ta' haġi ta' reat, jiġifieri fejn it-trasgressur ikun impedixxa li r-reat jiġi skopert. F'dan il-każ, it-terminu għandu jibda jiddekorri biss mill-jum meta r-reat seta' jiġi stabbilit taħt kundizzjonijiet li jippermettu l-prosekuzzjoni.

Emenda 111

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-:

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u d-deċiżjoni ġudizzjarja tar-:

Emenda 112

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;

Emenda 113

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1– punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;*

imħassar

Emenda 114

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1– punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent fit-territorju tiegħu.

(c) ir-reat ikun ħoloq riskju serju għall-ambjent ***jew għall-bijodiversità*** fit-territorju tiegħu.

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust.

Meta reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ikun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI⁵⁹, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Eurojust. ***Għandu jiġi riferut ukoll, fejn xieraq, lill-Europol.***

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

⁵⁹ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42).

Emenda 116

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex tistabbilixxi Prosekutur Ekoloġiku tal-UE billi testendi l-mandat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), biex tkopri reati ambjentali u biex tassisti lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra reati ambjentali b'elementi transfruntiera.

Emenda 117

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni ***mogħtija skont id-Direttiva (UE) 2019/1937***, tkun applikabbli għall-persuni li jirrapportaw ir-reati kriminali msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-protezzjoni tkun applikabbli għall-persuni ***fiżiċi, kif mogħtija skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/1937, u għall-persuni ġuridiċi, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, li jirrapportaw ir-reati kriminali msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda 118

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni li jirrapportaw ir-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuni ***fiżiċi u ġuridiċi*** li jirrapportaw ir-reati msemija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati, jingħataw l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest

kriminali.

ta' proċedimenti kriminali.

Emenda 119

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva jkunu protetti mill-kawża strateġika kontra l-parteċipazzjoni pubblika fil-kuntest tad-Direttiva (UE) 202x/xxxx⁽⁺⁾ dwar "Kawża strateġika kontra l-parteċipazzjoni pubblika" (SLAPP).*

(+) + ĠU daħħal in-numru u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-att proċedurali 2022/0117 (COD).

Emenda 120

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat li jipparteċipa fi proċedimenti

Drittijiet għall-pubbliku kkonċernat **li jaċċessa l-informazzjoni u** li jipparteċipa fi proċedimenti

Emenda 121

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha li tippermetti lill-pubbliku jkun jaf dwar l-istat tal-proċedimenti li jkunu taħt prosekuzzjoni skont din id-Direttiva, inklużi s-sentenzi finali u s-sanzjonijiet*

imposti titqies li hija fl-interess pubbliku u tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku.

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili.

Emenda

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernati, **inklużi organizzazzjoni nongovernattivi, ikunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni u** jkollhom drittijiet xierqa biex jipparteċipaw fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, pereżempju bħala parti ċivili.*

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri biex inaqqsu l-ostakli għad-dritt għal rimedju effettiv, biex b'hekk jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja għall-membri tal-pubbliku kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri jkunu ġusti, ekwi, f'waqthom u affordabbli. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu networks ta' avukati għall-ambjent li jistgħu jassistu lill-membri tal-pubbliku, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex jipparteċipaw f'tali proċedimenti u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali inġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Emenda 125

Proposta għal direttiva Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, bħal kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni ***mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, programmi kontra l-korruzzjoni***, u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex inaqqsu r-reati kriminali ambjentali inġenerali, iqajmu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jnaqqsu r-riskju li l-popolazzjoni ssir vittma ta' reat kriminali ambjentali. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***.

Emenda

Artikolu 16a

Qrati ambjentali speċjalizzati jew unitajiet ambjentali fi ħdan il-qrati eżistenti

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex isaħħu u, fejn meħtieġ, jistabbilixxu fit-territorju tagħhom jew qrati ambjentali speċjalizzati jew unitajiet ambjentali fi ħdan qrati eżistenti biex jibdew proċedimenti kontra, jinvestigaw u jiġġudikaw ir-reati definiti fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Direttiva.

Emenda 126

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ***jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin***, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali ***biex jipprovdu taħriġ speċjalizzat f'intervalli regolari*** rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ***jipprovdu riżorsi suffiċjenti u taħriġ speċjalizzat sabiex jiżguraw li*** l-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involuti fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali ***ikollhom l-għarfien espert xieraq, inklużi l-kwalifikazzjonijiet, fil-kriminalità ambjentali u fi kwistjonijiet ambjentali u jorganizzaw bl-għajnuna tal-Kummissjoni skambju tal-aħjar Prattiki fil-livell tal-Unjoni*** rigward l-oġettivi ta' din id-Direttiva u adattat għall-funzjonijiet tal-persunal u tal-awtoritajiet involuti.

Emenda 127

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta' kriminalità organizzata, ***iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità finanzjarja*** jew każijiet oħra ta' reati kriminali serji, ikunu disponibbli wkoll għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, ***inkluża l-preżenza attiva tas-servizzi ta' prosekuzzjoni***.

Emenda 128

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għodod investigattivi użati mill-UPPE għandhom jintużaw ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Fost għodod investigattivi oħra, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data tal-intelligence ġeospazjali pprovduta miċ-Ċentru Satellitari tal-UE.

Emenda 129

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali ambjentali u fil-ġlieda kontribom. Tali mekkaniżmi għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali ambjentali u fil-ġlieda kontribom. ***Tali miżuri għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, l-obbligu li jiġu stabbiliti unitajiet speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi b'punti ta' kuntatt dedikati.*** Tali mekkaniżmi għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:

Emenda 130

Proposta għal direttiva Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 19a

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni (l-OLAF) u korpi oħrajn tal-Unjoni

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-

kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-Istati Membri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw flimkien fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tagħti assistenza teknika u operattiva billi l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jista' jkollhom bżonn jħaffu l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom.

L-L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu jkun responsabbli, bis-setgħat u l-awtorità tiegħu, għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-atturi u l-kompliċi ta' reati kriminali. F'dak ir-rigward, l-UPPE għandu jwettaq investigazzjonijiet, u jwettaq atti ta' prosekuzzjoni u jeżerċita l-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti tal-Istati Membri.

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-linji gwida għall-użu tar-rikavat minn sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għal azzjonijiet ta' restawr ambjentali.

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi riveduta u

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija tiġi riveduta u

aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn *ħames* snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

Emenda 133

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom *tiġi ppubblikata* b'mod regolari.

Emenda 134

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 135

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

aġġornata f'intervalli regolari mhux itwal minn *tliet* snin, fuq approċċ abbażi ta' analiżi tar-riskju, sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tar-reati ambjentali.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-data statistika kif ukoll* analiżi kkonsolidata tal-istatistika tagħhom *jiġu ppubblikati* b'mod regolari.

Emenda

(aa) klassifikazzjoni komuni tar-reati ambjentali;

Emenda

3a. Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta klassifikazzjoni omoġenja u armonizzata tar-reati ambjentali mħejjija mal-Istati Membri u klassifikazzjoni regolatorja tas-sanzjonijiet adattata biex tipprovdi gwida lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, lill-prosekuturi u lill-imħallfin fl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti f'din id-Direttiva.

Emenda 136

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta linji gwida biex tiċċara l-qafas proċedurali għall-parteciġazzjoni tal-membri tal-pubbliku fil-prosekuzzjoni kriminali tar-reati ambjentali, inkluża d-definizzjoni ta' kriterji ta' ammissibbiltà faċilment aċċessibbli.*

Emenda 137

Proposta għal direttiva
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

Emendi għad-Direttiva (UE) 2017/1371

Id-Direttiva (UE) 2017/1371 hija emendata kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-protezzjoni transfruntiera tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali;"

(2) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"6. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr aktar dewmien wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew f'konformità mal-Artikolu 86(4) tat-TFUE, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tistabbilixxi l-Prosektur Ekoloġiku tal-UE billi tagħti s-setgħa lill-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku Ewropew li jitlob investigazzjonijiet u jibda proċedimenti

legali fir-rigward tar-reati kriminali koperti mid-Direttiva 202x/xxxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u billi tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE⁺ u l-ħsara ambjentali u l-kriminalità fuq skala tal-Unjoni, kif ukoll proposta biex temenda u tikkomplementa kif xieraq ir-Regolament (UE) 2017/1939 biex tirrifletti l-estensjoni tal-mandat tal-UPPE biex ikopri l-kriminalità ambjentali serja."

⁺ *ĠU daħħal in-numru u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-att proċedurali 2021/0422 (COD).*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE
Referenzi	COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 27.1.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PETI 24.3.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Vlad Gheorghe 1.3.2022
Data tal-adozzjoni	30.11.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 –: 13 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Margrete Auken, Markus Buchheit, Tamás Deutsch, Francesca Donato, Alexis Georgoulis, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Ana Miranda, Dolores Montserrat, Ulrike Müller, Emil Radev, Yana Toom, Loránt Vincze, Michal Wiezik, Tatjana Ždanoka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Demetris Papadakis, Anne-Sophie Pelletier, Marie-Pierre Vedrenne
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Jorge Buxadé Villalba, Eider Gardiazabal Rubial, Alicia Homs Ginel, Hermann Tertsch, Marie Toussaint, Juan Ignacio Zoido Álvarez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

17	+
NI	Tatjana Ždanoka
Renew	Vlad Gheorghe, Yana Toom, Marie-Pierre Vedrenne, Michal Wiezik
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Marc Angel, Eider Gardiazabal Rubial, Alicia Homs Ginel, Cristina Maestre Martín De Almagro, Demetris Papadakis
The Left	Alexis Georgoulis, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Margrete Auken, Ana Miranda, Marie Toussaint

13	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Hermann Tertsch
ID	Markus Buchheit
NI	Francesca Donato
PPE	Pablo Arias Echeverría, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Peter Jahr, Stelios Kypourouopoulos, Dolors Montserrat, Emil Radev, Loránt Vincze, Juan Ignacio Zoido Álvarez

2	0
NI	Tamás Deutsch
Renew	Ulrike Müller

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE			
Referenzi	COM(2021)0851 – C9-0466/2021 – 2021/0422(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	15.12.2021			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 27.1.2022			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 24.3.2022	ENVI 27.1.2022	LIBE 27.1.2022	PETI 24.3.2022
Rapporteurs Data tal-ħatra	Antonius Manders 28.2.2022			
Rapporteurs preċedenti	Manon Aubry			
Eżami fil-kumitat	14.7.2022	27.10.2022	29.11.2022	
Data tal-adozzjoni	21.3.2023			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	22 0 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Manon Aubry, Ilana Cicurel, Virginie Joron, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Raffaele Stancanelli, Marie Toussaint, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Pascal Durand, Antonius Manders, Emil Radev, René Repasi			
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Frances Fitzgerald, Fabienne Keller			
Data tat-tressiq	28.3.2023			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

22	+
ECR	Raffaele Stancanelli
ID	Virginie Joron, Gilles Lebreton
PPE	Pascal Arimont, Daniel Buda, Frances Fitzgerald, Antonius Manders, Emil Radev, Axel Voss, Marion Walsmann
Renew	Ilana Cicurel, Fabienne Keller, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
S&D	Pascal Durand, Maria-Manuel Leitão-Marques, René Repasi, Tiemo Wölken, Lara Wolters
The Left	Manon Aubry
Verts/ALE	Sergey Lagodinsky, Marie Toussaint

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni